

Brussell, 2 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11146/25

JAI 992
FREMP 183
POLGEN 69
JUSTCIV 125
CONSOM 125
DROIPEN 75
EJUSTICE 39

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 1 ta' Lulju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 375 final.

Mehmuż: COM(2025) 375 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2025
COM(2025) 375 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT
EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025

1. INTRODUZZJONI

Is-sistemi tal-ġustizzja effettivi huma essenzjali għall-applikazzjoni u għall-infurzar tad-dritt tal-UE u għaż-żamma tal-istat tad-dritt u ta' valuri oħra li l-UE hija bbażata fuqhom u Judicial Courts of the Member States of the European Union (NADAL Network). li huma komuni għall-Istati Membri. Il-qrati nazzjonali jaġixxu bħala qrati tal-UE meta japplikaw id-dritt tal-UE. Huma l-qrati nazzjonali li jiżguraw fl-ewwel lok li d-drittijiet u l-obbligi previsti skont id-dritt tal-UE jiġu eżegwiti b'mod effettiv (l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)).

Barra minn hekk, is-sistemi tal-ġustizzja effettivi huma essenzjali wkoll għall-fiduċja reċiproka u għat-titjib tal-klima tal-investment u tas-sostenibbiltà tat-tkabbir fit-tul. Għal din ir-raġuni, it-titjib tal-effiċjenza, tal-kwalità u tal-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali huwa meqjus bħala waħda mill-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew – iċ-ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE. Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE tal-2025 ⁽¹⁾ u r-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività tal-2025 li jakkumpanjah⁽²⁾ ifakkru li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa ċentrali għall-funzjonament tas-Suq Uniku, peress li jipprovdni ambjent operattiv stabbli li jaġhti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha vantaġġ kompetittiv globali. L-istat tad-dritt jiżgura ambjent tan-negozju li fih il-liġijiet japplikaw b'mod effettiv u uniformi, fejn in-negozji jistgħu jaħdmu fi Stat Membru ieħor fuq l-istess livell mal-kumpanji lokali, u l-baġits jintefqu fuq bażi trasparenti u oġġettiva. Is-sistemi tal-ġustizzja li jaħdmu kif suppost u li jkunu kompletament indipendenti jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-investment u huma essenzjali għall-protezzjoni tal-investment. Dawn huma assoċjati ma' produttività u kompetittività akbar. Dawn huma wkoll importanti sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni transfruntiera effettiva tal-kuntratti, tad-deċiżjonijiet amministrattivi u tas-soluzzjoni ta' tilwim, li huma essenzjali għall-funzjonament tas-Suq Uniku ⁽³⁾.

F'dan il-kuntest, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tippreżenta ħarsa ġenerali annwali lejn l-indikaturi li jkejlu fuq it-tliet parametri essenzjali ta' sistemi tal-ġustizzja effettivi:

- l-effiċjenza;
- il-kwalità;
- l-indipendenza.

Iċ-ċifri l-ġodda u aġġornati jinkludu data dwar l-aċċessibbiltà għall-ġustizzja għall-vittmi tal-kriminalità, għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa/il-vjolenza domestika u għall-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni u għall-persuni akbar fl-età, kif ukoll dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja ⁽⁴⁾. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 tkompli tiżviluppa indikaturi oħra, fid-dawl tal-inklużjoni ta' dimensjoni tas-suq uniku għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, kif imħabbar fil-Linji Gwida Poliċi 2024-2029 tal-President von der Leyen. Din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta, taħt titolu ġdid "Indikaturi oħra rilevanti għas-suq uniku", l-indikaturi rilevanti għall-

¹ Il-Boxxla tal-UE tal-2025 biex terġa' tinkiseb il-kompetittività u tiġi żgurata l-prosperità sostenibbli, COM(2025) 30 final.

² COM(2025) 26 final.

³ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku, COM(2020)93 u l-SWD(2020)54 li jakkumpanjaha.

⁴ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Strumentarju ta' opportunitajiet COM(2020)710 u l-SWD(2020)540 li jakkumpanjaha.

funzjonament tas-suq uniku, li għalihom huma ċentrali s-sistemi tal-ġustizzja effettivi u r-rispett għall-istat tad-dritt. Hija ssaħħa id-dimensjoni tan-negozju u tas-suq uniku billi tippreżenta indikaturi ġodda dwar il-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku, l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

– *Iċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt* –

Fl-2020, il-Kummissjoni stabbiliet iċ-Ċiklu Annwali Komprensiv tal-Istat tad-Dritt biex tapprofondixxi l-monitoraġġ tagħha tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Iċ-Ċiklu tal-Istat tad-Dritt jaġixxi bħala għodda preventiva, li tapprofondixxi d-djalogu u s-sensibilizzazzjoni konġunta dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt. Fiċ-ċentru taċ-ċiklu hemm ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, li jipprovdi sinteżi ta' żviluppi sinifikanti – kemm pożittivi kif ukoll negattivi – fl-Istati Membri kollha u fl-UE kollha kemm hi. Ir-rapport, li l-iktar edizzjoni riċenti tiegħu ġiet ippubblikata fl-24 ta' Lulju 2024, huwa bbażat fuq diversi sorsi, inkluża t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE ⁽⁵⁾. It-tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 ġiet żviluppata aktar biex tirrifletti l-ħtieġa għal informazzjoni komparattiva addizzjonali identifikata matul it-tnejn tar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, sabiex tappoġġa r-rapporti li ġejjin dwar l-Istat tad-Dritt.

X'inhi t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE hija għodda ta' informazzjoni komparattiva annwali. L-iskop tagħha huwa li tassisti lill-Istati Membri sabiex itejbu l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom billi tipprovdi data oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar għadd ta' indikaturi rilevanti għall-valutazzjoni ta' (i) l-effiċjenza, (ii) il-kwalità u (iii) l-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha. Ma tippreżentax klassifikazzjoni unika ġenerali. Iżda, tagħti ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja kollha, fuq il-bażi ta' indikaturi li huma ta' interess komuni u rilevanza għall-Istati Membri kollha.

It-Tabella ta' Valutazzjoni ma tippromwovi l-ebda tip partikolari ta' sistema tal-ġustizzja u tittratta lill-Istati Membri kollha b'mod ugwali.

L-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma parametri essenzjali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva, ikun xi jkun il-mudell tas-sistema tal-ġustizzja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li tkun ibbażata fuqha. Jenħtieġ li d-data dwar dawn it-tliet parametri tinqara flimkien, għaliex it-tlieta spiss ikunu marbutin flimkien (l-inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbu wieħed jistgħu jaffettwaw ieħor).

It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi li jikkonċernaw l-aktar il-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi, u, soġġett għad-disponibbiltà tad-data, ċerti kawżi kriminali (jiġifieri kawżi li jikkonċernaw il-ħasil tal-flus u t-tixħim fil-qrati tal-prim'istanza). L-għan tagħha huwa li tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex joħlqu ambjent effiċjenti u li jiffavorixxi l-investiment li jaħdem fl-interess kemm tan-negozju kif ukoll tal-pubbliku. It-Tabella ta' Valutazzjoni hija għodda komparattiva li tevolvi waqt id-djalogu mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew ⁽⁶⁾. L-oġġettiv tagħha huwa li tevalwa l-parametri essenzjali ta' sistema tal-ġustizzja effettiva u li tipprovdi data annwali rilevanti.

⁵ https://commission.europa.eu/publications/2024-rule-law-report-communication-and-country-chapters_mt

⁶ Pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 (P8_TA(2018)0216).

X'inhi l-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tuża firxa ta' sorsi ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ, Council of Europe's European Commission for the Efficiency of Justice) tal-Kunsill Ewropew, li magħha l-Kummissjoni kkonkludiet kuntratt sabiex twettaq studju annwali speċifiku, tipprovdi l-biċċa l-kbira tad-data kwantitattiva. Din id-data tkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2023, u ġiet ipprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-metodoloġija tas-CEPEJ. L-istudju jipprovdi wkoll kummenti dettaljati u skedi informattivi speċifiċi għall-pajjiż li jagħtu aktar kuntest. Jenħtieġ li dawn jinqraw flimkien mal-illustrazzjonijiet ⁽⁷⁾.

Id-data dwar it-tul tal-proċedimenti miġbura mis-CEPEJ turi l-“ħin tad-disponiment” – it-tul ikkalkulat tal-proċedimenti tal-qorti (ibbażat fuq proporzjon bejn il-kawżi pendenti u dawk solvuti fuq medda ta' sena). Id-data dwar l-effiċjenza tal-qrati u tal-awtoritajiet amministrattivi fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE f'oqsma speċifiċi turi li t-tul medju tal-proċedimenti kien joriġina mit-tul reali tal-kawżi tal-qorti. Innota li t-tul tal-proċedimenti tal-qorti jista' jvarja sostanzjalment bejn reġjuni differenti fi Stat Membru; il-kawżi jistgħu jieħdu partikolarment fit-tul f'ċentri urbani fejn il-konċentrazzjoni ta' attivitajiet kummerċjali tista' twassal għal ammont oġhla ta' kawżi.

Sorsi oħra ta' data, li jkopru l-perjodu mill-2014 sal-2024, huma:

- il-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali ⁽⁸⁾;
- in-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ, European Network of Councils for the Judiciary) ⁽⁹⁾;
- in-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE (NPSJC, Network of the Presidents of the Supreme Judicial Courts of the EU) ⁽¹⁰⁾;
- l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u l-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-UE (ACA-Europe, Association of the Councils of State and Supreme Administrative Jurisdictions of the EU) ⁽¹¹⁾;
- il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE, Council of Bar and Law Societies in Europe) ⁽¹²⁾;
- in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) ⁽¹³⁾;

⁷ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt

⁸ Sabiex tgħin fit-tnejn ta' Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jaħtru żewġ persuni ta' kuntatt, waħda mill-ġudikatura u l-oħra mill-ministeru tal-ġustizzja. Dan il-grupp informali jiltaqa' regolarment.

⁹ L-ENCJ jgħaqqad lill-istituzzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri li huma indipendenti mill-eżekuttiv u mill-leġiżlatura, u li huma responsabbli għall-appoġġ tal-ġudikatura fl-implimentazzjoni indipendenti tal-ġustizzja: <https://www.encj.eu/>

¹⁰ L-NPSJC jipprovdi forum li jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej l-opportunità li jitolbu l-opinjoni tal-qrati supremi u sabiex jingħaqdu aktar mill-qrib billi jħeġġu d-diskussjoni u l-iskambju tal-ideat: <http://network-presidents.eu/>

¹¹ ACA-Europe hija komposta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u mill-Kunsilli tal-Istat jew mill-ġurisdizzjonijiet amministrattivi Supremi ta' kull Stat Membru: <https://www.aca-europe.eu/index.php/en/>

¹² Is-CCBE jirrappreżenta lill-għaqdiet Ewropej tal-avukati fl-interessi komuni tagħhom quddiem istituzzjonijiet Ewropej u istituzzjonijiet internazzjonali oħra. Jaġixxi regolarment bħala punt ta' kollegament bejn il-membri tiegħu u l-istituzzjonijiet Ewropej, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u organizzazzjonijiet legali oħra madwar id-dinja: <https://www.ccbe.eu/>

¹³ In-NEK ġie stabbilit bħala forum għad-diskussjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-kompetizzjoni f'każijiet fejn jiġu applikati l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (it-TFUE). In-NEK huwa l-qafas għall-kooperazzjoni mill-qrib imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003.

- in-Network tal-Korpi ta' Rieżami tal-Prim' Istanza dwar l-Akkwist Pubbliku ⁽¹⁴⁾;
- il-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM, Communications Committee) ⁽¹⁵⁾;
- l-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ⁽¹⁶⁾;
- in-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC, Consumer Protection Cooperation Network) ⁽¹⁷⁾;
- il-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (EGMLTF, Expert Group on Money Laundering and Terrorist Financing) ⁽¹⁸⁾;
- il-Eurostat ⁽¹⁹⁾;
- il-punti ta' kuntatt nazzjonali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni ⁽²⁰⁾;
- in-Network ta' Prosekuturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (in-Network NADAL)⁽²¹⁾; u
- il-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika ⁽²²⁾.

Tul is-snin, il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni kompliet tiġi żviluppata u rfinata aktar f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' kwestjonarju (aġġornat kull sena) u l-ġbir ta' data dwar ċerti aspetti tal-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja.

Id-disponibbiltà tad-data, b'mod partikolari għall-indikaturi dwar l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja, tkompli titjieb. Dan għaliex ħafna Stati Membri investew fil-kapaċità tagħhom li jipproduċu statistika ġudizzjarja aħjar. Fejn jippersistu diffikultajiet fil-ġbir jew fil-provvista tad-data, dan ikun dovut jew għal kapaċità statistika insuffiċjenti jew inkella għall-fatt li l-kategoriji nazzjonali li għalihom tinġabar id-data

Permezz tan-NEK, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE jikkooperaw ma' xulxin: http://ec.europa.eu/competition/ecn/index_mt.html

- ¹⁴ In-Network tal-Korpi ta' Rieżami tal-Prim' Istanza dwar l-Akkwist Pubbliku ġie stabbilit biex isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' rieżami tal-prim' istanza dwar l-akkwist pubbliku fl-UE. Il-kompitu tal-grupp huwa li jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar ir-Rimedji u l-funzjonament tas-sistemi nazzjonali ta' rimedju. Bħala riżultat tal-evalwazzjoni tal-effettività tad-Direttivi dwar ir-Rimedji (COM(2017) 28 tal-24 ta' Jannar 2017), il-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ lill-korpi ta' rieżami tal-prim' istanza biex jikkooperaw sabiex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u l-prattika tajba.
- ¹⁵ Il-COCOM huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE. Ir-rwol ewlieni tiegħu huwa li jagħti opinjoni dwar l-abbozz ta' miżuri li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta dwar kwistjonijiet relatati mas-suq diġitali: <https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/committees/C15401/consult?lang=mt>
- ¹⁶ L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali huwa network ta' esperti u ta' partijiet ikkonċernati speċjalisti. Huwa magħmul minn rappreżentanti tas-settur pubbliku u privat, li jikkollaboraw fi gruppi ta' ħidma attivi: <https://euipo.europa.eu/ohimportal/mt/web/observatory/home>
- ¹⁷ Is-CPC huwa network ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE: https://commission.europa.eu/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/enforcement-consumer-protection/consumer-protection-cooperation-network_mt
- ¹⁸ L-EGMLTF jiltaqa' regolarment sabiex jikkondividi l-fehmiet tiegħu u jgħin lill-Kummissjoni tiddefinixxi politika u tabbozza leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu: https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=en&do=groupDetail_groupDetail&groupID=2914
- ¹⁹ Il-Eurostat huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE: <https://ec.europa.eu/eurostat/>
- ²⁰ Il-Kummissjoni għandha grupp informali ta' persuni ta' kuntatt li jittrattaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ara wkoll https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/democracy-eu-citizenship-anti-corruption/anti-corruption/eu-network-against-corruption_mt
- ²¹ <https://attorneygeneral.mt/activities/nadal-network-conference/>
- ²² Il-Kumitat ta' Kuntatt jgħaqqad flimkien il-kapijiet tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Istati Membri u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u jipprovdi forum għad-diskussjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-awditjar u fl-attivitàjiet relatati. <https://www.eca.europa.eu/sites/CC/mt/pages/about.aspx>

ma jikkorrispondux eżattament għal dawk użati għat-Tabella ta' Valutazzjoni. Fi ftit każijiet biss hemm diskrepanza fid-data minħabba nuqqas ta' kontributi mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli thegħgħ lill-Istati Membri sabiex ikompli jnaqqsu din id-diskrepanza fid-data.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE kif tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew u kif hija relatata mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tipprovi data għall-valutazzjoni tal-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. B'dan il-mod, għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri jagħmlu s-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom aktar effettivi. Billi tqabbel l-informazzjoni dwar is-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri, it-Tabella ta' Valutazzjoni tagħmilha aktar faċli sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u n-nuqqasijiet u sabiex jinżamm rendikont tal-isfidi u tal-progress li jkun sar. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż isiru permezz ta' djalogu bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati. Fejn in-nuqqasijiet identifikati jkollhom sinifikat makroekonomiku, l-analiżi tas-Semestru Ewropew tista' twassal sabiex il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għat-titjib tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali fl-Istati Membri individwali ⁽²³⁾.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għamlet disponibbli aktar minn EUR 650 biljun f' self u f' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li minnhom kull Stat Membru jkollu jalloka minimu ta' 20% għat-tranżizzjoni diġitali u minimu ta' 37% għal miżuri li jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi. S'issa, ir-riformi u l-investimenti proposti mill-Istati Membri qabżu dawn il-miri, b'nefqa diġitali stmata ta' 26 % u nefqa klimatika ta' madwar 42 %. L-RRF toffri opportunità sabiex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja u sabiex jiġu aċċellerati l-isforzi nazzjonali sabiex titlesta t-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-ġustizzja. Il-pagamenti lill-Istati Membri skont l-RRF ibbażata fuq il-prestazzjoni huma soġġetti għar-realizzazzjoni tal-oġġettivi intermedji u l-miri. Sa issa, ġew proposti 7 100 oġġettiv intermedju u mira, li minnhom madwar żewġ terzi huma relatati ma' investimenti u terz ma' riformi. Skont ir-Regolament tal-RRF, qabel l-adozzjoni tagħhom, il-Kummissjoni kellha tivvaluta jekk il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs, recovery and resilience plans) tal-Istati Membri setgħux jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew għadd sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew l-isfidi identifikati f'dokumenti oħra tal-Kummissjoni adottati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ⁽²⁴⁾. Wara l-pagamenti ta' pefinanzjament kif ukoll it-talbiet għall-pagament mill-Istati Membri u l-valutazzjonijiet pożittivi mill-Kummissjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti tal-oġġettivi intermedji u l-miri rispettivi ⁽²⁵⁾, ġew żborżati t-total ta' EUR 308,04 biljun f' għotjiet u self tal-RRF lill-Istati Membri sa Mejju 2025. Fl-istess perjodu ta' żmien, it-twertiq ta' 71 % tal-oġġettivi intermedji u l-miri għad irid jiġi vvalutat mill-Kummissjoni.

Għaliex is-sistemi tal-ġustizzja effettivi huma importanti għal ambjent li jippromwovi l-investment?

²³ Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill, fuq il-proposta tal-Kummissjoni, indirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar is-sistema tal-ġustizzja tagħhom ta' seba' Stati Membri fl-2019 (HR, IT, CY, HU, MT, PT u SK) u tmien Stati Membri fl-2020 (HR, IT, CY, HU, MT, PL, PT u SK). Fl-2021 ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż minħabba l-proċessi li kienu għaddejjin tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility). Fl-2022, kien hemm żewġ Stati Membri (PL u HU) b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-indipendenza ġudizzjarja. Fl-2024, Stat Membru wieħed kellu rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatata mal-effettività, l-indipendenza u l-integrità tas-sistema ġudizzjarja u kontra l-korruzzjoni (SK).

²⁴ L-Artikolu 19(3)(b) u l-Artikolu 24(3) u (5) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

²⁵ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE hija waħda mis-sorsi ta' informazzjoni li tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew. Din l-informazzjoni ma tippreġudikax il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-issodisfar tal-oġġettivi intermedji u l-miri taħt l-RRF.

Is-sistemi tal-ġustizzja effettivi li jipproteġu l-istat tad-dritt għandhom impatt ekonomiku pożittiv. Ir-rispett għall-istat tad-dritt jiżgura ambjent tan-negozju li fih il-liġijiet japplikaw b' mod effettiv u uniformi, fejn in-negozji jistgħu joperaw fi Stat Membru ieħor fuq l-istess livell mal-kumpaniji lokali. L-istat tad-dritt huwa ċentrali għall-funzjonament tas-suq uniku u għaż-żamma ta' ambjent operattiv stabbli li jagħti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha vantaġġ kompetittiv globali ⁽²⁶⁾. Is-sistemi tal-ġustizzja effettivi huma wkoll partikolarment rilevanti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u tal-RRF. Fejn is-sistemi ġudizzjarji jggarantixxu l-infurzar tad-drittijiet, huwa aktar probabbli li l-kredituri jsellfu, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jitnaqqsu u huwa aktar probabbli li n-negozji jinvestu, ikollhom fiduċja akbar u jiġu skoraġġuti minn imġiba opportunistika. Fil-fatt, sistema tal-ġustizzja effettiva hija vitali għal tkabbir ekonomiku sostnut. Dan jista' jtejjeb il-klima tan-negozju, irawwem l-innovazzjoni, jattira l-investment dirett barrani, jiżgura d-dħul mit-taxxa u jappoġġa t-tkabbir ekonomiku. Il-benefiċċji ta' sistemi tal-ġustizzja nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb għall-ekonomija huma kkonfermati minn firxa wiesgħa ta' studji ⁽²⁷⁾, inkluż mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ⁽²⁸⁾, mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ⁽²⁹⁾, min- Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura ⁽³⁰⁾, mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Cooperation and Development) ⁽³¹⁾, mill-Forum Ekonomiku Dinji ⁽³²⁾, u mill-Bank Dinji ⁽³³⁾.

Studju wieħed sab korrelazzjoni qawwija bejn tnaqqis fit-tul tal-proċedimenti tal-qorti (imkejjejl fiż-żmien għat-tlestija ⁽³⁴⁾) u r-rata ta' tkabbir tal-kumpaniji ⁽³⁵⁾. Barra minn hekk, skont l-istudju, perċentwal ogħla

²⁶ Il-Boxxla tal-Kompetittività għall-UE, COM(2025) 30 final, p. 19, Ir-Rapport Annwali tal-2025 dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, COM(2025) 26 final, p. 3.

²⁷ “Justice and finance: Does judicial efficiency contribute to financial system efficiency?” (2024) Muhammad Atif Khan, Muhammad Asif Khan, Mohammed Arshad Khan, Shahid Hussain, Veronika Fenyves: <https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2214845023001709> ; Chemin, M., 2020. “Judicial efficiency and firm productivity: Evidence from a world database of judicial reforms”, *The Review of Economics and Statistics* 102(1): p. 49–64, <https://direct.mit.edu/rest/article/102/1/49/58536/Judicial-Efficiency-and-Firm-Productivity-Evidence> ; Kapopoulos, P. and Rizos, A., 2024. “Judicial efficiency and economic growth: Evidence based on European Union data”, *Scottish Journal of Political Economy* 71(1): p. 101-131, <https://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1111/sjpe.12357?msocid=1a8244b340af65701f02511641c36474>

²⁸ FMI, Regional Economic Outlook, Novembru 2017, *Europe: Europe Hitting its Stride*, p. xviii, p. 40, 70: <https://www.imf.org/~media/Files/Publications/REO/EUR/2017/November/eur-booked-print.ashx?la=en>

²⁹ BCE, “Structural policies in the euro area”, Ġunju 2018, ECB Occasional Paper Series Nru 210: <https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/scpops/ecb.op210.mt.pdf?3db9355b1d1599799aa0e475e5624651>

³⁰ In-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u ċ-Ċentru ta' Montaigne għall-Istat tad-Dritt u l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-Università ta' Utrecht, “Economic value of the judiciary – A pilot study for five countries on volume, value and duration of large commercial cases”, Ġunju 2021: <https://pgwrk-websitemedia.s3.eu-west-1.amazonaws.com/production/pwk-web-encj2017-p/Reports/Economic%20value%20of%20the%20judiciary%20-%20pilot%20study.pdf>

³¹ Ara pereżempju “What makes civil justice effective?” Noti Tematiċi tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD, Nru 18, Ġunju 2013 u “The Economics of Civil Justice: New Cross-Country Data and Empirics”, OECD Economics Department Working Papers, Nru 1060, Awwiessu 2013.

³² Forum Ekonomiku Dinji, “The Global Competitiveness Report 2019”, Ottubru 2019: <https://www.weforum.org/reports/global-competitiveness-report-2019>.

³³ Il-Bank Dinji, “World Development Report 2017: Governance and the Law”, il-Kapitolu 3: “The role of law”, p. 83, 140: <http://www.worldbank.org/en/publication/wdr2017>

³⁴ L-indikatur tal-“ħin tad-disponiment” huwa l-għadd ta' kawżi mhux maqtugħin diviż bl-għadd ta' kawżi maqtugħin sa tmiem is-sena mmultiplikata bi 365 (jum). Dan huwa indikatur standard żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Ewropa (CEPEJ, Council of Europe's European Commission for the Efficiency of Justice): http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp

³⁵ Vincenzo Bove u Leandro Elia, “The judicial system and economic development across EU Member States”, Rapport Tekniku tal-JRC, EUR 28440 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2017:

ta' kumpaniji li jqisu s-sistema tal-ġustizzja bħala indipendenti jikkorrelataw ma' fatturat oġhla tal-kumpaniji u tkabbir akbar fil-produttività ⁽³⁶⁾.

Stħarriġ ieħor enfażizza l-importanza ta' sistema ġudizzjarja nazzjonali effettiva għad-deċiżjonijiet ta' investiment tal-kumpaniji u l-kapaċità li jsoġu l-kunflitti dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Pereżempju, fi stħarriġ wieħed, 93% tal-kumpaniji l-kbar wieġbu li huma rrieżaminaw b'mod sistematiku l-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt (inkluża l-indipendenza tal-qrati) fuq bażi kontinwa fil-pajjiżi li jinvestu fihom ⁽³⁷⁾. Fi stħarriġ ieħor, aktar minn nofs l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) wieġbu li l-kostijiet għolja u t-tul eċċessiv tal-proċedimenti ġudizzjarji kienu r-raġunijiet ewlenin talli ma fetħux proċedimenti ġudizzjarji dwar ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ⁽³⁸⁾. L-importanza ta' sistemi tal-ġustizzja effettivi għall-funzjonament tas-suq uniku, b'mod partikolari għan-negozji, hija enfazzata wkoll fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni *L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku* ⁽³⁹⁾ u *Pjan ta' azzjoni għall-infurzar tas-suq uniku* ⁽⁴⁰⁾.

Il-Kummissjoni kif tappoġġa l-implimentazzjoni ta' riformi fil-ġustizzja tajba permezz ta' appoġġ tekniku?

L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq l-appoġġ tekniku tal-Kummissjoni disponibbli permezz tat-Task Force għar-Riforma u l-Investiment (SG REFORM) taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument)⁽⁴¹⁾. L-għan tat-TSI huwa li jipprovdi lill-Istati Membri rikjedenti appoġġ tekniku biex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tagħhom għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi. Mill-2021 sal-2025, it-TSI ffinanzja 36 proġett, li kienu jinkludu 43 riforma, biex jappoġġa lil 20 Stat Membru sabiex jimplimentaw ir-riformi tal-ġustizzja tagħhom. It-TSI ilu jappoġġa proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità u l-effettività tal-ġustizzja, bħall-ingranaġġ tat-teknoloġija biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi tax-xogħol tal-kawż u jittieħed approċċ immexxi mid-data biex jiġu allokati l-volum ta' kawżi u r-riżorsi, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għall-gruppi vulnerabbli, u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni għal litigazzjoni effettiva ta' kawżi ta' korruzzjoni ta' profil għoli u transfruntieri. Is-sejħa għall-proposta tat-TSI tal-2025 ipprovdi pjaforma lill-Istati Membri biex japplikaw għal appoġġ dwar ir-riformi tad-diġitalizzazzjoni bħall-użu tat-teknoloġija biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-litigazzjoni tal-massa u l-kompiti ta' rutina awtomatizzati biex jitnaqqsu l-isforz u l-iżbalji manwali, sabiex l-imħallfin u l-persunal amministrattiv ikunu jistgħu jiffukaw fuq il-kompiti aktar eżiġenti. It-TSI jikkomplementa wkoll strumenti oħrajn, jiġifieri l-RRF, peress li jista' jappoġġa lill-Istati Membri

http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC104594/jrc104594_2017_the_judicial_system_and_economic_development_across_eu_member_states.pdf

³⁶ *Idem*.

³⁷ L-Unità tal-Intelligence ta' The Economist, "Risk and Return – Foreign Direct Investment and the Rule of Law", 2015 http://www.biiel.org/documents/625_d4_fdi_main_report.pdf, p.22.

³⁸ L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-UE (EUIPO, EU Intellectual Property Office), It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs dwar il-Proprietà Intellettuali (PI), 2016: https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/observatory/documents/sme_scoreboard_study_2016/Executive-summary_en.pdf

³⁹ COM(2020)93 u SWD(2020)54.

⁴⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku*", COM(2020)94, ara b'mod partikolari l-azzjonijiet 4, 6 u 18.

⁴¹ <https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/programmes/tsi>

Ir-Regolament dwar it-TSI ġie adottat f'Marzu 2021. Skont l-Artikolu 5, l-għan tiegħu huwa li jappoġġa "ir-riforma istituzzjonali u l-funzjonament effiċjenti u orjentat lejn is-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvern elettroniku, is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri, l-awditjar, it-tisħiħ tal-kapaċità ta' assorbiment tal-fondi tal-Unjoni, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva, **stat tad-dritt effettiv, ir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji**, il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-antitrust, it-tisħiħ tas-superviżjoni finanzjarja, u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus" (enfasi miżjuda).

fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs, recovery and resilience plans). L-RRPs jinkludu azzjonijiet dwar it-titjib tal-effettività tal-ġustizzja, jiġifieri permezz tad-diġitalizzazzjoni, it-tnaqqis tal-kawżi b'lura, it-titjib tal-ġestjoni tal-qrati u tal-kawżi, u r-riforma tal-mapep ġudizzjarji.

Il-programm dwar il-ġustizzja kif jappoġġa l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja?

B'baġit totali ta' madwar EUR 305 miljun għall-perjodu 2021-2027, il-programm dwar il-ġustizzja jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-Ispazju Ewropew ta' Ġustizzja abbażi tal-istat tad-dritt, inklużi l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, abbażi ta' rikonoxximent reċiproku u fiduċja reċiproka, u dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Fl-2024, ġew ipprovduti madwar EUR 41,2 miljun sabiex jiġu ffinanzjati proġetti u attivitajiet oħra taħt it-tliet objettivi speċifiċi tal-programm:

- ġew ipprovduti EUR 11,1 miljun biex tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali; kontribuzzjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar effettivi u koerenti tal-istrumenti tal-UE; u appoġġ għall-konnessjoni tal-Istati Membri mas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN, European Criminal Records Information System-Third Country Nationals);
- ġew ipprovduti EUR 15,9 miljun b'appoġġ għat-taħriġ tal-professjonisti legali dwar il-liġi ċivili, kriminali u tad-drittijiet fundamentali tal-UE, is-sistemi legali tal-Istati Membri u l-istat tad-dritt;
- ġew ipprovduti EUR 14,2 miljun biex jiġi promoss l-aċċess għall-ġustizzja (inkluża l-e-Ġustizzja); protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi u d-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati b'reat; u appoġġ għall-iżvilupp u l-użu ta' għodod diġitali u ż-żamma u l-estensjoni tal-portal tal-e-Ġustizzja (flimkien mal-programm Ewropa Diġitali).

Għaliex il-Kummissjoni timmonitorja d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali?

Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja hija kruċjali biex tiżdied l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji u hija għodda effiċjenti ħafna biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u tiżdied il-kwalità tal-ġustizzja. L-għodod diġitali jtejbju wkoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Wara l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri aċċelleraw ir-riformi tal-modernizzazzjoni f'dan il-qasam. L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) qed tintuża wkoll dejjem aktar fil-qasam tal-gustizzja⁴².

Mill-2013 'il hawn, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE inkludiet informazzjoni komparattiva fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri, pereżempju fl-oqsma tal-aċċess online għas-sentenzi jew tal-preżentazzjoni u s-segwitu ta' talba online.

Ir-Regolament (UE) 2023/2844 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri⁽⁴³⁾ jippermetti lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti fil-kuntest ta' proċedimenti transfruntieri, kif ukoll iħallsu t-tariffi tal-qorti b'mod elettroniku. Ir-Regolament joħloq ukoll bażi ġuridika għat-twettiq ta' vidjokonferenzi f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri. Qed jiġi stabbilit ukoll mezz ta' komunikazzjoni diġitali li għandu jintuża għall-iskambju ta' data bejn l-awtoritajiet

⁴² L-IA tista' tikkontribwixxi għal sistema tal-ġustizzja aktar effiċjenti billi tgħin lill-imħallfin u lill-professjonisti tal-ġustizzja jiffokaw fuq il-ħidma sostantiva tagħhom. Pereżempju, l-IA intużat fil-każijiet li ġejjin, fil-preżentazzjoni ta' dokumenti jew fit-trattament ta' kompiti ripetittivi, kif ukoll fir-riċerka tal-leġiżlazzjoni u tal-ġurisprudenza.

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, PE/50/2023/REV/1, ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023.

ġudizzjarji kompetenti. F'dan il-kuntest, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja se timmonitorja l-progress miksub mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament u l-użu tal-vidjokonferenzi.

Id-data mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 se tikkontribwixxi wkoll għall-istrateġija li ġejja dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali, biex is-sistemi tal-ġustizzja ċivili u kriminali tal-UE jsiru aktar effiċjenti, reżiljenti u siguri⁴⁴.

2. SEJBIET EWLENIN TAT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE TAL-2025

L-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma l-parametri ewlenin ta' sistema tal-ġustizzja effettiva. It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi għal kull wieħed minn dawn il-parametri.

2.1. Effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja

It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi għall-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wiesgħa tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u f'oqsma speċifiċi fejn l-awtoritajiet amministrattivi l-qrati japplikaw id-dritt tal-UE (⁴⁵).


2.1.1. Żviluppi fil-volum ta' kawżi

Il-volum ta' każijiet tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali naqas f'ħames Stati Membri, fi tnejn minnhom b'ammont kbir meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Dan żdied jew baqa' stabbli f'20 Stat Membru. B'mod ġenerali, dan għadu jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (Illustrazzjoni 1).

⁴⁴ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14517-Digital-Justice-strategy-for-2025-2030_mt


⁴⁵ L-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti hija importanti wkoll għall-effiċjenza ta' sistema tal-ġustizzja. Madankollu, ma hemmx data komparabbli disponibbli b'mod wiesa'. Aktar dettalji dwar is-sitwazzjoni tal-Istati Membri individwali huma ppreżentati fl-istudju tal-2024 dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE – profili tal-pajjiżi, imwettaq mis-Segretarjat tas-CEPEJ għall-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_mt.

Illustrazzjoni .: L-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ ⁽⁴⁶⁾)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, kawżi tad-dritt amministrattiv u kawżi oħrajn mhux ta' natura kriminali.


Illustrazzjoni .: L-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi li daħlu fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, eż. tilwim dwar kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, eż. ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati.

⁴⁶ Studju tal-2024 dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE, imwettaq mis-Segretarjat tas-CEPEJ għall-Kummissjoni: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#documents

Illustrazzjoni .: L-għadd ta' kawżi amministrattivi li daħlu fl-2014, fl-2021 – 2023 (*)
 (prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi tad-dritt amministrattivi jikkonċernaw tilwim bejn l-individwi u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali. **Id-DK** u **l-IE** ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. Bidliet fil-metodoloġija fil-**EL**, fis-**SK** u fl-**SE**.


2.1.2. Data ġenerali dwar l-effiċjenza

L-indikaturi dwar l-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wesgħin tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi huma: (i) it-tul stmat tal-proċedimenti (ħin tad-disponiment), (ii) ir-rata tal-għeluq tal-kawżi, u (iii) l-għadd ta' kawżi pendenti.

– Tul stmat tal-proċedimenti –

It-tul stmat tal-proċedimenti jindika ż-żmien stmat (f' ġranet) meħtieġ sabiex tinqata' kawża l-qorti, jiġifieri ż-żmien meħud mill-qorti sabiex tasal għal deċiżjoni fil-prim'istanza. “Ħin ta' disponiment” tindika ż-żmien minimu stmat li qorti tkun teħtieġ sabiex taqta' kawża filwaqt li żżomm il-kundizzjonijiet tax-xogħol kurrenti. Dan l-indikatur huwa kkalkulat bħala l-għadd ta' kawżi mhux maqtugħin diviż bl-għadd ta' kawżi maqtugħin sa tmiem is-sena mmultiplikata bi 365 (jum) ⁽⁴⁷⁾. Aktar ma jkun għoli l-valur, aktar ikun hemm probabbiltà li l-qorti tiegħu aktar żmien sabiex tasal għal deċiżjoni. Prinċipalment, id-data tikkonċerna l-proċedimenti fil-qrati ġenerali u tqabbel, fejn disponibbli, id-data għall-2014, 2021, 2022 u 2023 ⁽⁴⁸⁾. L-Illustrazzjoni 6 turi l-ħin tad-disponiment fl-2023 fil-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-istanzi kollha tal-qorti, u l-Illustrazzjoni 8 għall-kawżi amministrattivi fl-istanzi kollha tal-qorti.

Illustrazzjoni .: Iż-żmien meħtieġ stmat sabiex jinqatgħu kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, kawżi tad-dritt amministrattivi u kawżi oħrajn mhux ta' natura kriminali. Il-bidliet fil-metodoloġija fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Għal-LV, it-tnaqqis qawwi huwa dovut għar-riforma tas-sistema tal-qorti, għall-kontrolli tal-iżbalji u għat-tindif tad-data tas-sistema tal-informazzjoni. Fil-PT, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid li johlqo reġim ta' eżekuzzjoni ġdid daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013. Dan huwa bbażat fuq mudell ġdid, li jiddikjara li l-proċedimenti tal-qorti jridu jiġu distinti b'mod

⁴⁷ It-tul tal-proċedimenti, ir-rata tal-għeluq tal-kawżi u l-għadd ta' kawżi pendenti huma indikaturi standard definiti mis-CEPEJ: http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp.

⁴⁸ Is-snin intgħażlu sabiex tinżamm il-perspettiva fuq 9 snin, bis-sena 2014 bħala s-sena ta' referenza, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat l-affollament żejjed tal-illustrazzjonijiet. Id-data għall-2010, l-2012, l-2013, l-2015, l-2016, l-2017, l-2018, l-2019 u l-2020 hija disponibbli fir-rapport tas-CEPEJ.


ċar minn proċedimenti barra mill-qorti. Madankollu, sa issa ma kienx possibbli li l-ġbir tad-data jiġi aġġustat skont dan u li tiġi pprovduta d-data meħtieġa għal din l-Illustrazzjoni.

Illustrazzjoni .: Iż-żmien meħtieġ stmat sabiex jinqatgħu l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim’istanza fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim’istanza/fi għranet) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, eż. tilwim dwar kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, eż. ordnijiet ta’ ħlas mhux ikkontestati. Il-bidliet fil-metodoloġija fl-EL u fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Għall-IT, it-tnaqqis temporanju fl-attività ġudizzjarja minħabba miżuri restrittivi stretti biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19 affettwa l-ħin tad-disponiment. Id-data għan-NL tinkludi l-kawżi mhux kontenzjużi.


Illustrazzjoni .: Iż-żmien stmat meħtieġ sabiex jinqatgħu l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-istanzi kollha tal-qrati fl-2023 (*) (fil-prim’istanza, it-tieni istanza u t-tielet istanza/fi għranet) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) L-ordni tal-Istati Membri fl-illustrazzjoni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f’kull Stat Membru. Ma hemm l-ebda data disponibbli għall-qrati tal-prim’istanza u tat-tieni istanza f’CY, fin-NL u fl-IE,


għall-qorti tat-tieni istanza fil-**HR** u **fi ES** u għall-qorti tat-tielet istanza fil-**EL** u fis-**SK**. Ma hemm ebda qorti tat-tielet istanza fil-**DE** u f'**MT**. L-aċċess għal qorti tat-tielet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri.

Illustrazzjoni .: Iż-żmien meħtieġ sabbex jinqatgħu kawżi amministrattivi fil-prim'istanza fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi tad-dritt amministrattivi jikkonċernaw tilwim bejn l-individwi u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali. Bidliet fil-metodoloġija fil-**EL** u fis-**SK**. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha fiċ-**CZ** u, sal-2016, fis-**SK**. Id-**DK** u l-**IE** ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

Illustrazzjoni .: Iż-żmien meħtieġ sabbex jinqatgħu l-kawżi amministrattivi fl-istanzi kollha tal-qorti fl-2023 (*) (fil-prim'istanza u, fejn applikabbli, it-tieni u t-tielet istanza/fi ġranet) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Il-valuri għal xi Stati Membri tnaqqsu għal skopijiet ta' preżentazzjoni (**CY** fit-tieni istanza = 5,429). L-ordni tal-Istati Membri fl-illustrazzjoni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f'kull Stat Membru. L-ebda data disponibbli għall-qorti tat-tieni istanza fil-**BE**, iċ-**CZ**, l-**HU**, **MT**, l-**AT**, il-**PL**, ir-**RO**, is-**SI**, is-**SK** u l-**FI**, għall-qorti tat-tielet istanza fil-**LT**, il-**LU** u **MT**. Il-qorti suprema, jew l-ogħla qorti oħra, hija l-unika istanza ta' appell fiċ-**CZ**, l-**IT**, l-**AT**, is-**SI** u l-**FI**. Ma hemm l-ebda qorti tat-tielet istanza għal dawn it-tipi ta' kawżi fil-**LT**, il-**LU** u f'**MT**. L-ogħla qorti amministrattiva hija l-ewwel u l-unika istanza għal ċerti kawżi fil-**BE**. L-aċċess għall-qorti tat-

tielet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri. Id-**DK** u l-**IE** ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. F'**CY**, l-organizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja għaddiet minn riforma sinifikanti f'Lulju 2023, inkluż l-istabbiliment ta' Qorti tal-Appelli u tat-tielet istanza.

– Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi –


Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi hija l-proporzjon ta' kawżi maqtugħin għal kawżi deħlin. Din tkejjel jekk qorti tkunx qed tlaħħaq mal-volum tagħha ta' kawżi li jkunu deħlin. Fejn ir-rata tal-għeluq tal-kawżi tkun madwar 100% jew aktar, dan ifisser li s-sistema ġudizzjarja tkun kapaċi taqta' tal-anqas il-kawżi kollha li jidħlu. Meta r-rata tal-għeluq tal-kawżi tkun ta' anqas minn 100%, din tfisser li l-qrati qegħdin jaqtgħu anqas kawżi mill-għadd ta' kawżi li jidħlu.

Illustrazzjoni .: Ir-rata ta' riżoluzzjoni ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim istanza/f' % — valuri oġġla minn 100% jindikaw li jinqatgħu aktar kawżi milli jidħlu, filwaqt li valuri anqas minn 100% jindikaw li jinqatgħu anqas kawżi milli jidħlu) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, kawżi tad-dritt amministrattiv u kawżi oħrajn mhux ta' natura kriminali. Bidliet fil-metodoloġija fis-**SK**. Fl-**IE**: minħabba l-metodoloġija, huwa mistenni li jkun irrapporjat għadd anqas mill-għadd reali ta' kawżi maqtugħin.

Illustrazzjoni .: Ir-rata ta' rizzoluzzjoni ta' kawżi ċivil u kummerċjali kontenzjużi fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Bidliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Fl-IE: minħabba l-metodoloġija, huwa mistenni li jkun irrapportat għadd anqas mill-għadd reali ta' kawżi maqtugħin. Id-data għan-NL tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.

Illustrazzjoni .: Rata ta' rizzoluzzjoni ta' kawżi amministrattivi fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (il-prim'istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Il-bidliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament. F'CY, l-għadd ta' kawżi maqtugħin żdied minħabba li l-kawżi ġew ipproċessati flimkien, ġew irtirati 2 724 kawża konsolidata u ġiet stabbilita qorti amministrattiva fl-2015.

– Kawżi pendenti –


L-għadd ta' kawżi pendenti jindika l-għadd ta' kawżi li għadhom ma ġewx deċiżi sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan jaffettwa wkoll il-ħin tad-disponiment.

Illustrazzjoni .: Għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u kawżi oħrajn pendenti fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, kawżi tad-dritt amministrattiv u kawżi oħrajn mhux ta' natura kriminali. Bidliet fil-metodoloġija fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-kawżi quddiem il-qrati tal-istanzi kollha fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK.

Illustrazzjoni .: Għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi pendenti fl-2014, 2021 – 2023 (*) (prim'istanza/kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Bidliet fil-metodoloġija fil-EL u s-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha tal-qorti fiċ-CZ u, sal-2016, fis-SK. Id-data għan-NL tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.

Illustrazzjoni .: Għadd ta' kawżi amministrattivi pendenti fl-2014, fl-2021 – 2023 (*)
(prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Il-bidliet fil-metodoloġija fil-EL u fis-SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-kawżi quddiem il-qorti tal-istat kollha fiċ-*CZ* u, sal-2016, fis-SK, id-DK u l-IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

2.1.3. Effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE

Id-data f'din it-taqsimha tikkomplementa d-data ġenerali dwar l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja. Dan juri t-tul medju tal-proċedimenti (49) f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 tibni fuq id-data preċedenti dwar il-kompetizzjoni, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, it-trademark tal-UE, il-liġi tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-korruzzjoni.

Is-sitt oqsma tad-dritt tal-UE ntgħażlu minħabba r-rilevanza tagħhom għas-suq uniku u għall-ambjent tan-negozju. Il-ħarsa ġenerali lejn l-effiċjenza tal-awtoritajiet amministrattivi tkompli f'din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni, b'illustrazzjonijiet aġġornati dwar l-oqsma tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur. B'mod ġenerali, id-dewmien twil fil-proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE, pereżempju meta rimedji adegwati ma jibqgħux disponibbli jew meta danni finanzjarji serji jsiru irrekuperabbli. B'mod partikolari fir-rigward tan-negozji, id-dewmien amministrattiv u l-inċertezza f'xi każijiet jistgħu jwasslu għal spejjeż sinifikanti u jimminaw l-investimenti ppjanati jew eżistenti (50).


49 It-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi jiġi kkalkolat fi ġranet kalendarji, li jibdeu jgħoddu mill-jum meta titressaq azzjoni jew jitressaq appell quddiem il-qorti (jew l-att tal-akkuża jkun sar finali) sal-jum meta l-qorti tkun adottat id-deċiżjoni tagħha (Illustrazzjonijiet 15 – 22). Il-valuri huma kklassifikati abbażi ta' medja ponderata tad-data għall-2014 u għall-2021-2023 għall-Illustrazzjonijiet 15, 17, 18 u 19, u għall-2014 u għall-2021-2023 għall-Illustrazzjonijiet 20 u 21. Għall-Illustrazzjoni 16, id-data tkopri l-2021-2023. Għall-Illustrazzjoni 22, id-data tkopri l-2021-2023. Meta d-data ma kinitx disponibbli għas-snin kollha, il-medja tirrifletti d-data disponibbli preżentata fiċ-ċart, ikkalkulata abbażi tal-kawżi kollha, ta' kampjun ta' kawżi, jew fi ftit pajjiżi biss, ta' stimi.

50 L-Illustrazzjoni 18 tad-dokument "Retention and Expansion of Foreign Direct Investment, Political Risk and Policy Responses", 2019, il-Grupp tal-Bank Dinji.

– Kompetizzjoni –

L-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni huwa essenzjali għal ambjent tan-negozju attraenti, peress li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti għan-negozji. Dan jippromwovi inizjattiva ekonomika u effiċjenza, u jwassal għal għażla usa' għall-konsumaturi, prezzijiet aktar baxxi u kwalità aħjar. L-Illustrazzjoni 15 tippreżenta t-tul medju tal-kawżi mressqa kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ⁽⁵¹⁾. L-Illustrazzjoni 16 tippreżenta t-tul medju tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni meta japplikaw l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE.


Illustrazzjoni .: Kompetizzjoni: it-tul medju ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-2014, fl-2021 – 2023
 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. **AT:** id-data għall-2014 u l-2021 tinkludi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Akkordji dwar is-sustanza, mhux l-istħarriġ ġudizzjarju ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-Qorti Suprema. Sa mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Akkordji huma inklużi fit-tul tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (ara hawn taħt). **IT:** intużat stima tat-tul għall-2014, l-2021 u l-2022. Kolonna vojta tindika li l-Istat Membru ma rrapportax kawżi għal dik is-sena. L-għadd ta' kawżi huwa baxx (inqas minn ħamsa fis-sena) f'ħafna Stati Membri. Dan jista' jikkawża li d-data annwali tiddependi ħafna fuq kawża waħda li tkun eċċezzjonalment twila jew qasira (eż. fil- **LU** fejn kien hemm kawża waħda biss). **ES:** L-għadd ta' appelli jikkorrispondi għan-numru ta' kumpaniji li ressqu appell kontra kull deċiżjoni tas-CNMC. **IE:** Mhux applikabbli għall-2020, l-2021 u l-2022, peress li qabel l-2023, is-CCPC ma kellhiex is-setgħa li tiegħu deċiżjonijiet tat-tip rilevanti li huma soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

⁵¹ Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1-25, b' mod partikolari l-Artikoli 3 u 5.

Illustrazzjoni .: Kompetizzjoni: tul medju tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-2021-2023 (*) (fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni)




(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. Mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, it-tul medju tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ġie kkalkolat kif ġej: l-għadd ta' ġranet bejn l-ewwel miżura investigattiva formali u l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (mill-awtorità amministrattiva jew, fl-Istati Membri b'sistema ġudizzjarja, mill-qorti li jkollha s-setgħa li tadotta deċiżjoni ta' projbizzjoni u/jew timponi jew tikkonferma l-multi). Għal din ir-raġuni, id-data mill-edizzjoni tal-2024 fl-illustrazzjoni ta' hawn fuq ma tistax titqabbel mad-data ppubblikata f'edizzjonijiet preċedenti. Dan il-metodu ta' kalkolu jippermetti data komparabbli fil-livell tal-UE għall-iskop uniku tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u jista' jvarja mir-rapportar fil-livell nazzjonali f'ċerti Stati Membri. Iċ-**CZ** u s-**SK** għandhom proċedura amministrattiva ta' żewġ istanzi. Meta jiġu appellati, id-deċiżjonijiet tal-prim'istanzi jiġu riveduti mill-korp tat-tieni istanza tal-awtorità, li jista' jtawwal il-proċedimenti. **DK**: Fl-2021, wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar in-NEK+, id-Danimarka marret minn sistema ta' infurzar purament kriminali għal sistema fejn l-awtorità tal-kompetizzjoni Daniża issa tista' tapplika direttament għall-impożizzjoni ta' multa quddiem qorti ċivili u tadotta deċiżjonijiet ta' soluzzjoni fil-proċedimenti amministrattivi tagħha stess. Dan wassal għal żieda fid-deċiżjonijiet mill-2022. Għall-**AT**, id-**DK** u l-**FI**, it-tul tal-proċedimenti jkopri t-tul ikkombinat tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni amministrattivi u ġudizzjarji. **AT**: id-data tinkludi proċedimenti relatati ma' akkordji fuq skala kbira fis-settur tal-kostruzzjoni. Minħabba d-daqs ta' din il-kawża, il-proċedimenti skattati mill-istess miżura investigattiva tal-ewwel kienu (u għandhom qed ikunu) immexxija u konklużi suċċessivament, li gradwalment qed ifixkel it-tul medju tal-proċedimenti. **ES** u **IT**: id-data teskludi d-deċiżjonijiet ta' impenn adottati mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. **IE**: Mhux applikabbli għall-2020, l-2021 u l-2022, peress li s-CCPC ma kellhiex is-setgħa li tagħti deċiżjonijiet amministrattivi vinkolanti tagħha stess f'każijiet ta' antitrust sa Settembru 2023 (qabel dik id-data, hija tista' tiegħu azzjoni ta' infurzar biss f'każijiet bħal dawn permezz tal-qrati).

– Il-komunikazzjonijiet elettroniċi –

L-obiettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa li żżid il-kompetizzjoni, tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq uniku u tiġġenera l-investiment, l-innovazzjoni u t-tkabbir. L-effetti pożittivi għall-konsumaturi jistgħu jinkisbu permezz ta' infurzar effettiv ta' din il-leġiżlazzjoni li tista' twassal għal prezzijiet aktar baxxi għall-utenti aħħarin u servizzi ta' kwalità aħjar. L-Illustrazzjoni 17 tippreżenta t-tul medju tal-kawżi ta' sħarriġ ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japplikaw id-dritt tal-UE

dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi (⁵²). Din tkopri firxa wiesgħa ta' kawżi, li jvarjaw mill-istħarriġ ġudizzjarju aktar kumpless ta' "analiżi tas-suq" għal kwistjonijiet aktar sempliċi ffukati fuq il-konsumatur.

Illustrazzjoni .: Komunikazzjonijiet elettroniċi: it-tul medju tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-2014, 2021 – 2023(*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet)



(*) Il-valuri tal-imġoddi għal xi Stati Membri tnaqqsu għal skopijiet ta' preżentazzjoni (il-PT fl-2023 = 2,830; CY fl-2023 = 3,285). Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. L-għadd ta' kawżi jvarja minn Stat Membru għal ieħor. Kolonna vojta tindika illi l-Istat Membru ma rrapportax kawżi għal dik is-sena. Xi drabi, in-numru limitat ta' kawżi rilevanti (CZ, DK, IE, ES, LV, AT, PT) jista' jikkawża li d-data annwali tiddependi ħafna fuq każ wieħed li jkun eċċezzjonalment twil jew qasir; dan jista' jirriżulta f'varjazzjonijiet kbar fid-data minn sena għall-oħra. Fid-DK, korp kważi ġudizzjarju huwa inkarigat mill-appelli tal-prim'istanza. Fi ES, l-AT, u l-PL, qrati differenti huma responsabbli skont is-suġġett.


– Trademark tal-UE –

L-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huwa essenzjali sabiex jiġi stimulat l-investiment fl-innovazzjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trademarks tal-UE (⁵³) tagħti lill-qrati nazzjonali rwol sinifikanti, billi tagħtihom is-setgħa jaġixxu bħala qrati tal-UE u jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-suq uniku. L-Illustrazzjoni 18 turi t-tul medju tal-kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE f'tilwim bejn partijiet privati.

⁵² Il-kalkolu sar fuq il-bażi tat-tul tal-kawżi ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japplikaw il-liġijiet nazzjonali li jimplementaw il-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva 2002/19/KE (id-Direttiva dwar l-Aċċess), id-Direttiva 2002/20/KE (id-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni), id-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva Qafas), id-Direttiva 2002/22/KE (id-Direttiva Servizz Universali) kif ukoll dritt tal-UE rilevanti ieħor, bħall-programm tal-politika tal-ispettru tar-radju u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ispettru, minbarra d-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi.

⁵³ Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1 – 99).

Illustrazzjoni .: Trademark tal-UE: it-tul medju tal-kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. **FR, IT, LT, LU:** Kampjun ta' kawżi użat għal data għal ċerti snin. **DK:** Data mill-kawżi kollha dwar it-trademarks (mhux biss tal-UE) fil-qrati superjuri kummerċjali u marittimi; għall-2023, ġew iffinalizzati 372 kawża li jikkonċernaw il-liġi dwar il-proprjetà intellettwali. 53 kienu kawżi ċivili regolari, 275 ġew ittrattati bħala proċeduri għal talbiet żgħar u 44 kienu proċedimenti ta' projbizzjoni u proċedimenti ta' inġunzjoni. L-informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ipproċessar tal-kawżi ma hijiex disponibbli. **EL:** Data bbażata fuq it-tul medju ponderat minn żewġ qrati. **ES:** Il-kawżi li jikkonċernaw titoli oħrajn tal-PI tal-UE huma inklużi fil-kalkolu tat-tul medju. **PL:** Għall-2023, il-medja ponderata ġiet ikkalkolata abbażi tal-għadd ta' kawżi maqtugħin. **FI:** Għall-2023, intalbet deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja f'waħda miż-żewġ kawżi. Iż-żmien li matulu l-kawża kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġie inkluż fil-kalkolu tan-numru medju ta' ġranet.

– Protezzjoni tal-konsumatur –


L-infurzar effettiv tal-liġi tal-konsumatur jiżgura li d-drittijiet tal-konsumaturi jiġu protetti u li l-kumpaniji li jiksru l-liġijiet tal-konsumatur ma jiksru l-ebda vantaġġ inġust. L-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur u l-qrati għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tad-dritt tal-UE dwar il-konsumatur⁽⁵⁴⁾ fi ħdan id-diversi sistemi tal-infurzar nazzjonali. L-Illustrazzjoni 19 turi t-tul medju tal-kawżi ta' sħarriġ ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li japplikaw id-dritt tal-UE.

Għall-konsumaturi jew il-kumpaniji, l-infurzar effettiv jista' jinvolvi katina ta' atturi, li ma jinkludux biss il-qrati iżda anke l-awtoritajiet amministrattivi. Sabiex jinxteħet aktar dawl fuq din il-katina ta' infurzar, qed jiġi ppreżentat it-tul tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet tal-konsumaturi. L-Illustrazzjoni 20 turi t-tul medju ta' żmien li ħadu biex id-deċiżjonijiet amministrattivi jintlaħqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumatur fl-2014 u fl-2021-2023. Id-deċiżjonijiet jinkludu: l-istabbiliment ta' ksur tar-regoli sostantivi, il-miżuri

⁵⁴ L-Illustrazzjonijiet 20 u 21 huma relatati mal-infurzar tad-Direttiva dwar Termini Kuntrattwali Inġusti (93/13/KEE), tad-Direttiva dwar Ċerti Aspetti tal-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum u Garanziji Assoċjati Magħhom (1999/44/KE), tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (2005/29/KE), tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/KE) u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom.


interim, l-ordnijiet ta' waqfien u ebda tkomplija, il-bidu ta' proċedimenti fil-qorti u l-għeluq tal-kawżi.

Illustrazzjoni .: Protezzjoni tal-konsumatur: it-tul medju tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-2014, 2021 – 2023 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. il-DE, il-LU, l-AT: ix-xenarju ma huwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet tal-konsumatur ma għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-ksur tar-regoli rilevanti tal-konsumatur. Ġiet ipprovduta stima tat-tul medju mill-EL u mir-RO għal ċerti snin.

Illustrazzjoni .: Protezzjoni tal-konsumatur: it-tul medju tad-deċiżjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (prim'istanza/fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. il-DE, il-LU, l-AT: Mhux applikabbli minħabba li l-awtoritajiet tal-konsumatur ma għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-ksur tar-regoli rilevanti tal-konsumatur. Stima tat-tul ta' żmien medju ngħatat mid-DK, mill-EL, minn FR, mir-RO u mill-FI għal ċerti snin.

– Il-Ħasil tal-flus –

Minbarra li l-kriminali jiġu mċaħħda mir-riżorsi biex iwettqu l-atti illeċiti tagħhom u milli effettivament iżarmaw in-networks tal-kriminalità organizzata, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus⁽⁵⁵⁾ huwa kruċjali għas-solidità, l-integrità u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju, il-fiduċja fis-sistema finanzjarja u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku⁽⁵⁶⁾. Il-ħasil tal-flus jista' jiskoraġġixxi l-investment barrani, ifixkel il-flussi tal-kapital internazzjonali u jkollu konsegwenzi negattivi fuq il-prestazzjoni makroekonomika ta' pajjiż, li jirriżultaw fi tnaqqis tal-benesseri u jieħdu r-riżorsi minn attivitajiet ekonomiċi aktar produttivi⁽⁵⁷⁾. Id-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus tirrikjedi li l-Istati Membri jżommu statistika dwar l-effettività tas-sistemi tagħhom sabiex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu⁽⁵⁸⁾. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, intuża kwestjonarju aġġornat sabiex tinġabar data dwar l-aspetti ġudizzjarji tas-sistemi nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus. L-Illustrazzjoni 21 turi t-tul medju tal-kawżi tal-qorti tal-prim'istanza li jittrattaw reati ta' ħasil tal-flus.


⁵⁵ Il-leġiżlazzjoni tal-UE tindirizza l-għieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tad-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-għieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.

⁵⁶ Il-premessa 2 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

⁵⁷ Skeda informattiva tal-FMI, it-8 ta' Marzu 2018: <https://www.imf.org/en/About/Factsheets/Sheets/2016/08/01/16/31/Fight-Against-Money-Laundering-the-Financing-of-Terrorism>

⁵⁸ L-Artikolu 44(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Ara wkoll l-Artikolu 44 rivedut fid-Direttiva (UE) 2018/843, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju tal-2018 u li kellha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa Jannar tal-2020.

Illustrazzjoni .: Ħasil tal-flus: it-tul medju tal-kawżi tal-qorti fl-2014, fl-2021 – 2023(*)
 (prim'istanza/fi ġranet) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. Għall-PT: Il-bażi tad-data ġiet iffiltrata, għal kull konta ġudizzjarja, skont il-kriterji rilevanti biex tintlaħaq l-informazzjoni relatata mal-fajls dwar il-ħasil tal-flus; fir-rigward tal-għadd medju ta' ġranet, ġew ikkunsidrati d-dati tal-ksur u d-data tad-deċiżjoni finali jew tal-għeluq. CY: Il-kawżi serji, quddiem l-Assize Court, bħala medja jinstemgħu fi żmien sena. Ir-reati anqas serji, quddiem il-qorti distrettwali, jieħdu aktar żmien biex jinstemgħu. SK: Id-data tikkorrispondi għat-tul medju tal-proċedimenti sħaħ, inkluż fil-qorti tal-appell.


– Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni –

Il-korruzzjoni hija impediment għat-ktabbir ekonomiku sostenibbli, billi tikkawża devjazzjoni tar-riżorsi minn eżiti produttivi, timmina l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u tapprofondixxi l-inugwaljanzi soċjali. Din tfixxkel il-funzjonament effettiv u bla xkiel tas-suq uniku, toħloq inċertezzi fit-tweġġ tan-negozju u żżomm lura l-investiment. Il-korruzzjoni hija partikolarment kumplessa biex tiġi indirizzata peress li, għall-kuntrarju tal-biċċa l-kbira tar-reati, iż-żewġ partijiet involuti f'każ ta' korruzzjoni huma ġeneralment interessati li jżommu s-segretezza dwarha. Dan jikkontribwixxi wkoll għal diffikultà ġenerali biex jiġi kkwantifikat il-kobor reali tal-fenomenu tal-korruzzjoni madwar l-UE. Il-korruzzjoni hija reat partikolarment serju b'dimensjoni transfruntiera, kif imsemmi fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss permezz ta' regoli minimi komuni madwar l-Unjoni Ewropea. Fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tal-liġi kriminali; akkumpanjata b'komunikazzjoni konġunta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni⁵⁹. Il-proposta għal direttiva taġġorna u tarmonizza r-regoli tal-UE dwar id-definizzjonijiet u l-penali għal reati ta' korruzzjoni, biex jiġu żgurati standards

⁵⁹ Il-Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni COM (2023) 234 u Komunikazzjoni Konġunta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni JOIN(2023) 12 final.

għoljin fil-ġlieda kontra l-firxa sħiħa ta' reati ta' korruzzjoni (jiġifieri t-tixħim, iżda wkoll il-miżapproprjazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza, l-abbuż tal-uffiċċju, kif ukoll it-tfixkil tal-ġustizzja u l-arrikkiment illeċitu relatat ma' reati ta' korruzzjoni), biex tiġi evitata aħjar il-korruzzjoni u biex jittejjeb l-infurzar. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ġie żviluppat kwestjonarju għid fl-2022 biex tinġabar data dwar it-tul tal-proċedimenti tal-qorti quddiem il-qrati tal-prim'istanza f'kawżi ta' tixħim, li huwa ppreżentat fl-Illustrazzjoni 22 hawn taħt⁽⁶⁰⁾.

Illustrazzjoni .: Korruzzjoni (tixħim): it-tul medju tal-kawżi l-qorti fl-2021-2023 (*) (il-prim'istanza/fi ġranet) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni)



(*) Il-medja hija ponderata skont l-għadd ta' kawżi fis-sena rispettiva. L-ebda tweġiba għal din il-miqtoqsija mill-DE, l-IE, ES, l-IT, CY, MT u n-NL: F'dan il-kalkolu għall-2022, il-perjodu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jkun ħarrek lill-akkużat biex jitla' l-qorti; il-perjodu jintemm fil-ġurnata li fiha l-imħallef tal-prim'istanza jagħti l-verdett finali. Iż-żmien medju tal-ipproċessar għall-35 każ imsemmi hawn fuq huwa ta' 645 jum. Madankollu, irid jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li kawża spiss ma tkunx lesta biex tibda tinstema' fil-mument li jibda jiddekorri l-perjodu. B'riżultat ta' dan, kawża ddum xi ftit żmien qabel ma tiġi ppreżentata biex tinstema'. It-tul medju mill-ewwel seduta sal-għoti tal-verdett finali huwa ta' 194 jum.

⁶⁰ Dan il-ġbir tad-data ffoka fuq il-qrati kriminali tal-prim'istanza, li normalment jikkontribwixxu l-aktar għat-tul globali tal-proċedimenti kriminali.

2.1.4. Sommarju dwar l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja

Sistema tal-ġustizzja effiċjenti timmaniġġja l-volum tal-kawżi u l-kawżi pendenti tagħha u tiegħu deċiżjonijiet mingħajr dewmien żejjed. L-indikaturi ewlenin użati mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-monitoraġġ tal-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja huma **t-tul tal-proċedimenti** (il-ħin tad-disponiment jew iż-żmien medju fi ġranet meħtieġ sabiex tinqata' kawża), **ir-rata tal-għeluq tal-kawżi** (il-proporzjon tal-għadd ta' kawżi maqtugħhin għall-għadd ta' kawżi li jidħlu) u l-għadd ta' **kawżi pendenti** (li għadhom iridu jiġu indirizzati fi tmiem is-sena).

Data ġenerali dwar l-effiċjenza

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2025 tinkludi data dwar l-effiċjenza li tkopri 9 snin (2014–2023). Dan il-perjodu ta' żmien ġie aġġornat mill-2012 għall-2014 biex jippermetti disponibbiltà aħjar tad-data, filwaqt li jinżamm tul simili biex ix-xejriet isiru evidenti. Din il-medda ta' żmien tagħmilha possibbli wkoll li jitqies il-fatt li spiss ikun meħtieġ ċertu żmien biex l-effetti tar-riformi tal-ġustizzja jibdedw jinħassu.

Id-data mill-2014 sal-2023 f'kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi turi xejriet pożittivi fil-biċċa l-kbira tal-kawżi. Wara t-tnaqqis fl-effiċjenza osservat fl-2020, possibbilment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fl-2021 u (ħafna iktar) fl-2022 qed naraw ritorn għal-livelli ta' effiċjenza tal-2019. Fl-2023, xi wħud mill-Istati Membri li qed jirrapportaw id-data komplew itejbu l-effiċjenza tagħhom, filwaqt li f'oħrajn il-livelli ta' effiċjenza baqgħu stabbli. Dan juri l-effett tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jagħmlu s-sistemi tagħhom aktar reżiljenti għal interruzzjonijiet futuri.

Kien hemm xi żviluppi pożittivi fl-Istati Membri li fl-aħħar snin tqiesu li kienu qed jiffaċċjaw sfidi speċifiċi, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ⁽⁶¹⁾.

- Mill-2014, abbażi tad-data eżistenti għal dawn l-Istati Membri, **it-tul tal-proċedimenti tal-qorti tal-prim'istanza** fil-kategorija wiesgħa tal-“kawżi kollha” (Illustrazzjoni 4) f'16-il Stat Membru naqas jew baqa' stabbli. Għall-kategorija “kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi” (Illustrazzjoni 5), it-tul tal-proċedimenti tal-qorti tal-prim'istanza kompli jonqos jew baqa' stabbli fi 13-il Stat Membru. Meta mqabbla mas-sena preċedenti, l-illustrazzjonijiet 4 u 5 juru tnaqqis fit-tul tal-proċedimenti għal tmien Stati Membri, f'kull kategorija, f'xi każijiet għal taħt il-livelli tal-2020. F'kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 7), it-tul tal-proċedimenti mill-2012 naqas jew baqa'

⁶¹ Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill, fuq il-bażi tal-proposta tal-Kummissjoni, indirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) relatati mas-sistema tal-ġustizzja tagħhom lil seba' Stati Membri fl-2019 (il-HR, l-IT, CY, l-HU, MT, il-PT u s-SK) u tmien Stati Membri fl-2020 (il-HR, l-IT, CY, l-HU, MT, il-PL, il-PT u s-SK). Ma kien hemm l-ebda CSRs fl-2021 minħabba l-proċess tal-RRF li kien għaddej. Fl-2022, kien hemm żewġ Stati Membri (il-PL u l-HU) b'CSRs relatati mal-indipendenza għaddej. Barra minn hekk, fl-2023 issemmiet is-sistema tal-ġustizzja għal żewġ Stati Membri (HU, PL). Fl-2023, il-PL biss irċeviet CSR dwar is-sistema tal-ġustizzja tagħha, li kienet ibbażata fuq is-CSR tal-2022. Fl-2024, is-SK irċeviet CSR relatata mas-sistema għaddej u mal-qafas kontra l-korruzzjoni, l-HU rċeviet CSR relatata mal-istat tad-dritt b' mod aktar ġenerali, filwaqt li l-BG rċieva CSR fir-rigward tal-awtoritajiet regolatorji u l-indipendenza tagħhom. Skont l-abbozz ta' Ġunju 2025 tal-Kummissjoni, is-CSRs itenu l-istess kwistjonijiet għas-SK, l-HU u l-BG. Barra minn hekk, huma jindirizzaw l-effettività tal-miżuri kontra l-korruzzjoni għall-BG u l-proċess leġiżlattiv għas-SK, filwaqt li CSR rigward l-effiċjenza għaddej tinħareġ lil ES. Diversi RRP jinkludu miżuri biex jiżiedu l-effiċjenza, il-kwalità, jew l-indipendenza tal-ġustizzja.

stabbli f'madwar 15-il Stat Membru. Meta mqabbla mas-sena preċedenti, 12-il Stat Membru raw tnaqqis fit-tul tal-proċedimenti fil-kawżi amministrattivi fl-2023.

- It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta data dwar it-**tul tal-proċedimenti fl-istanzi kollha tal-qorti** għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjoni 6) u għall-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 8). Id-data turi li f'ħamsa mill-Istati Membri identifikati bħala li jiffaċċjaw sfidi bit-tul tal-proċedimenti fil-qrati tal-prim'istanza, il-qrati ta' istanzi ogħla ħadmu b'mod aktar effiċjenti. Madankollu, għal ħames Stati Membri oħra li qed jiffaċċjaw sfidi, it-tul medju tal-proċedimenti fil-qrati ta' istanzi ogħla huwa saħansitra itwal milli fil-qrati tal-prim'istanza.
- Fil-kategoriji wiesgħa tal-“kawżi kollha” u l-“kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi” (Illustrazzjonijiet 9 u 10), l-għadd globali ta' Stati Membri li r-**rata tal-għeluq tal-kawżi** tagħhom hija ta' aktar minn 100% baqa' l-istess bħal fl-2022. Fl-2023, 18-il Stat Membru, inklużi dawk li qed jiffaċċjaw sfidi, irrapportaw rata għolja ta' għeluq tal-kawżi (aktar minn 97 %). Dan ifisser li l-qrati ġeneralment jistgħu jlaħħqu mal-kawżi li jidħlu f'dawn il-kategoriji. F'kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 11), f'14-il Stat Membru r-rata tal-għeluq tal-kawżi fl-2023 baqgħet ġeneralment l-istess bħal fl-2022. Filwaqt li r-rata tal-għeluq tal-kawżi għall-kawżi amministrattivi hija ġeneralment aktar baxxa minn dik għal kategoriji oħra ta' kawżi, 15-il Stat Membru jkomplu jagħmlu progress tajjeb. B'mod partikolari, sebgħa mill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi jirrapportaw żieda fir-rata tal-għeluq tal-kawżi għal kawżi amministrattivi mill-2014.
- Mill-2014, is-sitwazzjoni baqgħet stabbli jew kompliet titjeb f'erbgħa mill-Istati Membri li jiffaċċjaw l-aktar sfidi sostanzjali bil-**kawżi b'lura** tagħhom, irrISPETTIVAMENT mill-kategorija tal-kawżi (Illustrazzjoni 12). Fl-2023, minkejja ż-żieda fl-għadd ta' kawżi pendenti, l-għadd ta' kawżi pendenti baqa' stabbli fil-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Illustrazzjoni 13) u fil-kawżi amministrattivi (Illustrazzjoni 14) f'10 Stati Membri. Madankollu, għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri bi ftit kawżi pendenti u dawk b'għadd kbir ta' kawżi pendenti.

Effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE

Id-data dwar it-tul medju tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE (Illustrazzjonijiet 15–22) tipprovdi għarfien dwar il-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja f'tipi konkreti ta' tilwim relatat man-negozju.

Id-data dwar l-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE tinġabar abbażi ta' xenarji ddefiniti b'mod ristrett, u għalhekk l-għadd ta' kawżi rilevanti jista' jidher baxx. Madankollu, meta mqabbla mat-tul ikkalkulat tal-proċedimenti ppreżentat fid-data ġenerali dwar l-effiċjenza, dawn l-illustrazzjonijiet juru tul medju attwali tal-kawżi kollha rilevanti f'oqsma speċifiċi f'sena. Ta' min jinnota li l-Istati Membri li għalihom id-data ġenerali dwar l-effiċjenza ma tidhirx li turi sfidi xorta waħda jirrapportaw tulijiet tal-kawżi medji ferm itwal f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE. Fl-istess ħin, it-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi differenti jista' wkoll ivarja b'mod konsiderevoli fl-istess Stat Membru.

Illustrazzjoni oħra introdotta din is-sena tiffoka fuq it-tul tal-proċedimenti kriminali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu t-tixħim, li tiżvela l-livell ta' effiċjenza f'dak il-qasam tad-dritt tal-UE.

Finalment, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 tipprovdi għarfien dwar l-effiċjenza tal-katina tal-infurzar ġenerali, li hija importanti għal ambjent tan-negozju u tal-investment pozzittiv.

Pereżempju, fil-kawżi tad-dritt tal-kompetizzjoni, hemm ċart li tiffoka fuq it-tul tal-proċedimenti quddiem l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni u tal-isħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet ta' din l-awtorità.

- Għal **stħarriġ ġudizzjarju ta' kawżi dwar il-kompetizzjoni** (Illustrazzjoni 15), billi l-volum kumplessiv ta' kawżi ffaċċjat mill-qrati madwar l-UE żdied, it-tul tal-isħarriġ ġudizzjarju naqas jew baqa' stabbli f'ħames Stati Membri, filwaqt li żdied f'sebgħa. Minkejja x-xejra kemxejn pożittiva, seba' Stati Membri rrapportaw tul medju ta' aktar minn 1 000 jum fl-2023. Għal **proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni** (Illustrazzjoni 16), 11-il Stat Membru rrapportaw li l-proċedimenti ħadu inqas minn 1 000 jum. Fost l-Istati Membri msemmija li jesperjenzaw kwistjonijiet bl-effiċjenza fl-isħarriġ ġudizzjarju tal-kawżi ta' kompetizzjoni, tlieta huma fost l-aktar effiċjenti fir-rigward tal-proċedimenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.
- Għall-**komunikazzjonijiet elettroniċi** (Illustrazzjoni 17), il-volum ta' kawżi ffaċċjati mill-qrati naqas meta mqabbel mas-snin preċedenti, fejn kompliet ix-xejra pożittiva osservata fl-2022 rigward it-tnaqqis fit-tul tal-proċedimenti. Fl-2023, disa' Stati Membri rreġistraw tnaqqis fit-tul medju tal-proċedimenti meta mqabbel mal-2022 jew raw din iċ-ċifra tibqa' stabbli, u sebgħa wrew żieda.
- Għall-**kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE** (Illustrazzjoni 18), il-volum ta' kawżi globali fl-2023 żdied bi ftit meta mqabbel mal-2022. Madankollu, filwaqt li erba' Stati Membri mmaniġġjaw il-volum ta' kawżi tagħhom b'mod aktar effiċjenti, u rreġistraw tulijiet tal-proċedimenti mnaqqsa jew stabbli, sitta raw żieda ċara fit-tul medju tal-proċedimenti.
- Fil-qasam tad-**dritt tal-UE dwar il-konsumatur**, jista' jidher l-effett possibbli kkombinat tal-katina ta' infurzar li tikkonsisti kemm fi proċedimenti ta' stħarriġ ġudizzjarju kif ukoll amministrattivi (Illustrazzjonijiet 19 u 20). Fl-2023, sitt Stati Membri rrapportaw li l-awtoritajiet tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur ħadu medja ta' inqas minn 3 xhur biex joħorġu deċiżjoni f'każ kopert mil-liġi tal-UE dwar il-konsumatur. F'disa' Stati Membri oħra, dawn ħadu sa sena. Fejn id-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur ġew ikkontestati fil-qorti, ix-xejriet fit-tul tal-isħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni amministrattiva fl-2023 varjaw, b'żidiet f'ħames Stati Membri, u tnaqqis f'ħamsa oħra, meta mqabbla mal-2022. F'żewġ Stati Membri, it-tul medju tal-isħarriġ ġudizzjarju xorta għadu ta' aktar minn 1 000 jum.
- Il-miżuri effettivi kontra l-**ħasil tal-flus** huma kruċjali sabiex tiġi protetta s-sistema finanzjarja, sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta u sabiex jiġu preklużi konsegwenzi ekonomiċi negattivi. Il-proċedimenti tal-qorti li jkunu twal iżżejjed jistgħu jfixklu l-kapaċità tal-UE li tiġġieled il-ħasil tal-flus jew inaqqsu l-effettività tal-isforzi f'dan il-qasam. L-Illustrazzjoni 21 tippreżenta data aġġornata dwar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji li jittrattaw ir-reati ta' ħasil tal-flus. Din turi li, filwaqt li f'sebgħa Stati Membri l-proċedimenti tal-qorti tal-prim'istanza jieħdu medja ta' sena, dawn jieħdu

medja ta' sentejn f'fhames Stati Membri, u f'fhames Stati Membri jistgħu jieħdu sa medja ta' 3 snin u nofs ⁽⁶²⁾.

- **Il-korruzzjoni** hija reat partikolarment serju b' dimensjoni transfruntiera. Din għandha konsegwenzi ekonomiċi negattivi u tista' tiġi indirizzata b' mod effettiv biss permezz ta' regoli minimi komuni madwar l-UE. It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta ċifri dwar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji li jittrattaw kawżi ta' tixħim. L-Illustrazzjoni 22 turi livelli differenti ta' disponibbiltà tad-data fost l-Istati Membri, u differenzi fit-tul medju tal-proċedimenti quddiem il-qorti kriminali tal-prim' istanza. Meta wieħed iħares lejn id-data tal-2023, il-proċedimenti jiġu konklużi fi żmien madwar sena fi tmien Stati Membri, filwaqt li fis-sebgħa li jifdal fejn id-data tkun disponibbli, il-proċedimenti jistgħu jidumu sa sentejn. B' mod ġenerali, il-komplessità tal-prosekuzzjoni u tal-aġġudikazzjoni ta' reati ta' tixħim tirrifletti n-natura serja tar-reat. Dan huwa rifless ukoll fit-tul tal-proċedimenti.

2.2. Kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja

Ma hemm l-ebda mod uniku kif titkejjel il-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2025 tkompli teżamina fatturi li ġeneralment huma aċċettati bħala rilevanti sabiex titjieb il-kwalità tal-ġustizzja. Dawn jaqgħu f'erba' kategoriji:

- 1) l-aċċess għall-ġustizzja għall-pubbliku u n-negozji;
- 2) ir-riżorsi finanzjarji u umani adegwati;
- 3) l-implimentazzjoni ta' għodod għall-valutazzjoni;
- 4) id-diġitalizzazzjoni.

2.2.1. Aċċess għall-ġustizzja

L-aċċessibbiltà hija meħtieġa tul il-katina kollha tal-ġustizzja biex il-persuni kollha, inklużi l-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni, persuni akbar fl-età u vittmi ta' reati, ikunu jistgħu jiksibu informazzjoni rilevanti – dwar is-sistema tal-ġustizzja, dwar kif jagħmlu talba u l-aspetti finanzjarji relatati, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proċedimenti sakemm jitlestew – u biex jaċċessaw is-sentenza online.

– *Għajjuna legali, tariffi tal-qorti u l-onorarji legali*–

L-ispiża tal-litigazzjoni hija fattur ewlieni għall-aċċess għall-ġustizzja. L-ispejjeż għoljin tal-litigazzjoni, inklużi t-tariffi tal-qorti ⁽⁶³⁾ u l-onorarji legali ⁽⁶⁴⁾, jistgħu jfixxlu l-aċċess għall-ġustizzja. L-ispejjeż tal-litigazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali ma humiex armonizzati fil-livell tal-UE. Dawn huma rregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

⁶² Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tad-dritt kriminali se telimina l-ostakoli legali li jistgħu jdedmu l-prosekuzzjoni, bħal pereżempju regola li l-prosekuzzjoni għall-ħasil tal-flus tista' tibda biss meta jkunu ġew konklużi l-proċedimenti għar-reat predikat sottostanti. L-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu d-Direttiva sat-8 ta' Diċembru 2020.

⁶³ It-tariffi tal-qorti huma mifhuma bħala ammont li għandu jitħallas sabiex jinbdew proċedimenti legali mhux kriminali f'qorti jew fi tribunal.

⁶⁴ L-onorarji legali huma l-kont għal servizzi pprovduti mill-avukati lill-klijenti tagħhom.

L-aċċess għall-għajjnuna legali huwa dritt fundamentali minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (65). Dan jippermetti aċċess għall-ġustizzja għal dawk in-nies li ma jkunux jistgħu jġarrbu jew iħallsu bil-quddiem l-ispejjeż tal-litigazzjoni. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jagħtu l-għajjnuna legali abbażi tal-introjtu tar-rikorrent (66).

L-Illustrazzjoni 23 turi d-disponibbiltà ta' għajjnuna legali sħiħa jew parzjali f'kawża tal-konsumatur speċifika li tinvolvi talba ta' EUR 6 000. Din tqabbel il-livelli limiti ta' introjtu għall-għoti ta' għajjnuna legali, espressi bħala perċentwal tal-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat f'kull Stat Membru (67). Pereżempju, jekk il-livell limitu għall-għajjnuna legali huwa ta' 20%, dan ifisser li rikorrent b'introjtu ta' 20% aktar mil-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat għall-Istat Membru tiegħu xorta jkun eliġibbli għall-għajjnuna legali. Madankollu, jekk il-livell limitu għall-għajjnuna legali jkun taħt iż-żero, dan ifisser li persuna b'introjtu taħt il-livell limitu tal-faqar tista' ma tkunx eliġibbli għall-għajjnuna legali.

Disa' Stati Membri jħaddmu sistema ta' għajjnuna legali li tipprovdi għal kopertura ta' 100% tal-ispejjeż marbuta mal-litigazzjoni (għajjnuna legali sħiħa), ikkumplimentata minn sistema li tkopri l-ispejjeż parzjali (għajjnuna legali parzjali) li tapplika kriterji ta' eliġibbiltà differenti. Hemm 10 Stati Membri li jħaddmu biss sistema ta' għajjnuna legali sħiħa jew parzjali, iżda mhux it-tnejn li huma. F'erba' Stati Membri, il-qrati għandhom diskrezzjoni fuq l-għoti tal-għajjnuna legali.


Illustrazzjoni .: Livell limitu tal-introjtu għall-għajjnuna legali f'kawża tal-konsumatur speċifika, 2024 (*) (id-differenzi f' mil-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE, Council of Bar and Law Societies in Europe) (68))

⁶⁵ L-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

⁶⁶ L-Istati Membri jużaw metodi differenti sabiex jistabbilixxu l-limitu għall-eliġibbiltà, eż. perjodi ta' referenza differenti (introjtu fix-xahar/fis-sena). F'14-il Stat Membru hemm ukoll limitu marbut mal-kapital personali tar-rikorrent. Dan ma ġiex ikkunsidrat għal din l-illustrazzjoni. Fil-BE, il-BG, l-IE, ES, FR, il-HR, l-HU, il-LT, il-LU, in-NL u l-PT, ċerti gruppi ta' persuni (eż. individwi li jirċievu ċerti benefiċċji) huma awtomatikament intitolati li jirċievu l-għajjnuna legali fit-tilwim ċivili/kummerċjali. Il-kriterji addizzjonali li jistgħu jużaw l-Istati Membri, bħall-mertu tal-kawża, ma humiex riflessi f'din l-illustrazzjoni. Għalkemm mhux relatat direttament mal-illustrazzjoni, f'diversi Stati Membri (l-AT, iċ-CZ, il-DE, id-DK, l-IT, in-NL, il-PL, is-SI) l-għajjnuna legali ma hijiex limitata għall-persuni fiżiċi. Fl-EE d-deċiżjoni li tingħata għajjnuna legali ma hijiex ibbażata fuq il-livell ta' riżorsi finanzjarji tar-rikorrent. Fl-IE, l-għajjnuna legali parzjali trid tikkunsidra wkoll l-assi disponibbli tar-rikorrent. Fil-LV, id-data ma hijiex komparabbli mas-sena ta' qabel minħabba l-adattament tal-metodu tal-kalkolu.

⁶⁷ Sabiex tingħabar data komparattiva, il-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat ta' kull Stat Membru ġie kkonvertit għall-introjtu fix-xahar. Il-livell limitu tar-rata ta' riskju ta' faqar (AROP, at-risk-of-poverty) huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazżjonali tal-unitajiet domestiċi. L-Istħarriġ Ewropew dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien, tabella tal-Eurostat ilc_li01, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_li01/default/table?lang=mt.

⁶⁸ Id-data tal-2024 hija miġbura bl-użu ta' tweġibiet mill-membri tal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima tal-konsumatur ma' kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6 000 u l-livell limitu AROP tal-Eurostat għal kull Stat Membru). Minħabba li l-kundizzjonijiet għall-għajjnuna legali jiddependu mis-sitwazzjoni tar-rikorrent, intuża x-xenarju li ġej: rikorrent impjegat mhux miżżewweġ ta' 35 sena mingħajr ebda persuna dipendenti fuqu jew assigurazzjoni fuq l-ispejjeż legali, li għandu introjtu regolari u appartamenti mikri.




(*) Il-kalkoli huma bbażati fuq il-valuri tal-limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) tal-2023. **BE, DE, ES, FR, IE, IT, LT, LU, NL, SI, SK, FI:** L-ghajjnuna legali trid tqis ukoll l-assi disponibbli tar-rikorrent. **EL:** Il-benefiċjarju tal-ghajjnuna legali huwa l-persuna li l-introjtu annwali kapitali tagħha ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tas-salarji annwali l-aktar baxxi kif previst mil-leġiżlazzjoni eżistenti. **LU:** Għe introdott reġim ta' ghajjnuna legali parzjali. Ma hemm l-ebda limitu speċifiku, l-għoti ta' ghajjnuna legali jiddependi mis-sitwazzjoni finanzjarja u familjari ġenerali tar-rikorrent. **BG, HR, LV, MT u RO:** L-ebda data pprovduta.

Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna legali spiss ikunu eżentati milli jħallsu t-tariffi tal-qorti. Huwa biss f'sitt Stati Membri (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Awstrija, Malta u l-Polonja) li l-benefiċjarji tal-ghajjnuna legali ma humiex eżentati awtomatikament milli jħallsu t-tariffi tal-qorti. Fiċ-Ċekja, il-qorti tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ jekk teżentax lil benefiċjarju tal-ghajjnuna legali milli jħallas it-tariffi tal-qorti. Fil-Lussemburgu, il-partijiet fil-kawża li jibbenefikaw mill-ghajjnuna legali ma għandhomx għalfejn iħallsu t-tariffi tal-uffiċjal ġudizzjarju. L-Illustrazzjoni 24 tqabel, f'żewġ xenarji, il-livell tat-tariffa tal-qorti ppreżentat bħala sehem tal-valur tat-talba. Jekk, pereżempju, fl-illustrazzjoni ta' hawn taħt, it-tariffa tal-qorti tidher bħala 10% ta' talba ta' EUR 6 000, il-konsumatur ikollu jħallas tariffa tal-qorti ta' EUR 600 biex jibda l-proċedimenti ġudizzjarji. It-talba b'valur baxx hija bbażata fuq il-livell limitu tar-rata ta' riskju ta' faqar tal-Eurostat (AROP) għal kull Stat Membru.

Illustrazzjoni .: Tariffa tal-qorti sabiex jinbnew proċedimenti ġudizzjarji f'kawża tal-konsumatur speċifika, 2024 (*) (l-ammont ta' tariffa tal-qorti bħala proporzjon tal-valur tat-talba) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) ⁽⁶⁹⁾)

⁶⁹ Id-data, li tirreferi għal-livelli limitu tal-introjtu validi fl-2023, inġabret permezz tat-tweġibiet mill-membri tal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima tal-konsumatur bejn individwu u kompanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6 000 u l-livell limitu AROP tal-Eurostat għal kull Stat Membru).




(*) Il-kalkoli huma bbażati fuq il-valuri tal-limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) tal-2023. "Talba ta' valur baxx" hija talba li tikkorrispondi għal-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat għal persuna waħedha f'kull Stat Membru, ikkonvertit f'introjtu fix-xahar (pereżempju fl-2022, dan il-valur kien iwarja bejn EUR 326 fil-BG sa EUR 2 381 fil-LU). **BE:** Kontribut ta' EUR 24 għall-Fond għall-ghajjnuna legali tat-tieni linja; It-tariffi tar-reġistru tal-qorti: EUR 50 jew EUR 165. Wara, jekk jiġi miċħud/ikkundannat: possibbilment EUR 1 350 għall-indennizz proċedurali. **NL:** Il-valuri tat-tariffi tal-qorti jikkorrispondu għal parti f'kawża b'introjtu annwali ta' inqas minn EUR 30 000. **SE:** It-tariffa tal-qorti tapplika jekk il-valur tat-talba jaqbeż EUR 2 329.

L-Illustrazzjoni 25 tippreżenta r-rata ta' għajjnuna legali mħallsa lill-avukati tad-difiża kriminali f'kawża kriminali speċifika bbażata fuq studju tal-każ⁽⁷⁰⁾. Ir-rispondenti indikaw kemm l-avukati kieku jitħallsu mill-baġit pubbliku fix-xenarju fittizju deskritt.

⁷⁰ Ara n-nota 70 f'qiegħ il-paġna, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024 għad-deskrizzjoni tal-istudju tal-każ.

Illustrazzjoni .: Rata tal-ghajjnuna legali mħallsa lill-avukati tad-difiża kriminali f'kawża kriminali speċifika, 2024 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) (71))



(*) Id-data tinġabar abbażi ta' studju tal-każ speċifiku. L-ammonti huma kollha f'EUR, u fejn meħtieġ inqalbu mill-muniti nazzjonali⁷². Sabiex jitqiesu d-differenzi ekonomiċi bejn l-Istati Membri, il-valur miżjud tal-onorarji u tal-ispejjeż ġew diviżi bl-indiċijiet tal-livell tal-prezzijiet komparattivi espressi f'perċentwali fejn il-medja tal-UE hija ta' 100 %, tad-DK hija ta' 149 % u tal-BG hija ta' 59 %⁷³. Dan jaġġusta s-somma tal-onorarji u l-ispejjeż li jirċievu l-avukati. **AT:** Is-sistema Awstrijaka tal-ghajjnuna legali hija ffinanzjata mill-Istat u bbażata fuq is-solidarjetà tal-avukati Awstrijaċi kollha li koll jipparteċipaw fis-sistema tal-ghajjnuna legali abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni. B'mod ġenerali, l-avukat individwali ma jirċievi l-ebda remunerazzjoni diretta għas-servizzi tal-ghajjnuna legali. Minflok, l-Istat Awstrijak iħallas somma f'daqqa annwali lill-Għaqda tal-Avukati Awstrijaka għat-total tas-servizzi tal-ghajjnuna legali mogħtija mill-avukati kollha. L-Għaqda tal-Avukati Awstrijaka tqassam din is-somma lill-għaqdiet tal-avukati reġjonali abbażi tan-numru ta' avukati rreġistrati li pprovdew servizzi tal-ghajjnuna legali u abbażi tal-għadd ta' każijiet ta' ghajjnuna legali, li ġew ittrattati mill-għaqdiet tal-avukati reġjonali. Il-flus jintużaw għall-iskema tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni tal-avukati, li ma hijiex iffinanzjata mill-Istat. **IE:** Il-professjoni legali tinqasam f'barristers u solicitors. L-ghajjnuna legali ta' kull waħda mill-professjonijiet hija intitolata li tvarja. Iċ-ċifra ta' hawn fuq tippreżenta l-massimu li jista' jintalab bħala tariffa skont l-iskema ta' ghajjnuna legali fix-xenarju partikolari.

⁷¹ Id-data, li tirreferi għal-livelli limitu tal-introjtu validi fl-2022, inġabret permezz tat-tweġibiet mill-membri tal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima tal-konsumatur bejn individwu u kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6 000 u l-livell limitu AROP tal-Eurostat għal kull Stat Membru).


⁷² Il-konverżjoni saret bl-użu tar-Rati ta' Referenza tal-Kambju tal-Euro tal-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli fit-30 ta' Settembru 2024 — BGN 1,9558, CZK 25,184, DKK 7,4560, HUF 396,88, PLN 4,2788, RON 4,9753, SEK 11,3000.

⁷³ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tec00120/default/table?lang=mt&category=t_prc.t_prc_ppp

– Aċċess għal metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim –

L-Illustrazzjoni 26 turi l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jipprovwu l-użu volontarju ta' metodi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim (ADR, alternative dispute resolution) b'inċentivi speċifiċi. Dawn jistgħu jvarjaw skont il-qasam tal-liġi ⁽⁷⁴⁾.

Illustrazzjoni .: Promozzjoni tal-metodi ADR u inċentivi għall-użu tagħhom, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁷⁵⁾)



(*) Il-massimu possibbli: 68 punt. Indikaturi aggregati abbażi tal-indikaturi li ġejjin: 1) sit web li jipprovdi informazzjoni dwar l-ADR; 2) kampanji ta' reklamar fuq il-media; 3) fuljetti għall-pubbliku ġenerali; 4) l-għoti mill-qorti ta' sessjonijiet speċifiċi ta' informazzjoni dwar l-ADR fuq talba; 5) koordinatur tal-qorti għall-ADR/medjazzjoni; 6) pubblikazzjoni tal-evalwazzjonijiet dwar l-użu tal-ADR; 7) pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-użu tal-ADR; 8) kopertura parzjali jew sħiħa mill-għajnuna legali tal-ispejjeż imġarrba mill-ADR; 9) rifiżjoni sħiħa jew parzjali tat-tariffi tal-qorti, inklużi t-taxxi tal-boll, jekk l-ADR tirnexxi; 10) l-ebda rekwiżit għal avukat għall-proċeduri tal-ADR; 11) l-imħallef jista' jaġixxi bħala medjatur; 12) ftehim milħuq mill-partijiet isir eżegwibbli mill-qorti; 13) il-possibbiltà li jinbnew proċedimenti/tiġi ppreżentata talba u tiġi ppreżentata evidenza dokumentarja online; 14) il-partijiet jistgħu jiġu informati dwar il-bidu u l-passi differenti tal-proċeduri b'mod elettroniku; 15) il-possibbiltà ta' ħlas online tat-tariffi applikabbli; 16) l-użu tat-teknoloġija (applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali, chat bots) sabiex jiġu ffaċilitati s-sottomissjoni u s-soluzzjoni tat-tilwim; u 17) mezzi oħra. Għal kull wieħed minn dawn is-17-il indikatur, ingħata punt wieħed għal kull qasam tal-liġi. **IE**: Il-kawżi amministrattivi jaqgħu taħt il-kategorija tal-kawżi ċivili u kummerċjali. **EL**: L-ADR teżisti fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku quddiem il-qorti amministrattivi tal-appell. **ES**: L-ADR hija obbligatorja fil-kawżi dwar il-liġi tax-xogħol. **PT**: Għat-tilwim ċivili/kummerċjali, it-tariffi tal-qorti jiġu rifiżi biss fil-każ tal-kummissarji tal-ġustizzja. **SK**: L-ordni ġuridiku Slovakk ma jappoġġax l-użu tal-ADR għal skopijiet amministrattivi. **FI**: It-tilwimiet tal-konsumatur u tax-xogħol jitqiesu wkoll bħala kawżi ċivili. **SE**: L-imħallfin għandhom diskrezzjoni proċedurali dwar l-ADR. It-tfittxija ta' ftehim bonarju

⁷⁴ Il-metodi għall-promozzjoni u l-inċentivar tal-użu tal-ADR ma jkoprux ir-rekwiżiti obbligatorji għall-użu tal-ADR qabel ma wieħed imur il-qorti. Tali rekwiżiti jistgħu jkajmu tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal imnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

⁷⁵ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

dwar it-tilwima hija komputu obligatorju għall-imħallef sakemm dan ma jkunx mhux xieraq minħabba n-natura tal-kawża.


– Arranġamenti speċifiċi għall-aċċess għall-ġustizzja –

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022 ppreżentat illustrazzjonijiet iddedikati dwar arranġamenti speċifiċi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess ugwali għall-ġustizzja tal-persuni b'diżabilità. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2023 komplet tesplora aktar arranġamenti speċifiċi magħżula li jiffaċilitaw l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għall-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni, u wkoll għal żewġ gruppi speċifiċi: il-persuni akbar fl-età u l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 terġa' tqis dawn l-arranġamenti speċifiċi magħżula sentejn wara l-aħħar darba li ġiet ippreżentata din id-data.

Iċ-ċart ta' hawn taħt tiddekrivi l-passi li ħa kull Stat Membru biex jindirizza l-ostakli għall-ġustizzja għall-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni, inklużi l-persuni akbar fl-età. Dan jinkludi wkoll l-aċċessibbiltà fiżika tal-bini tal-qorti, l-aċċess għall-informazzjoni legali, l-assistenza jew l-għajjnuna legali, u l-format tal-informazzjoni online.

Iċ-ċart turi għadd ta' xejriet pożittivi inkluż fir-rigward tal-aċċessibbiltà fiżika tal-bini tal-qorti u tal-kmamar tal-qorti, l-aċċessibbiltà tal-għajjnuna legali, jew is-soluzzjonijiet fis-seħħ biex jgħinu lill-persuni akbar fl-età jipparteċipaw fi proċedimenti tal-qorti. Dan juri wkoll li l-informazzjoni hija aktar disponibbli online f'formati faċilment aċċessibbli għall-persuni akbar fl-età u li l-NGOs jew il-korpi tal-ugwaljanza għandhom id-dritt li jibdew jew jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji f'għadd oġhla ta' Stati Membri. Madankollu, xi Stati Membri jkomplu jiffaċċjaw sfidi. Għad hemm Stati Membri fejn il-progress huwa bil-mod u fejn is-sitwazzjoni hija staġnata jew saħansitra sejra għall-agħar.

Illustrazzjoni .: Arranġamenti speċifiċi għall-aċċess għall-ġustizzja tal-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni⁷⁶ u tal-persuni akbar fl-età⁷⁷ (sors: il-Kummissjoni Ewropea (⁷⁸))



(*) **BE:** Unia hija istituzzjoni pubblika indipendenti li tippromwovi l-ugwaljanza u tiġġielel id-diskriminazzjoni. Hemm ukoll siti web dedikati li jinkludu “Just-on-web” u “e-deposit”. **DK:** In-nies jistgħu jiġu eżentati milli jużaw soluzzjonijiet pubbliċi diġitali, pereżempju jekk ma jkollhomx aċċess għal kompjuter, għal smartphone, jew għal tablet fil-post tar-residenza tagħhom. F'każijiet speċjali, il-qorti tista' tiddeċiedi li persuna tista' tiġi eżentata milli tuża minretssag.dk jekk il-persuna ma jkollhiex ħiliet diġitali jew ikollha diżabilitajiet speċifiċi. **IE:** Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza għandha s-setgħa li tressaq rikors quddiem il-Qorti Għolja, il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Suprema għal-libertà biex tidher quddiem il-qorti bħala amicus curiae fi proċedimenti li jinvolvu d-drittijiet tal-bniedem u/jew l-ugwaljanza; il-preżentazzjoni diġitali ma tissostitwix il-forom tradizzjonali ta' preżentazzjoni u notifika. **ES:** L-Artikolu 7 bis tal-Att Spanjol dwar il-Proċedura Ċivili jinroduċi diversi dispożizzjonijiet ġodda biex jiġi żgurati li l-anzjani jkollhom aċċess faċli għall-ġustizzja. **HR:** l-aħħar s'tħarriġ ta' dan it-tip kien fl-2017. S'tħarriġ ġdid fl-2025 se jaqsam il-mistoqsijiet skont il-gruppi ta' età tal-parteċipanti. **IT:** mhux il-bini kollu tal-qorti huwa aċċessibbli għall-persuni akbar fl-età. **FI:** l-uffiċjali tal-għajjnuna legali jistgħu jorganizzaw żjarat lil persuna akbar fl-età biex tiġi ttrattata l-kwistjoni tagħhom. **LT:** Skont il-Liġi dwar l-Għajjnuna Legali Garantita mill-Istat, il-vittmi ta' atti kriminali mwettqa bl-intenzjoni li jesprimu l-mibegħda lejhom, inkluż għal

⁷⁶ Il-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni, b'mod partikolari għar-raġunijiet enumerati fl-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: “is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali,” u fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: “is-sess, ir-razza, il-kultur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali.”


⁷⁷ Għall-finijiet ta' din iċ-ċart, il-persuni ta' 65 sena jew aktar.

⁷⁸ Id-data għall-2023 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

raġunijiet ta' età, huma eliġibbli għal għajjnuna legali irrispettivament mill-introjtu u l-assi taġġhom. **MT:** Fl-2023, l-Aġenzija tal-Għajjnuna Legali Malta ffirmat memorandum ta' qbil mad-Dipartiment tat-Tixxijh Attiv u l-Kura Komunitarja sabiex tipprovdni assistenza legali bla ħlas lill-klijenti anzjani (klijenti ta' aktar minn 60 sena) kemm f'kawżi ċivili kif ukoll kriminali, inklużi kawżi li fihom il-persuni akbar fl-età jkunu vittmi ta' kriminalità jew ikunu sofwre vjolenza relatata mal-ġeneru. **NL:** Il-Ġudikatura tinforma lill-pubbliku dwar fejn jistgħu jmorru għal parir legali (Juridisch Loket, avukati, eċċ.). Din l-informazzjoni għandha tkun faċli għall-utent u tinftiehem minn kulħadd, inklużi l-persuni akbar fl-età. Saret riċerka tal-utenti biex tivverifika dan. **AT:** Il-bini tal-qorti huwa (bi fitt eċċezzjonijiet) ħieles mill-ostakli u għalhekk aċċessibbli fiżikament b'mod faċli għall-persuni akbar fl-età. **PL:** L-organizzazzjonijiet nongoernattivi (NGOs, non-governmental organisations) li l-kompitu statutorju taġġhom ma jkunx li jwettqu negozju jistgħu, għall-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, f'każijiet previsti mil-liġi, jifitħu proċedimenti u jipparteċipaw fi proċedimenti pendenti. **PT:** Meta persuna vulnerabbli tkun vittma ta' reat pubbliku (peress li l-proċedimenti ta' reati pubbliċi jinbdew ex officio mill-prosekutur pubbliku), l-NGOs jew il-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jifitħu l-proċedimenti. **SI:** siti web iddedikati jipprovdu informazzjoni dwar il-proċeduri b'mod informattiv u faċli. **SK:** L-aċċess għad-dritt garantit b'mod kostituzzjonali taċ-ċittadini għall-għajjnuna legali huwa implimentat prinċipalment permezz ta' Ċentri tal-Għajjnuna Legali u ta' difensuri pubbliċi tad-drittijiet.

L-Illustrazzjoni 28 tikkomplementa l-Illustrazzjonijiet 19 u 20 dwar l-effiċjenza tal-proċedimenti fil-qasam tad-dritt tal-konsumatur billi turi l-miżuri magħżula speċifiċi meħuda mill-Istati Membri tal-UE biex iżidu l-għarfien dwar il-mudell Ewropew il-ġdid ta' rimedju kollettiv⁽⁷⁹⁾ immirat lejn it-titjib tal-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja f'sitwazzjonijiet ta' ħsara tal-massa.

Illustrazzjoni .: Arranġamenti speċifiċi għal azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, 2024 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸⁰⁾)



(*) Azzjonijiet rappreżentattivi kif stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2020/1828. Dawn huma azzjonijiet imressqa minn entitajiet kwalifikati quddiem il-grati nazzjonali jew awtoritajiet amministrattivi f'isem gruppi ta' konsumaturi biex ifittxu miżuri ta' inġunzjoni (jiġifieri biex iwaqqfu l-prattiki illegali ta' negozjant, b'mod simili għal dak li huwa previst fid-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet 2009/22/KE), miżuri ta' rimedju (bħal rifużjoni, sostituzzjoni, tiswija) jew miżuri

⁷⁹ Kif introdott mid-Direttiva (UE) 2020/1828 dwar azzjonijiet rappreżentattivi, https://commission.europa.eu/law/law-topic/consumer-protection-law/representative-actions-directive_mt, għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi.


⁸⁰ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju.

kemm ta' inġunzjoni kif ukoll ta' rimedju. Din il-mistoqsija għandha l-għan li tiġbor informazzjoni dwar prattiki speċifiċi, li ma humiex neċessarjament marbuta direttament mal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Ma hemmx data disponibbli għall-**HR**, il-**LU**, l-**HU** u r-**RO**. **NL**: Il-qrati kollha (id-diviżjonijiet tal-liġi ċivili) fin-Netherlands huma kompetenti f'kawżi ta' azzjoni rappreżentattiva. Fil-prattika, dawn il-kawżi jiġu ttrattati minn grupp nazzjonali ta' mħallfin speċjalizzati/esperjenzati f'dan it-tip ta' proċedura. Din hija sistema ta' esklużjoni fakultattiva, li jfisser li l-konsumaturi jeħtieġ li jaġixxu biss jekk ma jkunux iridu jiġu rrappreżentati fl-azzjoni. Dan irid jiġi espress lill-qorti bil-miktub. **BE**: ma hemm l-ebda reġistru iżda ċerti deċiżjonijiet iridu jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-ġurnal uffijjali. **DK**: Bħalissa, l-entitajiet kwalifikati huma l-Ombudsman Daniż tal-Konsumatur (Forbrugerombudsmanden) u l-Aġenzija Daniża għall-Mediċini (Lægemiddelstyrelsen) li t-tnejn huma appoġġati minn finanzjament pubbliku. **EE**: it-tilwim tal-konsumaturi jinstema' fil-Kumitat dwar it-Tilwim tal-Konsumatur li huwa entità indipendenti u imparzjali li ssolvi t-tilwim tal-konsumaturi. **IE**: is-sit web ta' Informazzjoni taċ-Ċittadini ppubblika artiklu dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi bħala parti mill-paġna ta' informazzjoni tagħhom "Kif tressaq ilment" għall-konsumaturi. **EL**: Il-Liġi 5019/2023 tistabbilixxi sistema ġdida ta' azzjonijiet rappreżentattivi. **LV**: Hemm entità transfruntiera kwalifikata waħda maħtura fil-Latvja. Sa issa għad ma kien hemm l-ebda kawża ta' azzjoni rappreżentattiva. **LT**: Il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur huma implimentati prinċipalment billi tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti fuq is-siti web tal-Awtorità tal-Istat għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Konsumatur (SCRPA, State Consumer Rights Protection Authority) u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi (eż. memorandum ippubblikat fuq is-sit web tal-SCRPA, <https://vytat.lrv.lt/media/viesa/saugykla/2024/2/o2moBOazC4c.pdf>). **PT**: Il-lista tal-azzjonijiet rappreżentattivi mressqa quddiem il-qrati tal-PT hija disponibbli fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Konsumaturi, kif ukoll il-kuntatt tal-entità u kwalunkwe dokument rilevanti għall-konsumaturi: https://www.consumidor.gov.pt/consumidor_4/aco-es-coletivas/informacoes-sobre-aco-es-coletivas. **SK**: il-konsumaturi jistgħu jingħaqdu mal-azzjoni kollettiva permezz ta' kwalunkwe nutar. Il-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli fuq il-link li ġejja https://static.slov-lex.sk/pdf/prilohy/SK/ZZ/2023/289/20230725_5563264-2.pdf.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 testendi l-analiżi tal-ġustizzja adattata għat-tfal. L-Illustrazzjoni 29 tħares lejn varjetà usa' ta' arranġamenti speċifiċi għal ġustizzja adattata għat-tfal (kemm proċedimenti tal-ġustizzja ċivili kif ukoll kriminali/tal-minorenni). L-Illustrazzjoni 30 tesplora firxa usa' ta' arranġamenti speċifiċi disponibbli meta t-tfal ikunu involuti bħala vittima jew bħala persuna suspettata/akkużata fi proċedimenti ġudizzjarji.

Illustrazzjoni .: Arranġamenti speċifiċi għal ġustizzja/proċedimenti adattati għat-tfal (kemm proċedimenti tal-ġustizzja ċivili kif ukoll kriminali/tal-minorenni), 2024 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸¹⁾).


⁸¹ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.



- Kollaborazzjoni bejn diversji partijiet interessati permezz ta' protokollu ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni.
- Disponibbiltà ta' alternattivi għal proċedimenti legali bħal servizzi ta' ġustizzja ristorattiva, medjazzjoni, devjazzjoni (mill-prosekuzzjoni kriminali) u riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim.
- Kwalunkwe forma ta' każda tal-libertà tat-tfal fi proċedimenti amministrattivi tintuża bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq
- It-tfal jinSTEMGħu f'ambjenti/kmamar għas-seduti tas-smiġħ speċjalizzati u adattati għat-tfal fi proċedimenti ċivili
- It-tfal jinSTEMGħu bl-użu ta' approċċ multidixiplinari biex jiġu evitati diversi seduti u biex tiġi evitata l-vittimizazzjoni sekondarja.
- Jiġu applikati miżuri ta' prekawzjoni speċjali għat-tfal meta jkunu vittmi ta' reat, u l-allegat awtur ikun ġenitur, membru tal-familja jew persuna primarja li tiegħu ħsiebhom.
- Il-privatezza u d-data personali tat-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji u interventi oħra huma protetti.
- Mill-ewwel involviment tagħhom mas-sistema tal-ġustizzja, kemm it-tfal kif ukoll il-ġenituri tagħhom (jew rappreżentanti legali) jiġu infurmati direttament u fil-pront.
- Sit web iddisinjat speċifikament għat-tfal u helplines biex jipprovdu informazzjoni dwar is-sistema tal-ġustizzja.

(*) Tfal: il-persuni li għandhom taħt it-18-il sena.

Illustrazzjoni .: Arranġamenti speċifiċi għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali bħala vittmi jew persuni suspettati u akkużati (tfal: persuni taħt it-18-il sena), 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸²⁾)



Għal kull stat Membru, iż-żewġ kolonni jirrappreżentaw l-involviment tat-tfal bħala (mix-xellug għal-lemin):

1. vittmi

2. persuni ssuspettati jew akkużati


- Fejn it-tfal jiġu mċaħħda mil-libertà, bħala regola, jinżammu separatament mill-adulti, u taħt kundizzjonijiet li jiżguraw konformità mal-bżonnijiet u d-drittijiet tagħhom.
- Kwalunkwe forma ta' ċaħda tal-libertà tat-tfal tintuża bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq.
- L-imħallfin, il-prosekuturi u professjonisti legali oħra f'kuntatt mat-tfal jirċievu taħriġ speċifiku.
- Huwa żgurat li l-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal jiġu ttrattati bħala kwistjoni ta' urġenza.
- It-tfal ikunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew minn persuna oħra xierqa maħtura minnhom matul il-proċedimenti.
- Il-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal jitqiesu matul il-proċedimenti abbażi ta' valutazzjoni individwali.
- Hemm fis-seħħ miżuri speċifiċi biex jipprovdu għal reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-interrogazzjoni tat-tfal, vidjokonferenzi jew smiġh ieħor ta' komunikazzjoni mill-bogħod tat-tfal.
- It-tfal jinstemgħu/jiġu interrogati f'ambjenti/kamra għas-seduti tas-smiġh speċjalizzati li jkunu adattati għat-tfal u jistgħu jippartedipaw b'mod effettiv fi kwalunkwe seduta ta' smiġh.
- It-tfal jingħataw informazzjoni adattata għat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom u l-aspetti ġenerali tal-proċedimenti.

(*) Tfal: il-persuni li għandhom taħt it-18-il sena.

⁸² Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.


It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 testendi l-analiżi tal-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi tal-kriminalità u l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa/il-vjolenza domestika.

Illustrazzjoni .: Rimedji legali għall-vittmi tal-kriminalità, 2024 (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸³⁾)



⁸³ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Illustrazzjoni .: Rimedji legali għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa/vjolenza domestika, 2024 (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸⁴⁾)



2.2.2. Riżorsi


Hemm bżonn riżorsi suffiċjenti biex is-sistema tal-ġustizzja taħdem kif suppost. Dan jinkludi l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura fiżika u teknika u persunal kwalifikat, imħarreġ u mħallas b'mod adegwat ta' kull tip. Mingħajr faċilitajiet adegwati, għodod jew persunal bil-kwalifiki u bil-ħiliet meħtieġa u b'aċċess għal taħriġ kontinwu, il-kwalità tal-proċedimenti u tad-deċiżjonijiet ikunu f'riskju.

– *Riżorsi finanzjarji* –

L-illustrazzjonijiet ta' hawn taħt juru n-nefqa reali tal-gvern fuq it-tħaddim tas-sistema tal-ġustizzja (ħlief għall-ħabsijiet), kemm għal kull abitant (Illustrazzjoni 33) kif ukoll bħala sehem mill-prodott domestiku gross (PDG) (Illustrazzjoni 34) .


⁸⁴ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Illustrazzjoni .: Nefqa totali tal-gvern ġenerali fuq il-qrati f'EUR għal kull abitant, fl-2013, fl-2021 – 2023 (*) (sors: il-Eurostat)



(*) L-Istati Membri huma f'ordni skont in-nefqa tagħhom fl-2023 (mill-ogħla sal-anqas). Id-data għall-2022 għall-DE, ES, FR u s-SK hija proviżorja. Id-data għall-BE, il-DE, ES, FR, il-PT u s-SK għall-2023 hija proviżorja. Id-data għall-PL għandha interruzzjoni fis-serje fl-2022. Sors: il-Eurostat, Gov_10a_exp

Illustrazzjoni .: Nefqa totali tal-gvern ġenerali fuq il-qrati bħala perċentwal tal-PDG, fl-2013, fl-2021 – 2023 (*) (sors: il-Eurostat)




(*) L-Istati Membri jinsabu f'ordni skont in-nefqa tagħhom fl-2023 (mill-ogħla sal-anqas). Id-data għall-2022 għall-DE, ES, FR u s-SK hija proviżorja. Id-data għall-BE, il-DE, ES, FR, il-PT u s-SK għall-2023 hija proviżorja. Id-data għall-PL għandha interruzzjoni fis-serje fl-2022. Sors: il-Eurostat, Gov_10a_exp

L-Illustrazzjoni 35 tippreżenta l-proporzjon tas-salarji annwali tal-imħallfin u tal-prosekuturi mas-salarju annwali medju fil-pajjiż. Għal kull pajjiż, l-għaqdiet tal-avukati jippreżentaw dawn il-

proporzjonijiet għall-imħallfin u l-prosekuturi fil-bidu tal-karrieri rispettivi tagħhom, u meta jilħqu l-quċċata tagħhom. Bis-saħħa tal-Artikolu 19(1) tat-TUE, l-Istati Membri jridu jiżguraw li kemm il-qrati tagħhom b'mod ġenerali kif ukoll l-imħallfin individwali jkunu indipendenti fl-oqsma koperti mid-dritt tal-UE. Filwaqt li t-tnaqqis temporanju fir-remunerazzjoni fil-kuntest tal-miżuri ta' awsterità ma tqiesx bħala ksar ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddikjarat li l-perċezzjoni mill-membri tal-ġudikatura ta' livell ta' remunerazzjoni adegwata meta mqabbla mal-importanza tal-funzjonijiet eżerċitati tikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-imħallfin ⁽⁸⁵⁾.

Illustrazzjoni .: Proporzjon tas-salarji annwali tal-imħallfin u l-prosekuturi b'salarju gross medju annwali fil-pajjiż fl-2023 (*) (sors: l-Istudju tal-Kummissjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ))



(*) Il-kummenti speċifiċi tal-Istati Membri dwar id-data huma aċċessibbli fl-istudju tas-CEPEJ⁽⁸⁶⁾.


L-Illustrazzjoni 36 tippreżenta l-proporzjon tas-salarji annwali tal-persunal espert ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni meta mqabbla mas-salarju annwali medju fil-pajjiż. Għal kull pajjiż, l-ewwel żewġ żbarri jippreżentaw il-proporzjonijiet għall-persunal espert ġudizzjarju fil-bidu tal-karrieri rispettivi tagħhom, u wara 10 snin fis-servizz, filwaqt li t-tielet u r-raba' żbarri jippreżentaw il-

⁸⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Kawża C- 64/16 Associação Sindical dos Juizes Portugueses, (ECLI:EU:C:2018:117) punt 45, “Issa, bħall-impossibbiltà tat-tneħħija tal-membri tal-istanza kkonċernata (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson, C- 506/04, EU:C:2006:587, punt 51), il-perċezzjoni tagħhom ta' livell ta' remunerazzjoni adegwata meta mqabbla mal-importanza tal-funzjonijiet li jeżerċitaw tikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-imħallfin.” Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża Magħquda C-146/23 u C-374/23 Sađ Rejneroy w Białymstoku u Adoreikè (ECLI:EU:C:2025:109), fejn il-Qorti tikkonferma li r-regoli dettaljati għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-imħallfin iridu jkunu oġġettivi, prevedibbli, stabbli u trasparenti. Id-determinazzjoni ta' dik ir-remunerazzjoni jrid ikollha bażi ġuridika u tissodisfa l-kriterji ta' oġġettività, prevedibbiltà, stabbiltà u trasparenza. Kwalunkwe deroga mill-metodu għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni trid tkun iġġustifikata minn objettiv ta' interess ġenerali.

⁸⁶ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#documents

proporzjonijiet għall-persunal espert tal-prosekuzzjoni fil-bidu tal-karrieri rispettivi tagħhom, u wara 10 snin fis-servizz.

Illustrazzjoni .: Proporzjon ta' salarji annwali tal-persunal espert ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni mas-salarju gross medju annwali aġġustat għal full-time fl-2023 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurostat ⁽⁸⁷⁾)



(*) Indikatur żviluppat f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. Id-data dwar is-salarji tirreferi għas-salarju inizjali gross annwali minimu, fl-2023, f'euro, u s-salarju gross annwali minimu wara 10 snin ta' esperjenza, fl-2023, f'euro. Is-salarju gross jiġi kkalkulat qabel ma tkun tħallset kwalunkwe spiża u taxxa. Il-bonusijiet li jiġihallu regolarment lill-persunal kollu irrispettivament miċ-ċirkostanzi personali tagħhom huma inklużi (pereżempju t-13-il salarju li jiġihallas mingħajr eċċezzjoni lill-persunal fil-qorti/fil-prosekuzzjoni pubblika). Il-bonusijiet marbuta ma' ċirkostanzi personali (pereżempju benefiċċji tal-familja skont l-għadd ta' tfal) huma esklużi mill-ammont. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, qed jintuża l-valur tas-salarju minimu minn fost il-kategoriji tal-persunal li jaqgħu fil-grupp rispettiv tal-persunal. Il-proporzjon ġie kkalkulat skont l-indikatur tal-Eurostat "Salarju medju aġġustat full time għal kull impjegat", nama_10_fte, għall-2023. Il-persunal ġudizzjarju jirreferi għal persunal espert fil-qorti tal-prim'istanza li jikkontribwixxi għall-proċedimenti ġudizzjarji/involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet, bħall-assistenti mħallfin, ir-Rechtspfleger, l-assistenti tal-imħallfin, l-auxilliaires de justice, ir-reġistraturi tal-qorti. Il-persunal tal-prosekuzzjoni pubblika jirreferi għal persunal espert fl-aktar livell baxx tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni li jikkontribwixxi għall-proċedimenti/involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet bħal assistenti tal-prosekuturi, prosekuturi apprendisti. Il-kategoriji speċifiċi msemmija mill-Istati Membri individwali f'dawn iż-żewġ gruppi usa' u rrappreżentati fiċ-ċart huma, rispettivament; J: tirreferi għall-persunal ġudizzjarju, P: tirreferi għall-persunal tal-prosekuzzjoni. **BE:** griffier/greffier (J), secretaris/secrétaire (P). Id-data


⁸⁷ Id-data tal-2024 miġbura f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u mal-Eurostat. Is-sors tad-data dwar is-salarju gross medju annwali użat għall-kalkolu tal-proporzjonijiet fl-Illustrazzjonijiet 34 u 35 huwa differenti (fl-Illustrazzjoni 34, dawn jiġu pprovduti mis-CEPEJ, bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-korrispondenti nazzjonali tagħhom, filwaqt li fl-Illustrazzjoni 35, is-sors huwa l-Eurostat). Għalhekk, il-proporzjonijiet ma humiex direttament komparabbli bejn iż-żewġ illustrazzjonijiet.

pprovduta tinkludi l-leave u l-bonus ta' tmien is-sena. **BG**: assistent ġudizzjarju (J), assistent tal-prosekuzzjoni (P). **CZ**: uffiċjal ġudizzjarju għoli (J), persunal tal-prosekuzzjoni pubblika (P). **DK**: assistent imħallef (J), prosekutur apprendist (P). Is-salarju tal-assistent imħallef wara 10 snin esperjenza huwa bbażat fuq is-salarju medju. **DE**: mhux indikat. **EE**: skrivani tal-qorti (J), assistent prosekutur (P). **IE**: assistent ġudizzjarju (J), eżekuttiv legali (P). **EL**: reġistratur tal-qorti (J). **ES**: Letrados de la Administración de Justicia (J), Cuerpo de Auxilio Judicial (P). **FR**: assistent/skrivani legali (J), assistent/skrivani legali (P). **HR**: assistent ġudizzjarju (J), assistent tal-prosekutur (P). **IT**: il-persunal tal-qorti ġudizzjarja li jappartjeni għaż-żona III u s-segment ekonomiku F1 (J), il-persunal tal-qorti ġudizzjarja li jappartjeni għaż-żona III u s-segment ekonomiku F2 (J), il-persunal tal-prosekuzzjoni pubblika li jappartjeni għaż-żona III u s-segment ekonomiku F1 (P), il-persunal tal-prosekuzzjoni pubblika li jappartjeni għaż-żona III u s-segment ekonomiku F2 (P). **CY**: reġistratur (J). **LV**: assistent tal-imħallef (J), Avukat konsulent, avukat fil-qasam tal-liġi kriminali, avukat — analist (P). Il-persunal ġudizzjarju jikkonsisti f'assistenti tal-imħallfin biss. Ma hemm l-ebda firxa ta' salarji f'din il-kategorija. Fir-rigward tal-kategorija "assistenti tal-imħallef", id-data indikata kienet is-salarju massimu fl-2022. Is-salarju għall-assistenti kollha għall-imħallfin huwa l-istess fil-qorti tal-prim'istanza. Pereżempju, jekk l-assistent tal-imħallef jirċievi l-ogħla marka ta' evalwazzjoni fil-proċess ta' evalwazzjoni annwali, allura jkun diġà jista' jirċievi s-salarju massimu fl-ewwel sena tax-xogħol. Fir-rigward tal-persunal tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni, id-data hija medja tas-salarju għall-pożizzjonijiet indikati. Il-persunal fiż-żewġ livelli tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni għandu salarju stabbilit li ma jiddependix fuq is-snin maħduma fl-uffiċċju. **LT**: Assistenti ġudizzjarji (assistenti ġudizzjarji anzjani) (J), assistenti tal-prosekuturi u assistenti tal-kapijiet prosekuturi (P). Il-valuri tas-salarji tal-assistent ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni pubblika u tal-persunal klerikali huma l-medja ta' salarji speċifiċi f'kategorija partikolari. **LU**: Référendaires: Employé A1(J), Référendaires: Employé A1(J). **HU**: Aġent tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (P). **MT**: assistent ġudizzjarju (J), avukat apprendist (P). **NL**: Mhux disponibbli minħabba indikatur tal-Eurostat nieqes tas-salarju aġġustat fuq bażi full-time medju għal kull impjegat. **AT**: Imħallfin li qed jingħataw taħriġ/assistenti legali/awdituri/uffiċjali ġudizzjarji (Rechtspfleger) (J), prosekutur li qed jingħata taħriġ (P). Id-data tirrappreżenta r-rati tas-salarji statutorji. Il-membri tal-persunal jew gruppi ta' salarji differenti huma miġbura flimkien f'kategorija waħda tal-membri tal-persunal, b'valur medju mogħti abbażi tas-salarju statutorju u r-rati ta' remunerazzjoni. **PL**: assistent imħallef (J). Id-data hija medja ta' salarji speċifiċi f'kategorija partikolari. **RO**: prosekutur apprendist (P). Ir-RO għandha biss il-kategorija "prosekutur apprendist" — mhux "assistenti tal-prosekuturi" u lanqas kategoriji oħrajn ta' persunal espert li jikkontribwixxi għall-proċedimenti/involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Konsegwentement, ġie pprovdut biss is-salarju inizjali għall-prosekuturi apprendisti. Il-kategorija tal-persunal ġudizzjarju fil-qorti tal-prim'istanza ma kinitx teżisti fir-Rumanija fl-2022, għalhekk ma ġiet ipprovduta l-ebda data għal dik il-kategorija. **SI**: assistent ġudizzjarju (J), konsulent ġudizzjarju anzjan (P). **SK**: assistent (J), apprendist legali (P). **FI**: imħallef apprendist (J), assistent tal-prosekutur (P). **SE**: skrivani tal-qorti fl-ewwel skala (J), prosekutur pubbliku apprendist (P).

– Ir-riżorsi umani –


Ir-riżorsi umani adegwati huma essenzjali għall-kwalità ta' sistema ġudizzjarja. Id-diversità fost l-imħallfin, inkluż il-bilanċ bejn is-sessi, iżżid l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kumplimentari u tirrifletti r-realtà tas-soċjetà.

Illustrazzjoni .: Għadd ta' mħallfin, fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (għal kull 100 000 abitant)
 (sors: l-Istudju tal-Kummissjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ))




(*) Din il-kategorija tikkonsisti minn imħallfin li jaħdmu fuq bażi full-time, f'konformità mal-metodoloġija tas-CEPEJ. Dan ma jinkludix ir-Rechtspfleger/l-iskrivani tal-qorti li hemm f'ċerti Stati Membri. **EL**: sa mill-2016, id-data fuq l-għadd ta' mħallfin professjonali tinkludi l-gradji kollha għall-ġustizzja kriminali u ċivili kif ukoll l-imħallfin amministrattivi. **IT**: Il-kummissjonijiet tal-awditjar reġjonali, il-kummissjonijiet tat-taxxa lokali, u l-qrati militari ma humiex ikkunsidrati. Il-ġustizzja amministrattiva ilha titqies sa mill-2018. **AT**: id-data dwar il-ġustizzja amministrattiva ilha parti mid-data sa mill-2016.

Illustrazzjoni .: Proporzjon ta' mħallfin tal-Qorti Suprema professionali nisa fl-2022 – 2024
 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸⁸⁾)



(*) Id-data hija mqasma skont il-valuri tal-2024, mill-ogħla sal-anqas.

Illustrazzjoni .: Għadd ta' avukati, fl-2014, fl-2021 – 2023 (*) (għal kull 100 000 abitant) (sors: l-Istudju tal-Kummissjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ))



(*) F'konformità mal-metodoloġija tas-CEPEJ, avukat huwa persuna kkwalifikata u awtorizzata mil-liġi nazzjonali sabiex tippreżenta sottomissjonijiet u taġixxi f'isem il-klijenti tagħha; biex tinvolvi ruħha fil-prattika tal-liġi; biex tidher quddiem il-qrati jew tagħti pariri u tirrappreżenta lill-klijenti tagħha fi kwistjonijiet legali (ir-Rakkomandazzjoni Rec (2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-eżerċitar tal-professjoni ta' avukat). **DE:** Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn gruppi differenti ta' avukati fil-Ġermanja. **FI:** Sa mill-2015, l-għadd ta' avukati pprovduti jinkludi kemm l-għadd ta' avukati li jaħdmu fis-settur privat kif ukoll l-għadd ta' avukati li jaħdmu fis-settur pubbliku.

⁸⁸ L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Bażi tad-Data tal-Istatistika dwar il-Ġeneru: https://eige.europa.eu/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm_jud_natert_wmid_natert_supert/datatable

2.2.3. Diġitalizzazzjoni

L-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies) jista' jsahha is-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri u jagħmilhom aktar aċċessibbli, effiċjenti, reżiljenti u lesti li jiffaċċjaw sfidi attwali u futuri. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat għadd ta' sfidi li jaffettwaw il-funzjonament tal-ġudikatura u wriet il-ħtieġa li s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja jkomplu jtejbu d-diġitalizzazzjoni tagħhom.


Edizzjonijiet preċedenti tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE pprovdew data komparattiva dwar ċerti aspetti tal-ICT fis-sistemi tal-ġustizzja. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE ⁽⁸⁹⁾, it-Tabella ta' Valutazzjoni ġiet sostanzjalment miżjuda b'aktar data dwar id-diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri. Dan għandu jippermetti monitoraġġ aktar fil-fond tal-oqsma ta' progress u l-isfidi pendenti.

Il-ġustizzja li tiffavorixxi liċ-ċittadini tirrikjedi li l-informazzjoni dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali ma tkunx biss faċilment aċċessibbli iżda tkun imfassla wkoll għal gruppi speċifiċi tas-soċjetà li altrimenti jkollhom diffikultajiet fl-aċċess għall-informazzjoni, inklużi l-persuni b'diżabilità. L-Illustrazzjoni 40 turi d-disponibbiltà ta' informazzjoni online u servizzi pubbliċi speċifiċi li jistgħu jgħinu lin-nies jaċċessaw il-ġustizzja.

Illustrazzjoni .: Id-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar is-sistema ġudizzjarja għall-pubbliku ġenerali, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹⁰⁾)

⁸⁹ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, "Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Strumentarju ta' opportunitajiet COM(2020)710 u l-SWD(2020)540 li jakkumpanjaha.

⁹⁰ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.




(*) **DE**: Kull stat federali kif ukoll il-livell federali jiddeċiedu individwalment liema informazzjoni jipprovdu online.

– Regoli dwar il-potenzjal diġitali –

L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali f'kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali spiss jirrikjedi regolamentazzjoni xierqa fir-regoli proċedurali nazzjonali. L-Illustrazzjoni 41 turi l-possibbiltajiet stabbiliti bil-liġi li diversi atturi jużaw teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod (bħall-vidjokonferenzi) għall-proċeduri tal-qorti u għal dawk marbuta mal-qorti, u tirrifletti s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-evidenza diġitali.

Illustrazzjoni .: Regoli proċedurali li jippermettu t-teknoloġija diġitali fil-qradi f'kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁹¹)

⁹¹ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.



Għal kull Stat Membru, it-tliet kolonni jirrappreżentaw regoli proċedurali li jippermettu t-teknoloġija diġitali fil-qrati fit-tipi ta' kawżi li ġejjin (mix-xellug għal-lemin):
 1. kawżi ċivili/kummerċjali
 2. kawżi amministrattivi
 3. kawżi kriminali.

- Interpretazzjoni tal-lingwa possibbli waqt li tintuża t-teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod
- L-esperti jistgħu jinstemgħu permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod
- Ix-xhieda jistgħu jinstemgħu permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod
- Il-parti orali tal-proċedura tista' titwettaq kompletament permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod
- L-ammissibbiltà ta' evidenza ppreżentata f'format diġitali biss
- Il-partijiet/il-imputati/il-vittmi jistgħu jinstemgħu permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod


(*) Il-massimu possibbli: 12-il punt. Għal kull kriterju, inġhataw żewġ punti jekk il-possibbiltà teżisti fil-kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali kollha, rispettivament (f'kawżi kriminali, il-possibbiltà li jinstemgħu l-partijiet kienet maqsuma sabiex tkopri kemm lill-konvenuti kif ukoll lill-vittmi). Il-punti huma diviżi bi tnejn meta l-possibbiltà ma tkunx teżisti fil-kawżi kollha. Għal dawk l-Istati Membri li ma jaqsmux l-ebda distinzjoni bejn il-kawżi ċivili/kummerċjali u dawk amministrattivi, inġhata l-istess għadd ta' punti għaż-żewġ oqsma. **EL, LU**: xejn għal kawżi amministrattivi.

– L-użu ta' għodod diġitali –

Lil hinn mir-regoli proċedurali dwar il-potenzjal diġitali, il-qrati u s-servizzi tal-prosekuzzjoni jeħtieġ li jkollhom stabbiltà l-għodod u l-infrastruttura xierqa li jippermettu komunikazzjoni mill-bogħod u aċċess mill-bogħod sikur għall-post tax-xogħol (Illustrazzjoni 42). Infrastruttura u tagħmir adegwati huma meħtieġa wkoll għall-komunikazzjoni elettronika sikura bejn il-qrati/is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-professjonisti legali u l-istituzzjonijiet (Illustrazzjonijiet 43 u 44).

L-ICT, inkluża t-teknoloġija innovattiva, għandha rwol importanti fl-appoġġ tal-ħidma tal-awtoritajiet ġudizzjarji. Għalhekk din tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja. Id-disponibbiltà ta' diversi għodod diġitali għad-dispożizzjoni tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-persunal ġudizzjarju tista' tissimplifika l-proċessi tax-xogħol, tiżgura allokkazzjoni ġusta tal-volum ta' xogħol u twassal għal naqqis sinifikanti fil-ħin.

Illustrazzjoni .: Użu tat-teknoloġija diġitali mill-qrati u mis-servizzi tal-prosekuzzjoni, 2024
 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹²⁾)




(*) Il-massimu possibbli: seba' punti. Għal kull kriterju, ingħata punt wieħed jekk il-qrati u s-servizzi tal-prosekuzzjoni, rispettivament, jużaw teknoloġija partikolari u ngħataw 0,5 punti meta mhux dejjem jużaw it-teknoloġija.

Komunikazzjoni elettronika sikura tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja. Il-possibbiltà li l-qrati jikkomunikaw b'mod elektroniku bejniethom u mal-professjonisti

⁹² Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

legali u ma' istituzzjonijiet oħra tista' tissimplifika l-proċessi u tnaqqas il-ħtieġa għal komunikazzjoni bbażata fuq il-karta u l-preżenza fiżika. Dan iwassal għal tnaqqis fit-tul tal-attivitajiet ta' qabel il-proċess u fil-proċedimenti tal-qorti.

Illustrazzjoni .: Qrati: għodod ta' komunikazzjoni elettronika, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹³⁾)




(*) Il-massimu possibbli: ħames punti. Għal kull kriterju, ingħata punt wieħed jekk tkun disponibbli komunikazzjoni elettronika sikura għall-qrati. Ingħataw 0,5 meta l-possibbiltà ma tkunx teżisti fil-kawżi kollha. FI: il-kompiti tanutara ma jirrigwardawx lill-qrati. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni sabiex dawn jiġu pprovduti b'konnessjoni sigura.

Is-servizzi tal-prosekuzzjoni huma essenzjali għall-funzjonament tas-sistema tal-ġustizzja kriminali. L-aċċess għal mezz elettroniku sikur ta' komunikazzjoni jista' jiffaċilita x-xogħol tagħhom u jwassal għal kwalità mtejbja tal-proċedimenti tal-qorti. Il-possibbiltà ta' komunikazzjoni elettronika sikura bejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet investigattivi, l-avukati tad-difiża u l-qrati tappoġġa t-tnejjija aktar rapida u effiċjenti tal-proċedimenti quddiem il-qorti.

⁹³ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Illustrazzjoni .: Servizz tal-prosekuzzjoni: għodod ta' komunikazzjoni elettronika, 2024 (*)
 (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹⁴⁾)




(*) Il-massimu possibbli: ħames punti. Għal kull kriterju, ingħata punt wieħed jekk tkun disponibbli komunikazzjoni elettronika sikura għas-servizz tal-prosekuzzjoni. Ingħataw 0,5 meta l-possibbiltà ma tkunx teżisti fil-kawżi kollha. Id-disponibbiltà ta' għodod ta' komunikazzjoni elettronika fi ħdan is-servizz ta' prosekuzzjoni tinkludi komunikazzjoni mal-avukati impjegati mis-servizz ta' prosekuzzjoni.

– Access online għall-qrati –

Il-kapaċità li jiġu kompluti passi speċifiċi fi proċedura ġudizzjarja b'mezzi elettroniċi hija parti importanti mill-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja. Il-preżentazzjoni elettronika tat-talbiet, il-possibbiltà li proċediment jiġi mmonitorjat u mmexxi online, jew li dokument jiġi nnotifikat b'mod elettroniku jistgħu jiffaċilitaw notevolment l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u għan-negozji (jew għar-rappreżentanti legali tagħhom) u jnaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż. Id-disponibbiltà ta' tali servizzi pubbliċi diġitali tgħin sabiex il-qrati jieħdu pass eqreb lejn iċ-ċittadini u n-negozji, u b'estensjoni twassal għal fiduċja akbar fis-sistema tal-ġustizzja.

⁹⁴ Id-data għall-2024 ingħabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Illustrazzjoni .: Soluzzjonijiet diġitali biex jinbdeu u jiġu segwiti proċedimenti f'kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹⁵⁾)




(*) Il-massimu possibbli: disa' punti. Għal kull kriterju, inġhata punt wieħed jekk il-possibbiltà teżisti fil-kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi kollha, rispettivament. Inġhataw 0,5 punti meta l-possibbiltà ma teżistix fil-kawżi kollha. Għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn il-kawżi ċivili/kummerċjali u dawk amministrattivi, inġhata l-istess għadd ta' punti għaż-żewġ oqsma.

L-użu ta' għodod diġitali għat-twertiq u għas-segwitu ta' proċeduri tal-qorti f'kawżi kriminali, jista' jgħin ukoll sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-vittmi u tal-imputati. Pereżempju, is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jippermettu komunikazzjoni mill-bogħod kunfidenzjali bejn il-konvenuti u l-avukati tagħhom, jippermettu lill-imputati taħt arrest iħejju għas-seduta tagħhom u jgħinu lill-vittmi tal-kriminalità sabiex jevitaw vittimizazzjoni sekondarja.

⁹⁵ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Illustrazzjoni .: Soluzzjonijiet diġitali għat-tweġiq u s-segwitu ta' proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali, 2024 (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹⁶⁾)



- L-akkużati jistgħu jaċċessaw il-każ li għaddej tagħhom elettronikament
- Il-vittmi jistgħu jaċċessaw il-każ li għaddej tagħhom elettronikament
- Il-vittmi jistgħu jissottomettu dikjarazzjonijiet bil-miktub online (inklużi applikazzjonijiet inizjali)
- L-akkużati jistgħu jikkomunikaw b'mod kunfidenzjali mal-avukati tagħhom waqt seduti mill-bogħod
- L-akkużati jistgħu jippreżentaw dikjarazzjonijiet bil-miktub online, inkluża applikazzjoni għal għajjuna legali
- L-akkużati f'detenzjoni jistgħu jużaw faċilitajiet tal-ICT biex iħejju għas-seduti

(*) Il-massimu possibbli: sitt punti. Għal kull kriterju, ingħata punt wieħed jekk il-possibbiltà teżisti fil-kawżi kriminali kollha. Ingħataw 0,5 punti meta l-possibbiltà ma teżistix fil-kawżi kollha.

– *Aċċess għas-sentenzi* –

L-iżgurar tal-aċċess għas-sentenzi online jżid it-trasparenza tas-sistemi tal-ġustizzja, jgħin liċ-ċittadini u n-negozji jifhmu drittijiethom, u jista' jikkontribwixxi għall-konsistenza fil-ġurisprudenza. Arranġamenti xierqa għall-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji online huma essenzjali għall-ħolqien ta' faċilitajiet ta' tiftix faċli għall-utent ⁽⁹⁷⁾ li jagħmlu l-ġurisprudenza aktar aċċessibbli għall-professjonisti legali u għall-pubbliku ġenerali, inklużi l-persuni

⁹⁶ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

⁹⁷ Ara *Best practice guide for managing Supreme Courts*, taħt il-proġett Supreme Courts bħala garanzija għall-effettività tas-sistemi ġudizzjarji, p. 29.

b' diżabilità. L-aċċess bla xkiel għall-ġurisprudenza u l-użu mill-ġdid tagħha b' mod faċli jagħmlu s-sistema tal-ġustizzja kompatibbli mal-algoritmi u jippermettu applikazzjonijiet innovattivi ta' "teknoloġija legali" li jappoġġaw lill-prattikanti.

Il-pubblikazzjoni online tad-deċiżjonijiet tal-qorti tirrikjedi li jiġu b'bilanċjati diversi interessi, fil-limiti stabbiliti mill-oqfsa ġuridiċi u ta' politika. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ⁽⁹⁸⁾ japplika bis-sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali mill-qorti. Meta jiġi vvalutat liema data għandha ssir pubblika, għandu jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-dritt għall-protezzjoni tad-data u l-obbligu li jiġu ppubblikati deċiżjonijiet tal-qorti sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tas-sistema tal-ġustizzja. Dan huwa partikolarment minnu fejn ikun hemm interess pubbliku prevalenti li jiġġustifika l-iżvelar ta' dik id-data. F'haġna pajjiżi, il-liġi jew il-prattika teħtieġ l-anonimizzazzjoni jew il-pseudonimizzazzjoni ⁽⁹⁹⁾ ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji qabel il-pubblikazzjoni, jew b' mod sistematiku jew fuq talba. Id-data prodotta mill-ġudikatura hija rregolata wkoll mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ⁽¹⁰⁰⁾.

Id-disponibbiltà ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'format li jinqara mill-magni ⁽¹⁰¹⁾, kif muri fl-Illustrazzjoni 47, tiffaċilita sistema tal-ġustizzja favorevoli għall-użu tal-algoritmi ⁽¹⁰²⁾.

Illustrazzjoni .: Aċċess online mill-pubbliku ġenerali għas-sentenzi ppubblikati, 2023 (*)
(kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali, l-istanzi kollha) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁰³⁾)

⁹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).


⁹⁹ L-anonimizzazzjoni/il-pseudonimizzazzjoni hija aktar effiċjenti jekk tkun assistita minn algoritmu. Madankollu, hija meħtieġa superviżjoni umana, peress li l-algoritmi ma jifhmux il-kuntest.

¹⁰⁰ Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90) u d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

¹⁰¹ Is-sentenzi mmudellati skont l-istandards (eż. Akoma Ntoso) u l-metadata assoċjata tagħhom jistgħu jitniżżlu bla hłas fil-forma ta' bażi tad-data jew b'mezzi awtomatizzati oħrajn (eż. Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Aplikazzjonijiet).

¹⁰² Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020) 66 final, il-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja, COM(2020) 65 final, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi hđan il-Kunsill dwar l-Aħjar Prattiki rigward il-Pubblikazzjoni Online tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti (ĠU C 362, 8.10.2018, p. 2).


¹⁰³ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.



(*) Il-massimu possibbli: disa' punti. Għal kull istanza tal-qorti, ingħata punt wieħed jekk is-sentenzi kollha huma disponibbli għall-kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi u kriminali rispettivament, 0,75 punti meta l-biċċa l-kbira tas-sentenzi (aktar minn 50 % huma disponibbli) u 0,5 punti meta huma disponibbli xi sentenzi (anqas minn 50 %). Għall-Istati Membri li għandhom żewġ istanzi biss tal-qorti, ingħataw punti għat-tliet istanzi billi ġiet riflessa l-qorti tal-ogħla istanza rispettiva tal-istanza li ma teżistix. Għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn iż-żewġ oqsma tal-liġi (ċivili/kummerċjali u amministrattiva), ingħata l-istess għadd ta' punti għaż-żewġ oqsma. **BE:** Għall-kawżi ċivili u kriminali, kull qorti hija inkarigata li tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tas-sentenzi tagħha. **DE:** Kull stat federali jiddeċiedi dwar id-disponibbiltà online tas-sentenzi tal-prim'istanza. **AT:** Għall-prim'istanza u għat-tieni istanza, l-imħallfin jiddeċiedu liema sentenzi jiġu ppubblikati. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema, li jiċħdu appell mingħajr raġunament sostanzjali ma jiġux ippubblikati. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Suprema meħuda minn imħallf wieħed jiġu ppubblikati jekk l-imħallf ikkonċernat jiddeċiedi li jipubblikahom. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet li fihom biss kwistjonijiet legali fejn diġà hemm ġurisprudenza kontinwa tal-Qorti Amministrattiva Suprema u deċiżjonijiet mhux ikkumplikati dwar it-twaqqif tal-proċedimenti ma jiġux ippubblikati. **NL:** il-qراطي jiddeċiedu dwar il-pubblikazzjoni skont kriterji pubblikati. **PT:** Kummissjoni fi ħdan il-qorti tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni. **SI:** id-deċiżjonijiet proċedurali bi ftit jew l-ebda sinifikat għall-ġurisprudenza ma jiġux ippubblikati; minn deċiżjonijiet f'kawżi, li huma identiċi fis-sustanza (eż. għadd kbir ta' kawżi bl-istess suġġett), tiġi ppubblikata biss id-deċiżjoni ewlenija (flimkien mal-lista ta' fajls tal-kawżi bl-istess kontenut). Il-qراطي ogħla individwali jiddeċiedu liema sentenzi jistgħu jiġu ppubblikati. **SK:** Id-deċiżjonijiet dwar diversi tipi ta' kawżi ċivili, bħal fi kwistjonijiet ta' wirt jew id-determinazzjoni tal-paternità ma humiex ippubblikati. **FI:** Il-qراطي jiddeċiedu liema sentenzi jiġu ppubblikati.

Illustrazzjoni .: Arranġamenti għall-produzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jinqraw mill-magni, 2024 (*) (kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali, l-istanzi kollha) (sors: il-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁰⁴⁾)

¹⁰⁴ Id-data għall-2024 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.




(*) *Il-massimu possibbli: 24 punt għal kull tip ta' kawża. Għal kull waħda mit-tliet istanzi (il-prim'istanza, it-tieni istanza, l-istanza finali) jista' jingħata punt wieħed jekk ikunu koperti d-deċiżjonijiet gudiżzarji kollha. Jekk jiġu koperti biss xi deċiżjonijiet gudiżzarji f'istanza partikolari, jingħata nofs punt biss. Meta Stat Membru jkollu żewġ istanzi biss, ingħataw punti għal tliet istanzi billi ġiet riflessa l-ogħla istanza rispettiva bħala l-istanza li ma teżistix. Għal daww l-Istati Membri li ma jagħmlux distinzjoni bejn kawżi amministrattivi u ċivili/kummerċjali, ġew allokati l-istess punti għaż-żewġ oqsma tal-liġi. ES: L-użu tal-bażi ta' data tal-Kunsill Ġenerali għall-Ġudikatura (CGPJ, Consejo General del Poder Judicial) għal finijiet kummerċjali, jew it-tneżżil massiv ta' informazzjoni ma huwiex permess. L-użu mill-ġdid ta' din l-informazzjoni għall-iżvilupp ta' bażijiet ta' data jew għal finijiet kummerċjali jrid isegwi l-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti mis-CGPJ permezz taċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni Ġudiżzarja tiegħu. IE: l-anonimizzazzjoni tas-sentenzi ssir fil-liġi tal-familja, fil-kura tat-tfal u f'oqsma oħra fejn l-istatut jirrikjedi dan jew meta mħallef jordna biex l-identitajiet tal-partijiet jew tal-persuni ma jiġux iddivulgati.*

– *Implimentazzjoni tas-sentenzi* –

Fi Stat regolat mill-istat tad-dritt, l-istituzzjonijiet pubbliċi jridu jikkonformaw mas-sentenzi u jinfurzwom fil-ħin. L-infurzar effettiv ta' deċiżjonijiet gudiżzarji vinkolanti huwa essenzjali wkoll biex tiġi żgurata l-fiduċja pubblika fl-indipendenza u fl-awtorità tal-ġudikatura¹⁰⁵. L-Illustrazzjoni 49, għall-ewwel darba, tippreżenta mekkaniżmi li huma fis-seħħ biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' sentenzi minn qrati amministrattivi supremi. L-illustrazzjoni tippreżenta liema mekkaniżmi huma fis-seħħ f'kull Stat Membru u ma tevalwax kemm huma effettivi jew kemm jintużaw fil-prattika ta' spiss.

¹⁰⁵ L-Opinjoni tas-CCJE Nru 13 (2010) dwar ir-rwol tal-imħallfin fl-infurzar tad-deċiżjonijiet gudiżzarji.

Illustrazzjoni .: Mekkaniżmi ġudizzjarji fis-seħħ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-qorti amministrattiva, 2024 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ma' ACA Europe ⁽¹⁰⁶⁾)



¹⁰⁶ Id-data għall-2024 inġabret permezz ta' tweġibiet mill-membri ta' ACA Europe għal kwestjonarju.

2.2.4. Sommarju dwar il-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja

L-aċċess faċli, ir-riżorsi adegwati, l-ġhodod ta' valutazzjoni effettivi u d-diġitalizzazzjoni kollha jikkontribwixxu għal kwalità għolja tas-sistema tal-ġustizzja. Il-pubbliku u n-negozji jistennew deċiżjonijiet ta' kwalità għolja minn sistema tal-ġustizzja effettiva. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tagħmel analiżi komparattiva ta' dawn il-fatturi.

Aċċessibbiltà

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 tħares mill-ġdid lejn għadd ta' elementi li jikkontribwixxu għal sistema tal-ġustizzja faċli għan-nies:

- 1) **Id-disponibbiltà tal-ghajjnuna legali u l-livell tat-tariffi tal-qorti** għandhom impatt kbir fuq l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-persuni li jgħixu fil-faqar jew li huma f'riskju ta' faqar. L-Illustrazzjoni 23 turi li, fi tliet Stati Membri, il-persuni li l-introjt tagħhom huwa anqas mil-livell limitu tal-faqar tal-Eurostat ma jirċievu ebda għajjnuna legali. Il-livell tat-tariffi tal-qorti (Illustrazzjoni 24) baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli mill-2016, għalkemm f'erba' Stati Membri t-tariffi tal-qorti kienu aktar għoljin milli fl-2023, b'mod partikolari għal talbiet ta' valur baxx. Il-piż tat-tariffi tal-qorti għadu proporzjonalment oġhla għal talbiet ta' valur baxx. Id-diffikultà sabiex wieħed jitlob l-ghajjnuna legali flimkien ma' tariffi tal-qorti għoljin fi tliet Stati Membri jista' jiskoraġġixxi lill-persuni li jgħixu fil-faqar milli jippruvaw jaċċessaw il-ġustizzja. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tippreżenta wkoll, għat-tieni darba, **ir-rata ta' għajjnuna legali mħallsa lill-avukati tad-difiża kriminali** f'każ kriminali speċifiku, li turi li teżisti disparità wiesgħa fost l-Istati Membri fl-ammonti li l-avukati jitħallsu mill-baġit pubbliku (Illustrazzjoni 25).
- 2) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tkompli tanalizza l-modi li bihom l-Istati Membri jippromwovu l-użu volontarju ta' **metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)** (Illustrazzjoni 26), inkluża l-possibbiltà li jintużaw teknoloġiji diġitali. Fl-2024, l-isforz ta' promozzjoni ġenerali żdied, b'sitt Stati Membri jirrapportaw aktar mezzi ta' promozzjoni, b'mod partikolari dwar il-metodi tal-ADR f'tilwim tal-konsumatur. L-għadd ta' modi użati għall-promozzjoni tal-metodi tal-ADR għadu aktar baxx milli għal tilwim ieħor, iżda żdied ukoll mill-2023.
- 3) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 terġa' tqis l-arranġamenti speċifiċi għall-**aċċess għall-ġustizzja għal persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni u persuni akbar fl-età**. L-Illustrazzjoni 27 turi li 18-il Stat Membru ħadu passi biex joħolqu sensibilizzazzjoni fost il-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni dwar fejn jistgħu jiksbu informazzjoni u assistenza legali. F'16-il Stat Membru, jittieħdu passi biex l-ghajjnuna legali ssir aktar aċċessibbli għall-persuni akbar fl-età, u fi 17-il Stat Membru, l-NGOs jew il-korpi tal-ugwaljanza għandhom id-dritt li jibdeu jew jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji f'isem vittima waħda jew bosta vittimi jew b'appoġġ għalihom. F'20 Stat Membru, hemm soluzzjonijiet fis-seħħ biex jgħinu lill-persuni akbar fl-età jipparteċipaw fi proċedimenti tal-qorti, inkluż li jirċievu komunikazzjoni tal-qorti bil-posta.
- 4) Għat-tieni darba wkoll, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tippreżenta **miżuri speċifiċi magħżula għal azzjonijiet rappreżentattivi** li jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi. L-Illustrazzjoni 28 turi li 23 Stat Membru għandhom mill-inqas miżura waħda ta' dan it-tip fis-seħħ. Minn fost il-miżuri magħżula, l-arranġamenti speċifiċi

biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet u r-riżultati u l-miżuri biex l-imħallfin jiġu mħarrġa fil-ġestjoni effettiva tal-azzjonijiet rappreżentattivi huma l-aktar mifruxa, u huma fis-seħħ fi 12-il Stat Membru.

- 5) L-Illustrazzjoni 29 turi li l-Istati Membri kollha għandhom xi **arranġamenti speċifiċi għal ġustizzja u proċedimenti adattati għat-tfal, kemm fir-rigward tal-proċedimenti tal-ġustizzja ċivili kif ukoll dawk kriminali/għall-minorenni**. Hdex-il Stat Membru għandhom id-disa' arranġamenti speċifiċi mmonitorjati kollha fis-seħħ, inkluż, pereżempju, sit web iddisinjat b'mod speċifiku sabiex ikun adattat għat-tfal u helplines biex jipprovdu informazzjoni dwar is-sistema tal-ġustizzja jew miżuri fis-seħħ biex it-tfal jinżammu separatament mill-adulti meta jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom. Fl-Istati Membri kollha, il-privatezza u d-data personali tat-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji jew mhux ġudizzjarji huma protetti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha għandhom ambjenti/kmamar għas-seduti tas-smiġħ speċjalizzati u adattati għat-tfal li fihom jinstemgħu t-tfal. L-immappjar ta' **arranġamenti speċifiċi għat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali bħala vittmi jew persuni suspettati u akkużati** (Illustrazzjoni 30) juri, pereżempju, li 26 Stat Membru jipprovdu informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittma jew tal-persuna suspettata u l-proċedimenti b'mod li ma jagħmilx ħsara lit-tfal u fi 15-il Stat Membru, kwalunkwe forma ta' ċaħda tal-libertà tat-tfal tintuża bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq.
- 6) L-Illustrazzjoni 31 turi li l-Istati Membri kollha għandhom xi **arranġamenti speċifiċi għall-vittmi tal-kriminalità**. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom l-arranġamenti speċifiċi mmonitorjati fis-seħħ, inkluż, pereżempju, l-ġhoti ta' assistenza finanzjarja f'każijiet fejn it-trażgressur ma jħallasx il-kumpens aġġudikat jew il-possibbiltà li l-vittmi jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet biex jipprovdu miżura ta' protezzjoni jew interpretazzjoni jew traduzzjoni. F'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom fi ħdan il-proċedimenti kriminali, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-vittmi għandhom drittijiet għal miżuri ta' protezzjoni, għall-ġhajjnuna legali, jew li jinstemgħu. L-Illustrazzjoni 32 turi li l-Istati Membri kollha għandhom xi **arranġamenti speċifiċi għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa/vjolenza domestika**. Fi kważi l-Istati Membri kollha, hemm fis-seħħ miżuri biex jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi u tax-xhieda u biex jiġi żgurat li l-kuntatt bejn il-vittmi u l-awturi tar-reati jiġi evitat meta jkun meħtieġ. Fi kważi l-Istati Membri kollha, l-NGOs u/jew il-korpi ta' ugwaljanza jistgħu jassistu u/jew jappoġġaw lill-vittmi.

Riżorsi

Is-sistemi tal-ġustizzja ta' kwalità għolja fl-Istati Membri jiddependu minn riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti. Dan jirrikjedi investiment xieraq fl-infrastruttura fiżika u teknika, taħriġ inizjali u kontinwu, u diversità fost l-imħallfin, inkluż bilanċ bejn il-ġeneri. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 turi dan li ġej.

- 7) F'termini ta' **riżorsi finanzjarji**, b'mod ġenerali fl-2023 l-infiq tal-gvern ġenerali fuq il-qrati tal-liġi żdied fl-Istati Membri kollha meta jitqies l-ġhadd ta' abitanti, filwaqt li naqas f'sitt Stati Membri meta mqabbel mal-PDG. Għadhom jidhru differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fil-livelli ta' nfiq, kemm għal kull abitant kif ukoll bħala perċentwal tal-PDG (Illustrazzjonijiet 33 u 34).
- 8) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tkompli tesplora s-sitwazzjoni fl-

Istati Membri fir-rigward tas-salarji fis-sistema tal-ġustizzja. Din tippreżenta, għat-tielet darba, il-proporzjon tas-salarji annwali **tal-imħallfin u l-prosekuturi** meta mqabbel mas-salarju annwali medju fil-pajjiż (Illustrazzjoni 35). Għat-tieni darba, tippreżenta wkoll il-**proporzjon tas-salarji annwali tal-persunal espert ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni** meta mqabbel mas-salarju annwali medju fil-pajjiż (Illustrazzjoni 36). Iż-żewġ ċifri juru differenzi fuq medda wiesgħa fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Illustrazzjoni 36 tiżvela li f'16-il Stat Membru, il-persunal espert ġudizzjarju fil-bidu tal-karriera tiegħu jirċievi inqas mis-salarju medju nazzjonali. F'13-il Stat Membru, dan huwa wkoll il-każ tal-persunal espert tal-prosekuzzjoni pubblika.

- 9) **In-nisa** għadhom jirrappreżentaw inqas minn 50% tal-imħallfin fil-livell tal-qorti suprema f'19-il Stat Membru (Illustrazzjoni 38), filwaqt li fi tmien Stati Membri mill-inqas nofs l-imħallfin fil-qrati supremi huma nisa. L-illustrazzjonijiet għall-perjodu ta' 3 snin mill-2021 sal-2024 juru livelli u xejriet diverġenti bejn l-Istati Membri.

Diġitalizzazzjoni

Mill-2021, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE inkludiet taqsima kbira u dettaljata dwar aspetti relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Għalkemm l-Istati Membri diġà jużaw soluzzjonijiet diġitali f'kuntesti differenti u sa gradi differenti, hemm lok sinifikanti għal titjib.

- 10) Is-27 Stat Membru kollha jipprovdu xi **informazzjoni online dwar is-sistema ġudizzjarja tagħhom**, inklużi siti web b'informazzjoni ċara dwar kif għandha tiġi aċċessata l-ġhajjnuna legali, dwar it-tariffi tal-qorti u l-kriterji ta' eliġibbiltà għal tariffi mnaqqsa (Illustrazzjoni 40). Is-sitwazzjoni baqgħet stabbli meta mqabbla mas-sena li għaddiet iżda għadhom jeżistu xi differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-informazzjoni u l-grad sa fejn tissodisfa l-ħtiġijiet tan-nies. Pereżempju, 11-il Stat Membru jipprovdu edukazzjoni dwar id-drittijiet legali lill-pubbliku ġenerali permezz ta' għodod ta' taġġim interattivi online. Hemm 26 Stat Membru li jipprovdu informazzjoni viżibbli u li tinftiehem b'mod ċar dwar l-ġhajjnuna legali.
- 11) Sitt Stati Membri għandhom **regoli proċedurali b'potenzjal diġitali** (Illustrazzjoni 41), li jippermettu l-użu ta' komunikazzjoni għalkollox remota, jew kważi, u l-ammissibbiltà tal-provi f'format diġitali biss. Fi 23 Stat Membru, dan huwa possibbli biss f'għadd limitat ta' sitwazzjonijiet. Madankollu, kien hemm progress ġenerali kostanti f'dan ir-rigward mill-2020.
- 12) L-Illustrazzjoni 42 tiżvela **l-użu tat-teknoloġija diġitali mill-qrati u mis-servizzi tal-prosekuzzjoni**. Dan juri li l-Istati Membri ma jużawx bis-sħiħ il-potenzjal permess mir-regoli proċedurali tagħhom (ara l-Illustrazzjoni 41). Il-qrati, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti tal-Istati Membri diġà għandhom diversi għodod diġitali għad-dispożizzjoni tagħhom, bħal sistemi ta' ġestjoni tal-kawżi, sistemi ta' vidjokonferenzi u arranġamenti tat-telexogħol. Madankollu, hemm bżonn ta' progress ulterjuri fis-sistemi elettroniċi ta' allokkazzjoni tal-kawżi, b'distribuzzjoni awtomatika bbażata fuq kriterji oġġettivi.
- 13) Il-qrati fl-Istati Membri kollha għandhom xi **għodod elettroniċi siguri għall-komunikazzjoni** għad-dispożizzjoni tagħhom għalkemm 14-il Stat Membru biss għandhom għodod bħal dawn għat-tipi kollha ta' komunikazzjoni li huma mmonitorjati u għall-kawżi kollha (Illustrazzjoni 43). Ħames Stati Membri għad ma għandhomx għodod għall-komunikazzjoni diġitali man-nutara, mal-faċilitajiet ta' detenzjoni jew mal-marixxalli/l-uffiċjali ġudizzjarji. L-Istati Membri kollha jipprevedu wkoll **komunikazzjoni elettronika**

sigura fi ħdan is-servizzi ta' prosekuzzjoni (Illustrazzjoni 44). L-Istati Membri kollha ħlief wieħed jipprovdu komunikazzjoni elettronika sigura bejn is-servizzi ta' prosekuzzjoni u l-qrati. Ħames Stati Membri għad ma għandhomx għodod għall-komunikazzjoni elettronika bejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-avukati tad-difiża.

- 14) F'kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi, 24 Stat Membru jipprovdu lill-individwi u lin-negozji (jew lir-rappreżentanti legali tagħhom) **aċċess online għall-kawżi li kienu għaddejnin jew magħluqa tagħhom** (Illustrazzjoni 45), għalkemm f'diversi gradi. Fir-rigward ta' soluzzjonijiet diġitali biex jitmexxew u jiġu segwiti l-proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali, l-Illustrazzjoni 46 turi li l-vittmi jistgħu jissottomettu dikjarazzjonijiet bil-miktub online parzjalment jew kompletament fi 18-il Stat Membru. Madankollu, fi 11-il Stat Membru, il-konvenuti u l-vittmi ma għandhomx possibbiltajiet biex isegwu jew ikomplu l-kawża tagħhom b'mod elettroniku.
- 15) **L-aċċess online għas-sentenzi tal-qorti** (Illustrazzjoni 47) baqa' stabbli meta mqabbel mas-sena li għaddiet. Huma prinċipalment sentenzi mill-ogħla istanzi li jsiru aċċessibbli online.
- 16) Bħal fis-snin preċedenti, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tanalizza **l-arranġamenti għall-produzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jinqraw mill-magni** (Illustrazzjoni 48). L-Istati Membri kollha għandhom tal-anqas xi arranġamenti fis-seħħ għall-kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali għalkemm hemm varjazzjoni konsiderevoli bejniethom. B'mod ġenerali, hemm it-tendenza li jiġu introdotti aktar arranġamenti, b'mod partikolari għat-tniżżil tas-sentenzi mingħajr ħlas (bażijiet tad-data u soluzzjonijiet awtomatizzati oħra), għall-immudellar tas-sentenzi biex dawn ikunu jistgħu jinqraw mill-magni, jew għall-anonimizzazzjoni/psewdonimizzazzjoni ta' sentenzi bl-użu ta' algoritmi. Fl-2023, disa' Stati Membri rrapportaw titjib meta mqabbel mas-sena ta' qabel, filwaqt li s-sitwazzjoni f'10 Stati Membri baqgħet stabbli. Is-sistemi tal-ġustizzja b'arranġamenti għall-immudellar tas-sentenzi skont standards li jippermettu li jinqraw minn magni jidher li għandhom il-potenzjal li jiksbu riżultati aħjar fil-futur.
- 17) Għall-ewwel darba, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tippreżenta data dwar **il-mekkaniżmi biex jiġu infurzati s-sentenzi amministrattivi** (Illustrazzjoni 49), fil-livell ta' ġurisdizzjonijiet amministrattivi supremi. Il-maġġoranza tal-Istati Membri (17) għandhom xi tip ta' mekkaniżmu fis-seħħ biex jinforzaw id-deċiżjonijiet, u f'16-il Stat Membru, il-qrati amministrattivi supremi huma intitolati japplikaw penali għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tagħhom. Miżuri ta' infurzar dirett, bħas-sekwestru tal-assi, huma disponibbli biss f'żewġ Stati Membri.

2.3. Indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja

L-indipendenza ġudizzjarja, li hija integrali għall-kompitu tat-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, hija rekwiżit fid-dritt tal-UE li joriġina mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva msemmi fl-Artikolu 19 TUE, u mid-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal minqax fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (¹⁰⁷). L-indipendenza ġudizzjarja tippreżumi dan li ġej:

(a) **indipendenza esterna**, meta l-korp rilevanti jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod awtonomu, mingħajr ma jkun suġġett għal ebda trażżin ġerarkiku jew subordinat għal ebda korp ieħor u mingħajr ma jirċievi ordnijiet jew struzzjonijiet minn xi sors ieħor, sabiex b'hekk ikun protett minn kull intervent jew pressjoni esterna li tista' tippreġudika l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tiegħu u li tinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom; u

(b) **indipendenza u imparzjalità interni**, meta tinżamm distanza ugwali mill-partijiet għall-proċedimenti u l-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett ta' dawk il-proċedimenti (¹⁰⁸), u meta l-imħallfin individwali jkunu protetti minn pressjoni interna mhux xierqa fi ħdan il-ġudikatura (¹⁰⁹).

L-indipendenza ġudizzjarja hija vitali sabiex tiggarrantixxi li jkunu protetti d-drittijiet kollha li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-UE u li jkunu ssalvagwardjati l-valuri komuni għall-Istati Membri

¹⁰⁷ Ara <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012P/TXT&from=MT>

¹⁰⁸ Il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2025, *D. K. et vs Prokurura Rejonowa (Irtirar tal-kawżi)*, il-kawżi magħquda C-647/21 u C-648/21, EU:C:2025:143, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2025 (Awla Manja), *XL et (Salarji ġudizzjarji)*, il-kawżi magħquda C-146/23 u C-374/23, EU:C:2025:109, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2024, *S. S.A. vs C. sp. z o.o. (Allokazzjoni tal-kawżi)*, C-197/23, EU:C:2024:956; is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, *RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali)*, C-430/21, EU:C:2022:99; is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2021, *Proċeduri kriminali kontra WB et, il-Kawżi Magħquda C-748/19 sa C-754/19*, EU:C:2021:931; is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, *W. Ż.*, C-487/19, EU:C:2021:798; is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-791/19, EU:C:2021:366; is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, *AB*, C-824/18, EU:C:2021:153; is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, *A. K. et*, C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, il-punti 121 u 122; is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-192/18, EU:C:2019:924; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-619/18, EU:C:2019:531 il-punt. 73 u 74; is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, *Associação Sindical dos Juizes Portugueses*, C- 64/16, EU:C:2018:117, il-punt 44; is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, *Minister for Justice and Equality*, C- 216/18 PPU, EU:C:2018:586, il-punt 65.


¹⁰⁹ Il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), *Hann-Invest*, C-554/21 u C-622/21, EU:C:2024:594. Il-Qrati Supremi, bħala l-qrati tal-aħħar istanza, huma essenzjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-liġi fl-Istati Membri. Madankollu, l-organizzazzjoni ġudizzjarja ġerarkika ma għandhiex timmina l-indipendenza individwali (ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, il-punt 22). Il-qrati superjuri ma għandhomx jindirizzaw struzzjonijiet lill-imħallfin dwar il-mod kif għandhom jiddeċiedu l-kawżi individwali, ħlief f'deċiżjonijiet preliminari nazzjonali jew meta jiddeċiedu dwar rimedji legali skont il-liġi (ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, il-punt 23). Organizzazzjoni ġerarkika tal-ġudikatura fis-sens ta' subordinazzjoni tal-imħallfin lil istanzi ogħla fl-attività ġudizzjarja tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet tkun ksur ċar tal-prinċipju tal-indipendenza interna, skont il-Kummissjoni ta' Venezja (il-Kummissjoni ta' Venezja, Report on the independence of the judicial system, Part I: the independence of courts, Study No 494/2008, is-16 ta' Marzu 2010, CDL-AD(2010)004, il-punti 68 sa 72). Kwalunkwe proċedura għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza trid tikkonforma mal-prinċipji fundamentali tas-separazzjoni tas-setgħat, u anke wara tali deċiżjoni ta' Qorti superjuri/Suprema, il-qrati u l-imħallfin kollha jeħtiġilhom jibqgħu kompetenti sabiex jivvalutaw il-kawżi tagħhom b'mod indipendenti u imparzjali, u li ssir distinzjoni bejn il-kawżi ġodda u l-interpretazzjoni li qabel kienet unifikata minn Qorti superjuri/suprema (it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022, p. 45).

stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b’mod partikolari l-valur tal-istat tad-dritt (¹¹⁰). Il-preservazzjoni tal-ordinament ġuridiku tal-UE hija fundamentali għaċ-ċittadini u għan-negozji kollha li d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom huma protetti skont id-dritt tal-UE.

Livell għoli ta’ indipendenza perċepita tal-ġudikatura huwa vitali għall-fiduċja li l-ġustizzja trid tispira fl-individwi f’soċjetà rregolata mill-istat tad-dritt. Dan jikkontribwixxi wkoll għal ambjent tan-negozju li jiffavorixxi t-tkabbir, billi l-perċezzjoni ta’ nuqqas ta’ indipendenza tista’ tiskoraġġixxi l-investment. It-Tabella ta’ Valutazzjoni tinkludi indikaturi għall-indipendenza tal-ġudikatura relatati mal-effettività tal-protezzjoni tal-investment. Minbarra indikaturi dwar l-indipendenza ġudizzjarja perċepita minn diversi sorsi, it-tabella ta’ valutazzjoni tippreżenta għadd ta’ indikaturi dwar kif is-sistemi tal-ġustizzja huma organizzati sabiex jiproteġu l-indipendenza ġudizzjarja f’ċerti tipi ta’ sitwazzjonijiet fejn l-indipendenza tagħhom tista’ tkun f’riskju. Dan jirrifletti l-kontribut min-*Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ, European Network of Councils for the Judiciary)*, in-*Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE (NPSJC, Network of the Presidents of the Supreme Judicial Courts)*, u n-*Network ta’ Prosekuturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (in-*Network NADAL*)*.

2.3.1. Perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja u effettività tal-protezzjoni tal-investment

Illustrazzjoni .: Kif il-pubbliku ġenerali jipperċepixxi l-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin (*) (sors: *Ewrobarometru* (¹¹¹) – *mix-xellug għal-lemin, kuluri ċari: 2016, 2023 u 2024, kuluri skuri: 2025*)



(*) *L-Istati Membri huma kklassifikati l-ewwel skont il-perċentwal ta’ risponenti li ddikjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija “tajba ħafna” jew “pjuttost tajba” (it-total ta’ perċezzjoni tajba); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta’ “total ta’ perċezzjoni tajba”, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta’ risponenti li ddikjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija “pjuttost ħażina” jew “ħażina ħafna” (it-total*


¹¹⁰ Il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza tal-5 ta’ Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-204/21, ECLI:EU:C:2023:442, il-punt 354 u l-ġurisprudenza ċċitata.

¹¹¹ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, li sar bejn it-13 u d-29 ta’ Jannar 2025. Tweġibiet għall-mistoqsija: “Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema tal-ġustizzja f’(pajjiżek) f’termini tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin? Tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?”, ara: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#surveys.

ta' perċezzjoni ħażina); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba u total ta' perċezzjoni ħażina, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija tajba ħafna; jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba, ta' perċezzjoni ħażina u ta' "tajba ħafna", dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li jkunu qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija "ħażina ħafna".


L-Illustrazzjoni 51 turi r-raġunijiet ewlenin mogħtija mir-risponenti għall-perċezzjoni ta' nuqqas ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Ir-risponenti minn fost il-pubbliku ġenerali, li kklassifikaw l-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja bħala li hija "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna", setgħu jagħżlu minn fost tliet raġunijiet sabiex jispjegaw il-klassifikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri huma elenkati fl-istess ordni bħal fl-Illustrazzjoni 50.

Illustrazzjoni .: Raġunijiet ewlenin fost il-pubbliku ġenerali għall-perċezzjoni ta' nuqqas ta' indipendenza (sehem tar-risponenti kollha - valur oġġla jfisser aktar influwenza) (sors: Ewrobarometru ⁽¹¹²⁾)



¹¹² L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, tweġibiet għall-mistoqsija: "Tista' tgħidli sa liema punt kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin tispjega l-klassifikazzjoni tiegħek tal-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżek: ħafna, xi ftit, mhux verament, xejn?" jekk it-tweġiba għall-M1 tkun "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna".

Illustrazzjoni .: Kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin (*)
 (sors: Ewrobarometru ⁽¹¹³⁾ – mix-xellug għal-lemin, kuluri ċari: 2016, 2023 u 2024, kuluri skuri: 2025)




(*) L-Istati Membri huma kklassifikati l-ewwel skont il-perċentwal ta' risponenti li ddiċjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija "tajba ħafna" jew "pjuttost tajba" (total tajba); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li jkunu ddiċjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna" (total ħażina); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba u total ta' perċezzjoni ħażina, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li jkunu qalu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija "tajba ħafna"; jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba, total ta' perċezzjoni ħażina u ta' "tajba ħafna", dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li jkunu ddiċjaraw li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin hija "ħażina ħafna".

L-Illustrazzjoni 53 turi r-raġunijiet ewlenin mogħtija mir-risponenti għall-perċezzjoni ta' nuqqas ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Ir-risponenti li kklassifikaw l-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja bħala "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna," setgħu jagħżlu bejn tliet raġunijiet biex jispjegaw il-klassifikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri huma elenkati fl-istess ordni bħal fl-Illustrazzjoni 52.

¹¹³ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, imwettaq bejn it-13 u d-29 ta' Jannar 2025, iwieġeb għall-mistoqsija: "Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema tal-ġustizzja f' (pajjiżek) f' termini tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin? Tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?", ara: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#surveys.


Illustrazzjoni .: Raġunijiet ewlenin fost il-kumpaniji għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza
(ir-rata tar-rispondenti kollha - valur oġġla jfisser aktar influwenza) (sors: Ewrobarometru ⁽¹¹⁴⁾)



Il-promozzjoni, l-iffaċilitar u l-protezzjoni tal-investimenti huma prijoritajiet ewlenin fis-suq uniku tal-UE. Id-dritt tal-UE għandu l-għan li jżomm ekwilibriju armonjuż bejn il-protezzjoni tal-investimenti u l-kisba ta' għanijiet oħra ta' interess pubbliku li jtejbu l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. L-Illustrazzjoni 54 turi, għar-raba' darba, l-indikatur dwar kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-effettività tal-protezzjoni tal-investment mil-liġi u mill-qrati fir-rigward ta' deċiżjonijiet li, fil-fehma tagħhom, ma humiex iġġustifikati jew nuqqas ta' azzjoni mill-Istat.

¹¹⁴ Stħarriġ tal-Ewrobarometru FL555; tweġibiet għall-mistoqsija: “Tista’ tgħidli sa liema punt kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin tispjega l-klassifikazzjoni tiegħek tal-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja f’(pajjiżek): ħafna, xi ftit, mhux verament, xejn?” jekk ir-rispons għall-M1 kien “pjuttost ħażin” jew “ħażin ħafna”.

Illustrazzjoni .: Kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-effettività tal-protezzjoni tal-investment mil-liġi u mill-qrati (*) (sors: Ewrobarometru ⁽¹¹⁵⁾ – mix-xellug għal-lemin, kuluri ċari: 2022, 2023 u 2024, kuluri skuri: 2025)




(*) L-Istati Membri huma qabelxejn ikklassifikati skont il-perċentwal ikkombinat ta' rispondenti li ddikjaraw li huma fiduċjużi ħafna jew pjuttost fiduċjużi fil-protezzjoni tal-investment mil-liġi u mill-qrati (total fiduċjuż); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total fiduċjuż, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' rispondenti li jkunu qalu li huma "pjuttost sfiduċjużi" jew "sfiduċjużi ħafna" fl-effettività tal-protezzjoni tal-investment (stotal fiduċjuż); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total fiduċjuż u stotal fiduċjuż, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' rispondenti li jkunu qalu li huma "fiduċjużi ħafna" fl-effettività tal-protezzjoni tal-investment; jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total fiduċjuż, stotal fiduċjuż u ta' "fiduċjuż ħafna", dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' rispondenti li jkunu qalu li huma "sfiduċjużi ħafna" fl-effettività tal-protezzjoni tal-investment.

L-Illustrazzjoni 55 turi r-raġunijiet ewlenin mogħtija mir-rispondenti għall-perċezzjoni ta' nuqqas ta' effettività tal-protezzjoni tal-investment. Ir-rispondenti li kklassifikaw il-livell ta' fiduċja tagħhom bħala "pjuttost sfiduċjuż" jew "sfiduċjuż ħafna", setgħu jagħżlu bejn erba' raġunijiet sabiex jispjegaw il-klassifikazzjoni tagħhom (u xi wħud indikaw "oħrajn"). L-Istati Membri huma elenkati fl-istess ordni bħal fl-Illustrazzjoni 54.

¹¹⁵ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, imwettaq bejn it-13 u d-29 ta' Jannar 2025, iwieġeb għall-mistoqsija M3: "Sa liema punt inti fiduċjuż li l-investimenti tiegħek huma protetti mil-liġi u mill-qrati f'(pajjiżek) jekk xi ħaġa tmur ħażin?" Għall-fini tal-istħarriġ, l-investment kien iddefinit bħala li jinkludi kwalunkwe tip ta' assi li kumpanija tippossjedi jew tikkontrolla u li huwa kkaratterizzat mill-impenn ta' kapital jew riżorsi oħra, l-aspettattiva ta' gwadann jew profitt jew it-teħid ta' riskju.

Illustrazzjoni .: Raġunijiet ewlenin fost il-kumpaniji għan-nuqqas perċepit tagħhom ta' effettività tal-protezzjoni tal-investiment (ir-rata tar-rispondenti kollha - valur oġġla jfisser aktar influwenza) (sors: Ewrobarometru ¹¹⁶)



¹¹⁶ Stħarriġ tal-Ewrobarometru FL555; tweġibiet għall-mistoqsija: “X’inhuma r-raġunijiet ewlenin tiegħek għal tħassib dwar l-effettività tal-protezzjoni tal-investiment?” jekk ir-rispons għall-M3 kien “pjuttost sfiduċjuż” jew “sfiduċjuż ħafna”.

2.3.2. Indipendenza ġudizzjarja strutturali

Il-garanziji ta' indipendenza strutturali jeħtieġu regoli, b'mod partikolari dwar il-kompożizzjoni tal-qorti u l-ħatra, it-tul tas-servizz u r-raġunijiet għall-astensjoni, għar-rikuża u għat-tneħħija tal-membri tagħha, li jkunu tali li jneħħu kull dubju raġonevoli f'moħħ l-individwi dwar l-impermeabbiltà tal-qorti għal fatturi esterni u n-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi quddiemha (¹¹⁷). B'mod partikolari jridu jkunu tali li jipprekludu mhux biss kwalunkwe influwenza diretta, fil-forma ta' struzzjonijiet, iżda anke tipi ta' influwenza li huma aktar indiretti u li jista' jkollhom effett fuq id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati (¹¹⁸).

Ġew żviluppati standards Ewropej, b'mod partikolari mill-Kunsill tal-Ewropa, pereżempju fit-2010 *Council of Europe Recommendation on judges: independence, efficiency and responsibilities* (¹¹⁹). It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tippreżenta ċerti indikaturi dwar kwistjonijiet li huma rilevanti meta jiġi vvalutat kif is-sistemi tal-ġustizzja huma organizzati sabiex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza ġudizzjarja. L-implimentazzjoni ta' politiki u ta' prattiki li jippromwovu l-integrità u li jipprevjenu l-korruzzjoni fil-ġudikatura hija essenzjali wkoll sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ġudizzjarja. Finalment, il-protezzjoni effettiva tal-indipendenza

¹¹⁷ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Marzu 2025, D. K. *et vs* Prokurura Rejonowa (Irtirar tal-kawżi), il-kawżi magħquda C-647/21 u C-648/21, is-sentenza tat-25 ta' Frar 2025 (Awla Manja), XL *et* (Salarji ġudizzjarji), il-kawżi magħquda C-146/23 u C-374/23, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2024, S. S.A. *vs* C. sp. z o.o. (Allokazzjoni tal-kawżi), C-197/23, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Hann-Invest, C-554/21, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Krajowa Rada Sądownictwa (Maintien en fonctions d'un juge), C-718/21, ECLI:EU:C:2023:1015, il-punti 76-77, u l-ġurisprudenza ċitata, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni *vs* Il-Polonja, C-204/21, ECLI:EU:C:2023:442, il-punt 355; is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2021, Proċeduri kriminali kontra WB *et*, il-Kawżi Magħquda C-748/19 sa C-754/19, il-punt 67; is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż., C-487/19, il-punt 109; is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni *vs* Il-Polonja, C-791/19, il-punt 59; is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B., C-824/18, il-punt 117; is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punti 121 u 122; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni *vs* Il-Polonja, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punti 73 u 74; is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C-216/18 PPU, ECLI:EU:C:2018:586, il-punt 66; is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juizes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, il-punt 44. Ara wkoll il-paragrafi 46 u 47 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 Judges: Independence, Efficiency and Responsibility (adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010) u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Dawn jipprevedu li l-awtorità li tiegħu d-deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-karriera tal-imħallfin għandha tkun indipendenti mill-eżekuttiv u mis-setgħat leġiżlattivi. Bl-għan li tiġi ggarantita l-indipendenza tagħha, tal-anqas nofs il-membri tal-awtorità għandhom ikunu mħallfin magħżula mill-pari tagħhom. Madankollu, meta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali jew legali oħrajn jistabbilixxu li l-kap tal-istat, il-gvern jew is-setgħa leġiżlattiva jieħdu deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-karriera tal-imħallfin, għandu jkun hemm awtorità kompetenti u indipendenti li parti sostanzjali minnha tkun ġeġja mill-ġudikatura (mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-kunsilli għall-ġudikatura li jinsabu fil-Kapitolu IV) li tkun awtorizzata sabiex tagħmel rakkomandazzjonijiet jew tesprimi opinjonijiet li l-awtorità tal-ħatra rilevanti ssegwi fil-prattika.

¹¹⁸ Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni *vs* Il-Polonja, C-204/21, ECLI:EU:C:2023:442, il-punt 355; is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. C-824/18, il-punt 119; is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A.K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982, il-punt 123; is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni *vs* Il-Polonja, C-619/18, ECLI:EU:C:2019:531, il-punt 112.

¹¹⁹ Ara r-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)12 Judges: Independence, Efficiency and Responsibility, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010 u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni ("ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12").

ġudizzjarja tirrikjedi wkoll, lil hinn minn kull regola meħtieġa, kultura ta' integrità u ta' imparzjalità, kondiviża mill-maġistrati u rrispettata mis-soċjetà usa'.

Din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni fiha indikaturi ġodda u aġġornati dwar: l-irtirar u r-rikuża tal-imħallfin (Illustrazzjoni 56) ⁽¹²⁰⁾, l-awtoritajiet involuti fil-ħatra u t-tkeċċija tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni (Illustrazzjoni 57) ⁽¹²¹⁾, u dwar l-indipendenza tal-avukati (Illustrazzjoni 58) ⁽¹²²⁾. L-illustrazzjonijiet jippreżentaw l-oqfsa nazzjonali kif kienu fis-seħħ f'Diċembru 2024.

L-illustrazzjonijiet ippreżentati fit-Tabella ta' Valutazzjoni ma jipprovdu l-ebda valutazzjoni u ma jippreżentaw l-ebda data kwantitattiva dwar l-effettività tas-salvagwardji. Dawn ma humiex maħsuba sabiex jirriflettu l-kumplessità u d-dettalji tal-proċeduri u tas-salvagwardji li jakkumpanjawhom.

– *Irtirar u rikuża tal-imħallfin* –

L-Illustrazzjoni 56, ippreżentata għall-ewwel darba fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2016 (issa aġġornata) turi jekk l-imħallfin jistgħux jiġu suġġetti għal sanzjonijiet jekk jonqsu li jirrispettaw l-obbligu li jirtiraw milli jiġġudikaw kawża li fiha l-imparzjalità tagħhom tkun fid-dubju, kompromessa, jew fejn ikun hemm perċezzjoni raġonevoli ta' preġudizzju. Il-figura turi wkoll liema awtorità ⁽¹²³⁾ hija responsabbli biex tiegħu deċiżjoni fuq talba għal rikuża minn parti li jkun biħsiebha tikkontesta mħallef ⁽¹²⁴⁾.

¹²⁰ L-illustrazzjoni hija bbażata fuq it-tweġibiet għal kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b'assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx kunsilli għall-ġudikatura jew li ma humiex membri tal-ENCJ (iċ-CZ, il-DE, l-EE, CY, il-LU, l-AT u l-PL) inkisbu permezz ta' kooperazzjoni man-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE.


¹²¹ L-illustrazzjonijiet huma bbażati fuq tweġibiet għal kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib man-Network tal-Prosekuturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – in-Network NADAL.

¹²² L-Illustrazzjoni hija bbażata fuq it-tweġibiet għal kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni f'assoċjazzjoni mill-qrib mal-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE, Conseil des barreaux européens).

¹²³ Xi drabi aktar minn awtorità waħda tista' tiegħu din id-deċiżjoni, skont il-livell tal-qorti fejn ikun jippresjedi l-imħallef rikużat.

¹²⁴ Il-paragrafi 59, 60 u 61 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 jistipulaw li l-imħallfin għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali fil-kawżi kollha u għandhom jirtiraw minn kawża jew jirrifjutaw li jaġixxu fejn ikun hemm raġunijiet validi ddefiniti mil-liġi, u mhux għal raġunijiet oħra.

Illustrazzjoni .: Irtirar u rikuża ta' mħallef (*) (sors: in-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u n-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE ⁽¹²⁵⁾)



– Salvagwardji relatati mal-funzjonament tas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali fl-UE –

Il-prosekuzzjoni pubblika taqdi rwol ewlieni fis-sistema tal-ġustizzja kriminali kif ukoll fil-kooperazzjoni f'materji kriminali. Il-funzjonament xieraq tas-servizz tal-prosekuzzjoni nazzjonali huwa kruċjali għall-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità, inkluża l-kriminalità ekonomika u finanzjarja, bħall-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ⁽¹²⁶⁾, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jista' jitqies bħala awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru għall-finijiet tal-ħruġ u tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew kull meta dan ikun jista' jaġixxi b'mod indipendenti, mingħajr ma jkun espost għar-riskju li jkun suġġett, direttament jew indirettament, għal ordnijiet jew għal struzzjonijiet f'każ speċifiku mill-eżekuttiv, bħal Ministru tal-Ġustizzja ⁽¹²⁷⁾.

¹²⁵ Id-data nġabret permezz ta' kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni f'assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet għall-kwestjonarju aġġornat mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura, li ma humiex membri tal-ENCJ, inkisbu permezz ta' kooperazzjoni mal-NPSC.

¹²⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

¹²⁷ Il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI (L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lübeck u ta' Zwickau), il-Kawżi Magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU, il-punti 73, 74 u 88, ECLI:EU:C:2019:456; is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, C-509/18, il-punt 52, ECLI:EU:C:2019:457; ara wkoll is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Il-Prosekuturi Pubbliċi ta' Lyon u ta' Tours), fil-Kawżi Magħquda C-566/19 PPU u C-626/19, ECLI:EU:C:2019:1077; Openbaar Ministerie (L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Žveďiža), C-625/19 PPU, ECLI:EU:C:2019:1078, u Openbaar Ministerie (Il-Prosekutur Pubbliku fi Brussell), C-627/19 PPU, ECLI:EU:C:2019:1079; is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, AZ, C-510/19, il-punt 54, ECLI:EU:C:2020:953. Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016,

L-organizzazzjoni tas-servizzi ta' prosekuzzjoni tvarja madwar l-UE u ma hemmx mudell uniformi għall-Istati Membri kollha. Madankollu, il-Kunsill tal-Ewropa innota tendenza mifruxa favur uffiċċju tal-prosekutur aktar indipendenti, pjuttost milli wieħed subordinat jew marbut mal-eżekuttiv (¹²⁸). Skont il-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej, servizz ta' prosekuzzjoni effettiv u awtonomu impenjat li jirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja huwa wieħed mill-pilastru ta' stat demokratiku (¹²⁹).

Il-proċeduri għall-ħatra tal-prosekuturi nazzjonali jistgħu jinfluwenzaw il-grad tal-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni. Ikun xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li fiha tkun ankrata, l-istandards Ewropej jeħtieġu li l-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi sabiex jiggarrantixxu li l-prosekuturi pubbliċi jkunu kapaċi jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom taħt kundizzjonijiet legali u organizzattivi adegwati (¹³⁰) u mingħajr interferenza mhux ġustifikata (¹³¹).

L-Illustrazzjoni 57 tippreżenta l-proċeduri ta' ħatra u tkeċċija għall-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. Il-figura turi d-diversità tal-mudelli ta' organizzazzjoni tas-servizz ta' prosekuzzjoni bejn l-Istati Membri dwar is-setgħa tal-eżekuttiv jew il-ġudikatura. Il-figura turi

Kovalkovas, C-477/16 PPU, il-punti 34 u 36, ECLI:EU:C:2016:861, u s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak, C-452/16 PPU, il-punt 35, ECLI:EU:C:2016:858, dwar il-kelma "ġudizzjarja", "li għandha [...] tiġi distinta, skont il-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat li jikkarakterizza l-funzjonament ta' Stat ta' dritt, mis-setgħa eżekuttiva". Ara wkoll l-Opinjoni Nru 13(2018) Independence, accountability and ethics of prosecutors, adottata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE), ir-rakkomandazzjoni xii.

¹²⁸ CDL-AD(2010)040-e Report on European Standards as regards the Independence of the Judicial System: Part II – the Prosecution Service – Adottat mill-Kummissjoni ta' Venezja – waqt il-85 sessjoni plenarja tagħha (Venezja, is-17 sat-18 ta' Dicembru 2010), il-paragrafu 26.


¹²⁹ F'soċjetà demokratika, kemm il-qrati kif ukoll l-awtoritajiet investigattivi jridu jibqgħu ħielsa mill-pressjoni politika. Il-kunċett ta' indipendenza jfisser li l-prosekuturi jkunu liberi minn interferenza illeċita fl-eżerċitar tad-dmirijiet tagħhom sabiex jiżguraw ir-rispett sħiħ u l-applikazzjoni tal-liġi u l-prinċipju tal-istat tad-dritt u li ma jkunu soġġetti għal ebda pressjoni politika jew influwenza illeċita ta' kwalunkwe tip. L-indipendenza tapplika mhux biss għas-servizz tal-prosekuzzjoni kollu kemm hu, iżda wkoll għall-korpi partikolari tiegħu u għall-prosekuturi individwali. Ikun xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li fiha tkun ankrata, l-istandards Ewropej jipprovdu li l-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi sabiex jiggarrantixxu li l-prosekuturi pubbliċi jkunu kapaċi jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom taħt kundizzjonijiet legali u organizzattivi adattati u mingħajr interferenza mhux ġustifikata. Ara il-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE, Consultative Council of European Prosecutors), Opinion No 15 (2020) on the role of prosecutors in emergency situations, in particular when facing a pandemic; Opinion No 16 (2021) on the implications of the decisions of international courts and treaty bodies as regards the practical independence of prosecutors, il-paragrafu 13. Ara wkoll ir-Recommendation Rec(2000)19 on the role of public prosecution in the criminal justice system, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-6 ta' Ottubru 2000 (ir-Rakkomandazzjoni tal-2000), il-paragrafi 4, 11 u 13. Opinion No 13(2018) Independence, accountability and ethics of prosecutors, adopted by the Consultative Council of European Prosecutors (CCPE), ir-rakkomandazzjonijiet i u iii; Il-Grupp ta' Stati kontra l-korruzzjoni (GRECO), ir-raba' ċiklu ta' evalwazzjoni "Corruption prevention - Members of Parliament, Judges and Prosecutors", għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet jitolbu l-introduzzjoni ta' arranġamenti sabiex is-servizz tal-prosekuzzjoni jkun protett minn influwenza u interferenza mhux xierqa fl-investigazzjoni ta' każijiet kriminali.

¹³⁰ Recommendation Rec(2000)19 on the role of public prosecution in the criminal justice system, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-6 ta' Ottubru 2000 (ir-Rakkomandazzjoni tal-2000), il-paragrafu 4.

¹³¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-2000, il-paragrafi 11 u 13. Ara wkoll Opinion No 13(2018) Independence, accountability and ethics of prosecutors, adottata permezz tar-rakkomandazzjonijiet i u ii tal-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (CCPE).

wkoll ir-rwol tal-prosekutur ġenerali u l-kunsilli għall-ġudikatura/il-kunsilli ta' prosekuzzjoni bħala atturi importanti fil-ħatra u fit-tneħħija tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni.

Illustrazzjoni .: Kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni: ħatra u tkeċċija (*) (Sors: Il-Kummissjoni Ewropea man- NADAL (¹³²))



BE: Il-Kunsill għall-Ġudikatura jipproponi l-kandidati għall-Ministru tal-Ġustizzja, il-Ministru tal-Ġustizzja jipproponihom lir-Re. Qorti dixxiplinari tkeċċihom. **BG:** Iċ-ċarts juru s-sitwazzjoni tal-kapijiet amministrattivi, mhux tal-viċi kapijiet amministrattivi. Il-Prosekutur Ġenerali għall-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tal-appell, il-kapijiet tal-uffiċċji superjuri tal-prosekuzzjoni għall-kap ta' uffiċċju tal-prosekuzzjoni fid-distrett ġudizzjarju rispettiv u l-Ministru tal-Ġustizzja għall-kandidati kollha jistgħu jipproponu, filwaqt li l-kandidati jistgħu wkoll jinnominaw lilhom infushom. Il-Kunsill tal-Prosekuzzjoni jaħtar. Il-Kunsill tal-Prosekuzzjoni, il-Prosekutur Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja jistgħu jipproponu tkeċċija, il-Kunsill Ġudizzjarju Suprem ikeċċi. Id-Direttur tas-Servizz Nazzjonali tal-investigazzjoni jitkeċċa mill-Awla tal-Prosekuturi tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem fuq proposta minn mill-inqas tliet membri tal-Awla tal-Prosekuturi, jew mill-Prosekutur Ġenerali, jew mill-Ministru tal-Ġustizzja. **CZ:** Il-kapijiet ta' uffiċċji distrettwali, reġjonali u għolja ta' prosekuzzjoni jinħatru mill-Ministru tal-Ġustizzja fuq proposta mill-kap tal-eqreb uffiċċju superjuri ta' prosekuzzjoni li jmiss jew fuq proposta mill-Prosekutur Ġenerali jew mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-Prosekutur Ġenerali u l-kapijiet ta' uffiċċji superjuri tal-prosekuzzjoni jistgħu jipproponu t-tkeċċija tal-kap ta' uffiċċju għoli, reġjonali jew distrettwali tal-prosekuzzjoni. Qorti dixxiplinari tkeċċi. **DK:** Ir-responsabbiltà għall-ħatra tal-kapijiet ta' uffiċċji fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni Lokali hija ddelegata mill-Ministeru tal-Ġustizzja lid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi (il-Prosekutur Ġenerali). **DE:** Wara sejħa pubblika, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja jaħtar il-prosekuturi pubbliċi fil-livell federali tal-Istat. Ma hemm l-ebda proposta għal tkeċċija. Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja jista' jkeċċi temporanjament lill-prosekuturi pubbliċi jew jittrasferihom għal kariga oħra għal raġunijiet relatati mas-servizz, il-fergħa ġudizzjarja speċifika tal-qrati tas-servizz (il-qrati tal-impjegati taċ-ċivil) tista' tkeċċi mis-servizz ċivili. **EE:** Il-Prosekutur Ġenerali jipproponi l-ħatra/tkeċċija u l-Ministru tal-

¹³² Id-data miġbura permezz ta' kwestjonarju mfassal mill-Kummissjoni f'assoċjazzjoni mill-qrib man-Network tal-Prosekuturi NADAL.

Ġustizzja jaħtar/ikeċċi. **IE:** Id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi huwa l-uniku uffiċċju ta' prosekuzzjoni responsabbli għall-prosekuzzjonijiet fl-IE. Il-proposti għall-ħatra u t-tkeċċija jsiru mill-Kumitat tal-Ħatriet tal-Ogħla Livell (TLAC, Top-Level Appointments Committee), u l-Gvern għandu d-deċiżjoni finali kemm dwar il-ħatra kif ukoll dwar it-tkeċċija. **EL:** Id-deċiżjoni tal-Ogħla Kunsill Ġudizzjarju tiġi eżegwita wara li jinħareġ digriet mill-President tar-Repubblika. Bħala eċċezzjoni, il-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni fil-qorti tal-Prim' Istanza ta' Atena u ta' Tessaloniki u l-kap tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni fil-Qorti tal-Appell ta' Atena huma eletti mill-prosekuturi li jservu fl-uffiċċji rispettivi permezz ta' vot sigriet. Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni tal-Kriminalità Ekonomika jinħatar mill-ogħla Kunsill Ġudizzjarju. L-Ogħla Kunsill Ġudizzjarju jipproponi tkeċċija, il-President ikeċċi. **ES:** Il-Prosekutur Ġenerali jinnomina l-kandidati għal kariga partikolari fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni, il-Viċi Kapijiet Prosekuturi Reġjonali u l-Viċi Kapijiet Prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjali, li mbagħad jinħatru mill-Gvern (ir-Re jaħtar formalment). Minn qabel, il-Prosekutur Ġenerali jikkonsulta lill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni Pubblika (korp kolleġġjali u rappreżentattiv tal-PPO) kif ukoll lill-Prosekuturi Reġjonali ewlenin meta jkun involuti pożizzjonijiet tar-reġjuni rispettivi tagħhom. Il-Prosekutur Ġenerali jipproponi t-tkeċċija, wara li jikkonsulta mal-Kunsill tal-Prosekuzzjoni u, fejn xieraq, lill-Kap Prosekutur Reġjonali, u l-Gvern jiddeċiedi dwar it-tkeċċija. **FR:** Il-Ministru tal-Ġustizzja jagħmel proposta, il-Kunsill għall-ġudikatura jagħti l-opinjoni tiegħu, u l-President tar-Repubblika jaħtar permezz ta' digriet. L-opinjoni tal-Kunsill għall-ġudikatura hija konsultattiva, iżda skont konswetudni stabbilita sew, il-Ministru u l-President jirrispettaw l-opinjonijsf sfavorevoli. Il-Conseil supérieur de la magistrature jipproponi t-tkeċċija u l-Ministru tal-Ġustizzja jkeċċi. **CY:** L-Avukat Ġenerali huwa l-uniku kap tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni. Il-ħatra ssir mill-President. It-tkeċċija ssir mill-Qorti Kostituzzjonali Suprema li taġixxi bħala Kunsill Ġudizzjarju. **LV:** Wara sejħa pubblika, il-Kummissjoni tal-Attestazzjoni tal-Prosekutur (stabbilita mill-Kunsill tal-Prosekutur Ġenerali u magħmula minn prosekuturi ta' livell differenti) tipproponi l-kandidat għall-ħatra, u tipproponi t-tkeċċija. **LT:** Il-Kummissjoni tal-Għażla għall-Prosekuturi (magħmula minn erba' prosekuturi u tlieta mhux prosekuturi) tipproponi l-kandidati wara sejħa miftuħa. Il-Kummissjoni tal-attestazzjoni (magħmula minn erba' prosekuturi u tlieta mhux prosekuturi) jew il-prosekutur li wettaq investigazzjoni interna fir-rigward ta' azzjonijiet tal-prosekutur jistgħu jipproponu t-tkeċċija. **LU:** Il-Kunsill Superjuri għall-Ġudikatura jaħtar. Il-Kunsill tal-Ġudikatura jippreżenta proċedura dixxiplinari, li fuqha tribunal dixxiplinari jiddeċiedi dwar it-tkeċċija. **HU:** Wara reklam ta' xogħol pubbliku, il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet u jaħtar il-prosekuturi għall-pożizzjonijiet superjuri. Il-Kunsill tal-Prosekutur jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-Prosekutur Ġenerali jirrevoka l-ħatriet maniġerjali u superjuri fi kwalunkwe ħin mingħajr ġustifikazzjoni. Il-Kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni jistgħu jipproponu r-revoka, iżda dan ma huwiex vinkolanti għall-Prosekutur Ġenerali. **MT:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Avukat Ġenerali (Prosekutur Ġenerali). Wara sejħa pubblika, il-President jaħtar skont il-parir tal-Prim Ministru. It-tkeċċija tal-Avukat Ġenerali hija proposta mill-Parlament appoġġjata mill-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha, il-President ikeċċi. **NL:** Il-Bord tal-Prosekuturi Ġenerali bħala kap tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika jissottometti n-nomini lill-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà, li jiddeċiedi jekk in-nomini jikkwalifikawx għall-ħatra b'digriet reġju. Il-Bord tal-Prosekuturi Ġenerali jkeċċi bil-kunsens tal-Ministru tal-Ġustizzja u s-Sigurtà. **AT:** Il-Kummissjoni tal-Persunal fil-Ministeru Federali tal-Ġustizzja, magħmula minn prosekuturi, tipproponi kandidat għall-Kapijiet tal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi Superjuri u għall-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali. Il-Kummissjoni tal-Persunal f'Uffiċċju tal-Prosekuturi Pubbliċi Superjuri tipproponi kandidati għall-Kapijiet tal-Uffiċċji kollha tal-Prosekutur Pubbliku fir-reġjun/qasam ta' kompetenza tagħhom lill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja. Il-President Federali jaħtar lill-kandidati. Qorti dixxiplinari tkeċċihom. Il-Qorti Suprema taġixxi bħala l-qorti dixxiplinari għall-membri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u l-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekuturi Pubbliċi Superjuri (u l-ewwel viċi tagħhom); għal prosekuturi oħra, il-Qorti Reġjonali Għolja (ta' reġjun ieħor) taġixxi bħala qorti dixxiplinari (Prim' istanza). **PL:** Il-Prosekutur Nazzjonali jipproponi l-ħatra wara li jippreżenta l-kandidat għall-assemblea tal-prosekuturi li l-kandidat suppost ikun qed jippresjedi. Il-Prosekutur Nazzjonali huwa l-awtorità tal-ħatra. L-istess proċedura tapplika għat-tkeċċija. **RO:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni ħlief il-kapijiet ta' uffiċċji speċjalizzati tal-prosekuzzjoni. Wara sejħa pubblika, il-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni jinħatru mill-Kunsill Suprem tal-Maġistratura. It-tkeċċija tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni hija proposta mill-Prosekutur Ġenerali jew mill-ispezzjoni tal-Ġudikatura, il-Kunsill Suprem tal-Maġistratura jkeċċi. **SI:** Il-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekutur tal-istat distrettwali jinħatru mill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni fuq proposta motivata tal-Ministru tal-Ġustizzja wara li tinkiseb l-opinjoni minn qabel tal-Prosekutur Ġenerali tal-Istat. Il-Kunsill tal-Prosekuzzjoni jkeċċi lill-kap tal-uffiċċju tal-prosekutur tal-istat distrettwali fuq proposta mill-Ministru wara li jikseb l-opinjoni minn qabel tal-Prosekutur Ġenerali tal-Istat. **SK:** Wara sejħa miftuħa, kumitat tal-għażla ta' ħames membri (magħmul minn prosekuturi magħżula mill-Prosekutur Ġenerali) jipproponi lill-prosekuturi ewlenin wara dikjarazzjoni minn qabel mill-Kunsill Prosekutorjali. Il-Prosekutur Ġenerali jaħtar. L-eċċezzjonijiet għal din il-proċedura huma d-Deputati tal-Prosekutur Ġenerali, li huwa stess jaħtar, u l-Viċi Prosekuturi Reġjonali/Deputati Distrettwali, maħtura mill-Prosekutur Ġenerali abbażi ta'

proposta mill-Prosektur Reġjonali/Distrettwali rilevanti. Id-deputati jitqiesu wkoll bħala prosekuturi ewlenin. Il-Prosektur Ġenerali jkeċċi lill-prosekuturi ewlenin. Il-Prosektur Ġenerali għandu jkeċċi jekk il-qorti dixxiplinari tkun ħarġet deċiżjoni dwar it-tkeċċija. Tista' tiġi ppreżentata mozzjoni dixxiplinari kontra l-Prosektur Ġenerali minn tliet kwinti tal-membri tal-Parlament, jew mill-President tar-Repubblika. Fil-każijiet ta' prosekuturi ewlenin, huma l-Prosektur Ġenerali, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, u l-Viċi Prosektur Ġenerali (kontra l-prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosektur Ġenerali u l-prosekuturi ewlenin li jaqgħu taħt il-kompetenza maniġerjali tiegħu jew tagħha). **FI:** Prosektur superjuri fl-Uffiċċju tal-Prosektur Ġenerali jipproponi l-ħatra jew it-tkeċċija, li mbagħad tiġi eżegwita mill-Prosektur Ġenerali. Barra minn hekk, qorti tista' tkeċċi lill-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni f'każ ta' priġunerija, b'xi eċċezzjonijiet. **SE:** Il-Bord Konsultattiv dwar l-Impjiegi għall-prosekuturi jipproponi lill-Viċi Kap Prosektur Pubbliku (proposta mhux vinkolanti), lill-Kap Prosektur Pubbliku kif ukoll lill-Prosekuturi Pubbliċi Superjuri, u l-Prosektur Ġenerali jaħtarhom. Il-Prosektur Ġenerali jipproponi t-tkeċċija, il-Bord Dixxiplinari tal-Gvern għal Uffiċjali Għolja jiddeċiedi dwar it-tkeċċija.

– *Indipendenza tal-Kmamar tal-Avukati u tal-avukati fl-UE* –


L-avukati u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom għandhom rwol fundamentali fl-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt (¹³³). Sistema ġusta ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja tirrikjedi li l-avukati jkunu liberi li jwettqu l-attivitajiet tagħhom ta' konsulenza u ta' rappreżentanza tal-klijenti tagħhom. Is-sħubija tal-avukati fi professjoni libera u l-awtorità li tirriżulta minn dik is-sħubija jgħinu sabiex tinżamm l-indipendenza tagħhom, u l-assoċjazzjonijiet tal-avukati għandhom rwol importanti biex jgħinu sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-avukati. L-istandards Ewropej jistabbilixxu l-libertà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat u l-indipendenza tal-assoċjazzjonijiet tal-avukati. Dawn l-istandards jistabbilixxu wkoll il-prinċipji bażiċi għal proċedimenti dixxiplinari kontra l-avukati (¹³⁴).

Illustrazzjoni .: Indipendenza tal-kmamar tal-avukati u tal-avukati, 2024 (*) (sors: *Il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE* (¹³⁵))

¹³³ “L-avukati għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tal-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja, filwaqt li jirrispettaw is-separazzjoni tas-setgħat u d-drittijiet fundamentali.”, “Access to a lawyer and rule of law”, Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza għal-Laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-3 u l-4 ta' Marzu 2022: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6319-2022-INIT/mt/pdf>.

¹³⁴ Ir-Rakkomandazzjoni Nru R(2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

¹³⁵ Id-data għall-2024 inġabret permezz ta' tweġibiet mill-membri tas-CCBE għal kwestjonarju.



(*) Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, l-Istati Membri jistgħu jiksbu massimu ta' disa' punti. L-istħarriġ sar fi tmiem l-2024. Għall-mistoqsija dwar il-garanziji tal-kunfidenzjalità tar-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent, ingħataw 0,5 punti għal kull xenarju (tifitix u sekwestru ta' data elettronika miżmuma mill-avukat, tfittxija fil-bini tal-avukat, interċettazzjoni ta' komunikazzjoni bejn l-avukat u l-klijent, sorveljanza tal-avukat jew tal-bini tiegħu, awditu tat-taxxa tad-ditta tal-avukati u verifiki amministrattivi oħrajn) kopert b' mod sħiħ. Għall-kriterji l-oħra kollha ssodisfati bis-sħiħ ingħata punt wieħed. Ma ngħata l-ebda punt jekk il-kriterju ma ġiex issodisfat. **MT:** It-tweġibiet tal-2020, adattati għall-metodoloġija l-ġdida. **EE:** Il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu setgħat superviżorji wiesgħa fuq l-organizzazzjoni tas-sistema tal-għajjuna legali. **LT:** Skont il-Liġi dwar il-Kamra tal-Avukati, il-kunsill tal-kamra tal-avukati jista' jieħu azzjoni dixiplinari kontra l-avukati. Madankollu, din tistabbilixxi wkoll li l-Ministru għall-Ġustizzja għandu dan id-dritt ukoll. Jekk il-Ministru għall-Ġustizzja jiddeċiedi li jibda azzjoni dixiplinari kontra avukat, il-kamra tal-avukati ma jkollhiex vuċi fi proċedimenti bħal dawn, u l-kawża tmur direttament quddiem il-qorti dixiplinari. Il-qorti dixiplinari tikkonsisti minn ħames avukati, li huma membri tal-kamra tal-avukati. Tlieta mill-ħamsa jiġu eletti mill-assemblea ġenerali tal-kamra tal-avukati, u tnejn oħra jinħatru mill-Ministru għall-Ġustizzja. **PL:** Il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu rwol superviżorju fuq il-kamra tal-avukati, bl-organizzazzjoni ta' eżamijiet tal-kamra tal-avukati u bl-iffissar tal-ammont ta' tariffi legali minimi (wara l-opinjoni mhux obbligatorja tal-kunsill suprem tal-kamra tal-avukati). **SI:** Il-proċedimenti dixiplinari jitwettqu esklużivament fi ħdan l-assoċjazzjoni tal-kamra tal-avukati nnifisha. Huwa possibbli li d-deċiżjoni tal-kumitat dixiplinari tal-prim'istanza tiġi appellata, li jiġi kkunsidrat mill-kumitat dixiplinari tat-tieni istanza. Ma hemm l-ebda possibbiltà ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-kumitat dixiplinari tat-tieni istanza. Dan huwa ddeterminat fl-Artikolu 65 tal-Att dwar l-Avukati: "Id-deċiżjonijiet tal-korpi dixiplinari tal-assoċjazzjoni tal-kamra tal-avukati għandhom ikunu eżekutorji."; **SK:** Primarjament, huwa l-kumitat ta' superviżjoni indipendenti tal-Assoċjazzjoni Slovacka tal-Kamra tal-Avukati li jippreżenta petizzjoni bbażata fuq l-ilment. Madankollu, il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jibda wkoll proċediment dixiplinari jekk "avukat ikun wettaq azzjoni li tista' titqies bħala mgħiba professjonali ħażina skont ir-regoli legali li kienu fis-seħħ sa issa, il-President tal-kumitat ta' superviżjoni jew il-Ministru għall-Ġustizzja (filwaqt li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' petizzjonant) jistgħu jippreżentaw rikors għall-bidu tal-proċediment dixiplinari skont dan l-Att lill-korp governattiv xieraq tal-kamra tal-avukati fil-limitu ta' żmien li kien japplika għall-bidu tal-proċediment dixiplinari skont ir-regola legali li kienet fis-seħħ sa issa." **FI:** Il-kamra tal-avukati hija taħt is-superviżjoni tal-Kanċillier tal-Ġustizzja bħala awtorità pubblika. Il-Kanċillier għandu awtorità superviżorja fuq l-avukati kif irregolat fl-Att dwar l-Avukati.

2.3.3. Sommarju dwar l-indipendenza ġudizzjarja

L-indipendenza ġudizzjarja hija element essenzjali tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kif minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u indispensabbli biex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif meħtieġ skont l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din hija element fundamentali ta' sistema ġudizzjarja effettiva u essenzjali għad-difiża tal-istat tad-dritt. Hija vitali biex tiġi żgurata l-ġustizzja tal-proċedimenti ġudizzjarji u l-fiduċja tal-pubbliku u tan-negozji fis-sistema legali. Is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għalhekk iridu jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja li jirriżultaw mid-dritt tal-UE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u jqisu kif xieraq l-istandards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 turi xejriet fil-perċezzjonijiet tal-pubbliku ġenerali u tal-kumpaniji dwar l-indipendenza ġudizzjarja. Din l-edizzjoni tippreżenta wkoll xi indikaturi ġodda dwar is-sitwazzjoni rigward l-irtirar u r-rikuża ta' mħallef fl-Istati Membri kollha, u l-ħatra u t-tkeċċija tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni.

L-indikaturi strutturali ma jippermettux fihom infushom li jintlaħqu konklużjonijiet dwar l-indipendenza ta' dawn il-korpi, iżda jirrappreżentaw elementi possibbli li jistgħu jittieħdu bħala punt tat-tluq għal analiżi bħal din.

a) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 tippreżenta l-iżviluppi fl-indipendenza perċepita mill-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali (l-Ewrobarometru FL554) u tal-kumpaniji (l-Ewrobarometru FL555):

- Minn naħa waħda, l-istħarriġ tal-Ewrobarometru fost il-pubbliku ġenerali (Illustrazzjoni 50) juri li l-perċezzjoni tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin tgiebet jew baqgħet stabbli fi 17-il Stat Membru meta mqabbla mal-2016, filwaqt li ħames Stati Membri jiffaċċjaw sfidi. Min-naħa l-oħra, meta mqabbla mas-sena li għaddiet, il-perċezzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar l-indipendenza tgiebet jew baqgħet stabbli f'21 Stat Membru filwaqt li naqset f'6 Stati Membri. Fi tliet Stati Membri, il-livell ta' indipendenza perċepita għadu partikolarment baxx.
- L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-kumpaniji (Illustrazzjoni 52) juri li l-perċezzjoni tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin tgiebet jew baqgħet stabbli fi 18-il Stat Membru meta mqabbla mal-2016, filwaqt li naqset f'disa' Stati Membri. Meta mqabbla mas-sena li għaddiet, il-perċezzjoni tal-kumpaniji dwar l-indipendenza tgiebet jew baqgħet stabbli fi 18-il Stat Membru u naqset f'9 Stati Membri. Fi tliet Stati Membri, il-livell ta' indipendenza perċepita għadu partikolarment baxx.
- Fost ir-raġunijiet għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin, l-interferenza jew il-persjoni mill-gvern u l-politiċi kienet l-aktar raġuni msemmija ta' spiss, segwita minn persjoni minn interessi ekonomiċi jew interessi speċifiċi oħrajn. Iż-żewġ raġunijiet għadhom notevoli għal tliet Stati Membri fejn l-indipendenza perċepita hija baxxa ħafna (Illustrazzjonijiet 51 u 53).

b) Mill-2022, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE ppreżentat ir-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-effettività tal-protezzjoni tal-investiment mil-liġi u mill-qrati f'dak li jirrigwarda, fil-fehma tagħhom, deċiżjonijiet mhux ġustifikati jew nuqqas ta' azzjoni mill-Istat (Illustrazzjoni 54). L-imġiba amministrattiva, l-istabbiltà u l-kwalità tal-proċess tat-tfassil ta' liġijiet, kif ukoll l-effettività tal-qrati u l-protezzjoni tal-proprjetà għadhom fatturi ewlenin ta' sinifikat paragonabbli għall-fiduċja fil-

protezzjoni tal-investment (Illustrazzjoni 55). Meta mqabbla mas-sena li għaddiet, il-fiduċja fil-protezzjoni tal-investment tgiebet fi 13-il Stat Membru.

- c) L-Illustrazzjoni 56 tippreżenta s-sitwazzjoni rigward l-irtirar u r-rikuża ta' mħallef fl-Istati Membri kollha.
- d) L-Illustrazzjoni 57 tħares lejn il-ħatra u t-tkeċċija tal-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni u għalhekk lejn xi wħud mis-salvagwardji relatati mal-funzjonament tas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali fl-UE.
- e) L-Illustrazzjoni 58 turi li l-indipendenza tal-avukati hija ġeneralment żgurata, u tippermetti lill-avukati jwettqu liberament l-attivitajiet tagħhom ta' konsulenza u ta' rappreżentanza tal-klijenti tagħhom.

3. INDIKATURI OĦRA RILEVANTI GĦAS-SUQ UNIKU

Lil hinn mill-qrati, mis-servizzi ta' prosekuzzjoni u minn korpi ġudizzjarji oħra, li huma importanti għall-applikazzjoni indipendenti tad-dritt tal-UE, diversi awtoritajiet pubbliċi oħra għandhom il-kompitu li japplikaw id-dritt tal-UE f'oqsma speċifiċi, bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni. Din l-edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tinkludi ċarts addizzjonali li huma relatati ma' korpi li huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku.

Minbarra s-suġġetti koperti b'mod regolari, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2025 turi għall-ewwel darba l-indikaturi għas-setgħat u l-indipendenza tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, li għandhom rwol importanti fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tippreżenta data dwar l-indipendenza perċepita, kif ukoll dwar l-awtoritajiet involuti fil-ħatra u t-tkeċċija tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku, li huma wħud mill-awtoritajiet ewlenin għall-funzjonament tas-suq uniku.


3.1. Awtoritajiet indipendenti rilevanti għall-funzjonament tas-suq uniku

L-awtoritajiet indipendenti huma salvagwardja ewlenija tal-istat tad-dritt għall-funzjonament tas-suq uniku. Għall-ewwel darba, it-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta ċerti aspetti strutturali ta' xi wħud minn dawn l-awtoritajiet, bħall-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar. Għall-ewwel darba tippreżenta wkoll l-indipendenza perċepita tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku, u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

L-Illustrazzjoni 59 tippreżenta kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku. Dawn il-korpi huma stabbiliti fl-Istati Membri abbażi tad-Direttivi dwar ir-Rimedji (id-Direttiva 89/665/KEE u d-Direttiva 92/13/KEE, kif emendati bid-Direttiva 2007/66/KE u d-Direttiva 2014/23/UE). Skont id-Direttivi dwar ir-Rimedji, il-kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, tad-Direttiva 2014/24/UE u tad-Direttiva 2014/25 u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti jistgħu jiġu riveduti b'mod effettiv u, b'mod partikolari, malajr kemm jista' jkun fuq il-bażi li tali deċiżjonijiet ikunu kisru d-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku jew tar-regoli nazzjonali fit-traspożizzjoni ta' dak id-dritt. Il-korp responsabbli għar-rieżami jista' jkun ġudizzjarju jew mhux ġudizzjarju. Il-korpi mhux ġudizzjarji normalment jieħdu l-forma ta'

awtorità amministrattiva indipendenti. F'dak il-każ, id-Direttivi dwar ir-Rimedji jistipulaw rekwiżiti proċedurali ulterjuri kif ukoll id-disponibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja ulterjuri.

Illustrazzjoni .: Kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku (*) (sors: L-Ewrobarometru (¹³⁶) - 2025)




(*) L-Istati Membri huma kklassifikati l-ewwel skont il-perċentwal ta' risponenti li ddikjaraw li l-indipendenza hija "tajba ħafna" jew "pjuttost tajba" (it-total ta' perċezzjoni tajba); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total tajba, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna" (it-total ta' perċezzjoni ħażina); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba u total ta' perċezzjoni ħażina, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "tajba ħafna"; jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċezzjoni tajba, total ta' perċezzjoni ħażina u "tajba ħafna", dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "ħażina ħafna".

L-Illustrazzjoni 60 tippreżenta kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni. Dawn l-awtoritajiet jiffurmaw parti minn sistema deċentralizzata li hija bbażata fuq il-kompetenza parallela tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u tal-qrati nazzjonali tal-Istati Membri biex jinfurzaw ir-regoli tal-antitrust tal-UE. Bħala tali, huma waħda mill-awtoritajiet ewlenin għall-funzjonament tas-suq uniku.

¹³⁶ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, imwettaq bejn it-13 u d-29 ta' Jannar 2025, iwieġeb għall-mistoqsija: "Minn dak li taf, kif tikklassifika l-korp ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku li jirrieżamina l-każijiet tal-akkwist pubbliku f'termini tal-indipendenza tiegħu? Tgħid li huwa tajjeb ħafna, pjuttost tajjeb, pjuttost ħażin jew ħażin ħafna?", ara: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#surveys.

Illustrazzjoni .: Kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (*) (sors: L-Ewrobarometru ⁽¹³⁷⁾ - 2025)




(*) L-Istati Membri huma kklassifikati l-ewwel skont il-perċentwal ta' risponenti li ddikjaraw li l-indipendenza hija "tajba ħafna" jew "pjuttost tajba" (it-total ta' perċeżżjoni tajba); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċeżżjoni tajba, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "pjuttost ħażina" jew "ħażina ħafna" (it-total ta' perċeżżjoni ħażina.); jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċeżżjoni tajba u total ta' perċeżżjoni ħażina, dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "tajba ħafna"; jekk xi Stati Membri jkollhom l-istess perċentwal ta' total ta' perċeżżjoni tajba, total ta' perċeżżjoni ħażina u "tajba ħafna", dawn jiġu kklassifikati skont il-perċentwal ta' risponenti li qalu li l-indipendenza hija "ħażina ħafna".

L-Illustrazzjoni 61 tippreżenta lill-awtoritajiet involuti fil-proċeduri ta' ħatra u ta' tkeċċija għall-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku. Iċ-ċifra tirrifletti l-proċeduri jew fir-rigward tal-membri tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku (meta dawn ikunu ta' natura mhux ġudizzjarja jew ma jkunux parti mis-sistema tal-qorti regolari u jiddeċiedu fil-bordijiet) jew il-kapijiet tagħhom meta l-korpi jkunu jikkonsistu minn uffiċjali pubbliċi.

¹³⁷ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL555, imwettaq bejn it-13 u d-29 ta' Jannar 2025, iweġeb għall-mistoqsija: "Minn dak li taf, kif tikklassifika lill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li tiddeċiedi fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni f' termini tal-indipendenza tagħha? Tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?", ara: https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt#surveys.

Illustrazzjoni .: Korpi ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku tal-prim'istanza: ħatra u tkeċċija
 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea man-Network tal-Korpi ta' Rieżami tal-Prim'Istanza dwar l-Akkwist Pubbliku)




(*) Iċ-ċart tirreferi għall-proċeduri ta' ħatra u ta' tkeċċija tal-korpi li ġejjin: **BG:** Wara proċedura pubblika, kull partit politiku rrappreżentat fil-Parlament jipproponi l-kandidati tiegħu stess għall-membri u għall-president tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni, u mbagħad il-Parlament jibda jeleġġihom b'ċertu kworum. Skont il-Liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni, is-setgħat tal-president, tal-viċi president u tal-membri għandhom jintemmu mill-Parlament qabel ma jintemmu il-mandat tagħhom għal raġunijiet speċifiċi ddikjarati fil-liġi. **CZ:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni għall-Viċi President għall-Akkwist Pubbliku. Il-korp ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku jikkonsisti f'żewġ istanzi. Id-deċiżjonijiet tal-prim'istanza huma ffirmati mill-Viċi President għall-Akkwist Pubbliku u jistgħu jiġu rieżaminati mit-tieni istanza rrappreżentata mill-President tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (OPC, Office for the Protection of Competition). Il-Viċi President għall-Akkwist Pubbliku jinħatar u jitkeċċa mill-President tal-OPC. Il-President jinħatar u jitkeċċa mill-President tar-Repubblika tal-Polonja fuq proposta tal-Prim Ministru. **DK:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-membri tal-presidenza (10 imħallfin) inkluż il-kap tal-korp ta' rieżami, u l-20 esperti. Il-membri kollha jinħataru mill-Ministru tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji. Il-membri tal-presidenza huma proposti mill-president tal-qorti li taħtha jippresjedu l-imħallfin. Il-proposta mill-president tal-qorti dejjem tiġi segwita. L-esperti huma proposti parzjalment mill-ministeri u minn korpi oħra tal-gvern, parzjalment minn ċerti assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet imsemmija fil-liġi. Il-membri u l-kap tal-Bord tal-Ilmenti jistgħu jitkeċċew mill-Ministru Daniż tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji. Il-ministru ma għandux bżonn proposta sabiex ikeċċi membru jew il-kap tal-Bord tal-Ilmenti. **DE:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-ħatra u t-tkeċċija tal-membri tat-Tribunali tal-Akkwist Pubbliku (dipartiment speċjalizzat tal-Awtorità Kompetenti fil-Qasam tal-Kompetizzjoni (Bundeskartellamt) fil-livell federali u Vergabekammern – it-Tribunali tal-Akkwist Pubbliku fil-livell tal-Istat). L-awtorità responsabbli għall-ħatra tal-korp ta' rieżami tal-prim'istanza hija l-awtorità amministrattiva li l-korp jappartjeni għaliha (regoli li jiddevjaw fil-livell tal-istati possibbli). Il-membri tat-Tribunal jinħataru għal mandat ta' 5 snin bil-liġi. Huma jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u huma marbuta biss mil-liġi. Ara t-Taqsima 157 (4) GWB (l-Att Ġermaniż dwar il-Kompetizzjoni). Ma hemm l-ebda regolament speċifiku dwar tkeċċija fil-liġi Ġermaniża dwar l-akkwist. Huma biss ir-regolamenti ġenerali dwar is-servizzi ċivili ("Beamtenecht") li x'aktarx jagħtu lok għall-possibbiltà ta' tkeċċija mis-servizz ċivili mill-kap tal-korp amministrattiv li t-Tribunal għall-Akkwist Pubbliku jappartjeni għalih f'każijiet eċċezzjonali, pereżempju fil-każ ta' mgħiba ħażina serja jew mard fit-tul. Madankollu, il-kap tal-korp amministrattiv jista' jissostitwixxi lill-membri f'pożizzjoni oħra bħala deċiżjoni organizzazzjonali. **EE:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-kap u tal-membri tal-Kumitat ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku. Il-Ministeru tal-Finanzi jipproponi u l-gvern jaħtar/ikeċċi. **EL:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-membri tal-bord tal-Awtorità Ellenika Unika għall-Akkwist Pubbliku. L-għażla tal-

kandidati għall-pożizzjonijiet tal-Membri titwettaq wara proċedura miftuħa mill-Kunsill Suprem għall-Għażla tal-Persunal (ASEP, awtorità amministrattiva indipendenti), f'konformità mal-proċedura ta' L. 4765/2021 (A` 6). Il-membri jinħatru b'Deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja. Il-proċedura dixxiplinari għall-membri tal-Awtorità tinbeda mill-Ministru tal-Ġustizzja, wara rakkomandazzjoni mill-President tal-Awtorità. Huwa stabbilit Kunsill Dixxiplinari, li jikkonsisti f'Viċi President tal-Kunsill tal-Istat, Viċi President tal-Qorti Suprema (Areios Pagos) u Viċi President tal-Awtorità tal-Awditjar. Il-kap tal-korp ta' rieżami tal-prim'istanza (President) huwa propost mill-Ministru tal-Ġustizzja u jinħatar permezz ta' att tal-Kunsill tal-Ministri maħruġ wara l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Speċjali tal-Parlament dwar l-Istituzzjonijiet u t-Trasparenza. Għat-tkeċċija, il-proċedura dixxiplinari għall-membri tal-Awtorità tinbeda mill-Ministru tal-Ġustizzja, wara rakkomandazzjoni mill-President tal-Awtorità. Huwa stabbilit Kunsill Dixxiplinari, li jikkonsisti f'Viċi President tal-Kunsill tal-Istat, Viċi President tal-Qorti Suprema u Viċi President tal-Awtorità tal-Awditjar. **ES:** Hemm proposta konġunta mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-Ministeru tal-Ġustizzja lill-Gvern (il-Kunsill tal-Ministri), li jaħtar. Ma hemm l-ebda tkeċċija, peress li l-kap tat-TACRC jinħatar għal perjodu ta' 6 snin. Madankollu, il-liġi tistabbilixxi lista ta' raġunijiet li jtemmu dan il-mandat. **CY:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni għall-kap u għall-membri tal-Awtorità ta' Rieżami tal-Offerti. Għall-ħatra, l-awtorità proponenti hija l-Ministeru tal-Finanzi u l-awtorità tal-ħatra hija l-Kunsill tal-Ministri. Għat-tkeċċija, il-Kunsill tal-Ministri huwa l-awtorità li ttipponi u tkeċċi. **LV:** L-Uffiċċju għall-Monitoraġġ tal-Akkwisti (PMB, Procurement Monitoring Bureau) huwa istituzzjoni tal-Istat ta' amministrazzjoni diretta taħt is-superviżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Id-deċiżjonijiet fi ħdan il-proċeduri ta' rieżami jittieħdu mill-kummissjoni għall-eżami tal-ilmenti li tikkonsisti minn tliet membri u li hija stabbilita b' mod speċjali fi ħdan il-PMB għal kull każ. Il-kummissjonijiet jiġu stabbiliti skont l-ordni tal-kap tal-PMB. Il-membri tal-kummissjoni huma impjegati taċ-ċivil/uffiċjali pubbliċi (inkluż il-kap tal-PMB). Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-kandidati stabbiliti mill-kap tal-PMB ttipponi kandidat għall-pożizzjoni. Il-membri jinħatru għall-pożizzjoni mill-kap tal-PMB. Il-membri jitkeċċew b' deċiżjoni tal-kap tal-PMB. **HU:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-president u tal-viċi president tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Akkwist Pubbliku. Il-Kunsill li jopera fi ħdan l-Awtorità tal-Akkwist Pubbliku jaħtar u/jew ikeċċi lill-President u lill-Viċi President tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Akkwist Pubbliku. L-Awtorità tal-Akkwist Pubbliku hija korp baġitarju ċentrali li jopera bħala korp awtonomu tal-amministrazzjoni tal-Istat subordinat għall-Parlament. Il-membri tal-Kunsill huma stabbiliti fl-Artikolu 183(b) tal-Att CXLIII tal-2015 dwar l-akkwist pubbliku. **PL:** Il-kap tal-korp ta' rieżami tal-prim'istanza, il-Kamra tal-Appell Nazzjonali (l-NAC), il-President tal-NAC jinħatar u jitkeċċa, fuq talba tal-President tal-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku, mill-Ministru responsabbli għall-ekonomija għal terminu ta' 3 snin. **RO:** Il-kap tal-korp ta' rieżami tal-prim'istanza, il-Kunsill Nazzjonali għas-Soluzzjoni tal-Ilmenti, jiġi elett/imkeċċi mil-laqgħa plenarja fi ħdan il-membri tal-Kunsill. **SI:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni kemm għall-membri tal-bord kif ukoll għall-kap tal-Kummissjoni Nazzjonali ta' Rieżami għar-Rieżami tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Akkwist Pubbliku (NRC, National Review Commission). Għall-ħatra, il-Kummissjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju għall-Valutazzjoni tal-Adegwatezza tal-Kandidati tintervista lill-kandidati u toħroġ opinjoni motivata dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet speċjali msemmija fl-Artikolu 61.b taż-ZPVPJN u l-adeqwatezza tal-kandidati. Il-Kummissjoni tal-Parlament responsabbli għall-mandati u għall-elezzjonijiet permezz ta' proċess ta' votazzjoni tagħżel fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha u l-President tal-NRC imbagħad jinħatar mill-Parlament. Għat-tkeċċija, il-Kummissjoni tal-Parlament responsabbli għall-mandati u għall-elezzjonijiet tibgħat proposta għat-tkeċċija lill-Kummissjoni u mbagħad il-President jitkeċċa mill-Parlament. **SK:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-Viċi President tal-korp ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku tal-prim'istanza, l-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku (PPO, Public Procurement Office). Ir-rieżami tal-akkwist pubbliku jitwettaq mit-Taqsima tar-Rieżami tal-PPO, li hija mmexxija mill-Viċi President, li huwa propost mill-kap tal-uffiċċju tal-gvern u maħtur mill-gvern. It-tieni viċi president tal-PPO, il-Viċi President għall-aġenda strateġika jitkeċċa mill-gvern fuq il-proposta tal-kap tal-uffiċċju tal-gvern. **HR:** Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni kemm għall-membri tal-bord kif ukoll għall-kap tal-korp ta' rieżami dwar l-akkwist pubbliku tal-prim'istanza, il-Kummissjoni tal-Istat għas-Superviżjoni tal-Proċeduri tal-Akkwist Pubbliku. Il-Gvern jipponi, il-Parlament jaħtar u jkeċċi.

L-Illustrazzjoni 62 tippreżenta lill-awtoritajiet involuti fil-proċeduri ta' ħatra u tkeċċija għall-membri tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

Illustrazzjoni .: Awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni: ħatra u tkeċċija (*) (sors: Kummissjoni Ewropea man-Network tal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni)



(*) **BE:** Il-Ministru għall-Ekonomija jipproponi u jaħtar. Il-ministru jaħtar kumitat tal-għażla għall-membri. Il-Ministru għall-Ekonomija jipproponi t-tkeċċija, il-Kap tal-Istat (ir-Re) ikeċċi. **CZ:** Iċ-Ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-President tal-Uffiċċju. Il-Gvern jipproponi l-President tal-Uffiċċju, il-President tar-Repubblika jaħtar. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija, il-President tar-Repubblika jkeċċi. Il-President tal-Uffiċċju huwa rrappreżentat minn tliet Viċi Presidenti, li jinħatru u jitkeċċew mill-President tal-Uffiċċju fuq il-proposta tiegħu stess. **DK:** Il-Ministeru tal-Industrija, in-Negozju u l-Affarijiet Finanzjarji jipproponi, il-Gvern jaħtar. Ma hemm l-ebda awtorità, li ttipponi tkeċċija. Il-Gvern ikeċċi. **DE:** Il-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bundeskartellamt huma d-diviżjonijiet tad-deċiżjonijiet. Id-deċiżjonijiet tad-diviżjonijiet tad-deċiżjonijiet jittieħdu mill-membri tad-diviżjoni (il-President u żewġ membri assoċjati). Huma impjegati taċ-ċivil maħtura għat-tul ta' ħajjithom u jridu jkunu kkwalifikati biex iservu bħala mħallfin jew impjegati taċ-ċivil f'kariga għolja. Hija l-Awtorità li ttipponi li l-persuni li jimmaniġġjaw il-każijiet isiru membru ta' diviżjoni, huma jinħatru mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita biex membru ta' diviżjoni tad-deċiżjonijiet jitneħħa mill-funzjoni tiegħu. Tkeċċija, ordnata mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija, hija possibbli biss taħt ir-regolamenti ġenerali dwar is-servizz ċivili. L-Awtorità tista' tittrasferixxi membri ta' diviżjoni mid-diviżjoni għal kwalunkwe dipartiment ieħor fi ħdan l-Awtorità. **IE:** Is-Servizz Pubbliku tal-Ħatriet jipproponi, il-Ministru għall-intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi jaħtar il-president u ż-żewġ kummissjonijiet sa erbgħa. Il-Ministru għall-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi jkeċċi lill-president u liż-żewġ kummissarji, lit-tlieta jew l-erbgħa li huma. **EE:** Id-Direttur Ġenerali tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni Estonjana jinħatar u jitneħħa mill-kariga mill-Ministru tal-Ġustizzja fuq il-proposta tas-Segretarju Ġenerali tal-Ministeru tal-Ġustizzja. **EL:** Il-Bord tal-Kummissjoni Ellenika tal-Kompetizzjoni, il-korp deċiżjonali tal-Awtorità, jikkonsisti f'10 membri, inkluż il-President, il-Viċi President, sitt Relaturi u żewġ membri regolari, bis-supplenti tagħhom. Il-President u l-Viċi President tal-Kummissjoni jintgħażlu, wara proposta tal-Ministru tal-Iżvilupp, b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri, maħruġa wara li jkun ingħata l-kunsens mill-Kumitat Parlamentari dwar l-Istituzzjonijiet u t-Trasparenza. L-għażla tar-Relaturi u ż-żewġ membri regolari u supplenti tal-Kummissjoni ssir mill-Ministru tal-Iżvilupp, wara li jkun ingħata l-kunsens mill-Kumitat Parlamentari dwar l-Istituzzjonijiet u t-Trasparenza, abbażi ta' lista ta' kandidati, imfassla mill-Kumitat tal-Għażla, wara kompetizzjoni mifutħa, li tinkludi s-sottomissjoni ta' fajl personali u intervista. Il-membri regolari u supplenti tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni, kif ukoll ir-Relaturi jinħatru b'deċiżjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp u l-Investimenti, li tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kumitat tal-Għażla ta' ħames membri jikkonsisti f'dawn li ġejjin: a) il-President jew il-Viċi President tal-Kunsill tal-Istat jew il-President jew il-Viċi President tal-Kunsillier Legali tal-Istat, bħala President, b) il-President jew il-Viċi President tal-Kunsill Suprem għall-Għażla tal-Persunal Ċivili (ASEP), c) eks President jew Viċi President tal-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni, maħtur bix-xorti, d) membru tat-TSS HEI speċjalizzat fil-liġi tal-kompetizzjoni, innominat mill-Ministru tal-Iżvilupp u e) membru tat-TSS HEI speċjalizzat fl-ekonomija tal-kompetizzjoni, innominat mill-Ministru tal-Iżvilupp. Il-proċedimenti dixxiplinari


quddiem il-Kunsill Dixxiplinari għandhom jinbdeu mill-Kunsill tal-Ministri, wara proposta tal-Ministru tal-Iżvilupp u l-investimenti, fir-rigward tal-President u l-membri tiegħu. Il-Kunsill Dixxiplinari jikkonsisti f'żewġ (2) Kunsillieri tal-Istat, imħallef wieħed (1) tal-Qorti Suprema u żewġ (2) professuri universitarji, attivi jew emeritus, speċjalizzati fil-liġi tal-kompetizzjoni, fil-liġi kummerċjali, kriminali jew pubblika jew fl-ekonomija, u l-mandat tagħhom għandu jkun ta' 5 snin. **ES:** Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kompetittività jipproponi l-10 membri tal-Bord tas-CNMC, inklużi l-President u l-Viċi President tiegħu, u l-Gvern jaħtarhom. Il-Parlament jista' juża l-veto għall-ħatra tal-kandidati proposti b' maġġoranza assoluta (50% +1). Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija u jkeċċi lill-membri tal-Bord. **FR:** Il-President tar-Repubblika jaħtar l-erba' Viċi Presidenti kollha tal-Bord (membri permanenti) kif ukoll lit-12-il membru mhux permanenti u ż-2 membri speċjalizzati li jservu meta l-NCA tirregola dwar kwistjonijiet li jappartjenu għal professjonijiet legali regolati. Il-Bord tal-NCA jipproponi t-tkeċċija, il-President tar-Repubblika jkeċċi l-membri tal-Bord. **HR:** Il-Gvern jipproponi, il-Parlament jaħtar il-membri tal-NCA. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija, il-Parlament jkeċċi l-membri tal-NCA. **IT:** Il-Presidenti tal-Kamra u tas-Senat jaħtru l-president u l-membri tal-Bord tal-Awtorità. Il-Presidenti tal-Parlament jieħdu d-deċiżjoni finali dwar it-tkeċċija, ladarba d-deċiżjoni tal-imħallef li japplika l-piena anċillari ta' skwalifika mill-kariga pubblika tkun finali. **CY:** Il-Ministru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-industrija jipproponi, il-Gvern (il-Kunsill tal-Ministri) jaħtar. Il-Gvern (il-Kunsill tal-Ministri) jipproponi tkeċċija u jkeċċi. **LV:** Il-Ministeru tal-Ekonomija jipproponi l-president tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni u erba' membri tal-kunsill, il-Kabinet tal-Ministri jaħtarhom. Il-Ministeru tal-Ekonomija jipproponi t-tkeċċija tagħhom, kumitat stabbilit mill-Kabinet tal-Ministri jkeċċi. **LT:** Il-Prim Ministru jipproponi lill-membri fil-korp deċiżjonali tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni Litwan, il-President jaħtar. Il-Prim Ministru jipproponi t-tkeċċija tal-membri fil-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni Litwan, il-President ikeċċi. **LU:** Issir sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet, il-President tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni jaħtar. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija, il-Kap tal-Istat (Gran Duka) ikeċċi. **HU:** Il-President tal-Awtorità Ungeriża għall-Kompetizzjoni jipproponi, il-President tal-Ungerija jaħtar il-membri tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni, li jaġixxi bħala forum deċiżjonali separat fi ħdan l-Awtorità Ungeriża għall-Kompetizzjoni. Il-President tal-Awtorità Ungeriża tal-Kompetizzjoni jipproponi tkeċċija, il-President tal-Ungerija jkeċċi l-membri tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni. **MT:** Issir sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet. Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur jaħtar lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni (l-awtorità amministrattiva nazzjonali tal-kompetizzjoni) billi jikkonsulta mal-Ministru responsabbli għall-kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni. Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ikeċċi lid-Direttur Ġenerali. **NL:** Kummissjoni tal-għażla, li tikkonsisti minn membru tal-bord tal-NCA (ACM), id-direttur tad-direttorat tal-politika responsabbli għall-NCA fil-Ministeru, direttur tal-NCA, fuq talba ta' "uffiċjal barrani", u konsulent tas-Servizz Ċivili Superjuri Neherlandiż (ABD), tippromponi l-president u ż-żewġ membri l-oħra tal-bord tal-NCA lill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi, li mbaġhad jipproponihom ulterjorment. Il-Kunsill tal-Ministru jaħtarhom. Il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi jipproponi t-tkeċċija u jkeċċi l-membri. **AT:** Il-Gvern jipproponi d-Direttur Ġenerali tal-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-President jaħtar. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija tad-Direttur Ġenerali tal-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-President ikeċċi. **PL:** Il-Prim Ministru jipproponi u jaħtar il-membri tal-NCA. Il-Prim Ministru jipproponi t-tkeċċija u jkeċċi l-membri tal-NCA. **PT:** Il-Ministeru tal-Ekonomija jipproponi lill-membri tal-korp deċiżjonali tal-NCA, il-Parlament jaġhti opinjoni motivata, il-Gvern jaħtarhom. Il-Parlament jew il-Kunsill tal-Ministri jipproponi tkeċċija, il-Kunsill tal-Ministri jkeċċi. **RO:** Hemm sejħa miftuħa għall-applikazzjoni għad-disa' membri tal-Laqqha Plenarja tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni. L-Uffiċċji Permanenti tal-Kamra tad-Deputati u tas-Senat u l-Kumitati Legali u Ekonomiċi tal-Kmamar jipproponu l-kandidati, il-Kamra tad-Deputati u s-Senat jeleġġu u jaħtru l-membri. It-tkeċċija tal-membri sseħħ de iure, meta l-Qorti Suprema tiddeċiedi dwar ksur. **SI:** Il-Gvern u l-Ministeru tal-Ekonomija jipproponu l-membri tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, il-Parlament jeleġġihom. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija, il-Parlament ikeċċihom. **SK:** It-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju kontra l-Monopolji jikkonsisti f'żewġ istanzi, l-Uffiċċju u l-Kunsill tal-Uffiċċju kontra l-Monopolji. Fl-prim istanza, id-deċiżjoni tiġi adottata mid-dipartiment rispettiv tal-Uffiċċju. Fit-tieni istanza, il-Kunsill tal-Uffiċċju kontra l-Monopolji tal-SR (il-"Kunsill") jiddeċiedi dwar appelli u jirrieżamina d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju. Iċ-ċart tirrifletti s-sitwazzjoni tal-Kunsill tal-Bord kontra l-Monopolji. Il-President tal-Uffiċċju jipproponi l-membri tal-Kunsill tal-Uffiċċju kontra l-Monopolji, li jikkonsisti mill-President tal-Uffiċċju nnifsu u sitt membri tal-Kunsill. Il-Gvern jaħtarhom. Il-President tal-Uffiċċju jipproponi t-tkeċċija, il-Gvern ikeċċi. Il-President tal-Kunsill jinħatar u jitkeċċa mill-President tar-Repubblika. **FI:** Il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjegi jipproponi d-Direttur Ġenerali kif ukoll il-Kap tad-Diviżjoni tal-Kompetizzjoni tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur, il-Gvern jaħtarhom. Il-Gvern ikeċċi d-Diretturi. **SE:** Il-Gvern jipproponi u jaħtar id-Direttur Ġenerali tal-NCA. Il-Gvern jipproponi t-tkeċċija tiegħu, il-Bord tad-Dixxiplina tal-Gvern għal Uffiċjali Għolja jkeċċi d-Direttur Ġenerali.

L-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs, Supreme audit institutions) huma istituzzjonijiet ta' sorveljanza pubblika li jawditjaw l-użu tal-fondi pubbliċi. Il-kompitu prinċipali tagħhom huwa li jeżaminaw jekk il-fondi pubbliċi jintefqux b' mod ekonomiku, effiċjenti u effettiv f' konformità mar-regoli u r-regolamenti eżistenti. L-awditjar effettiv jgħin biex tinbena l-integrità fil-finanzi pubbliċi u tiġi miġġielda l-korruzzjoni. Dan iwassal għall-identifikazzjoni ta' użu illeċitu ta' fondi u korruzzjoni u jgħin biex jittieħdu passi ġudizzjarji kontra l-awturi ta' reati. Is-SAIs huma wkoll parti mis-sistemi nazzjonali ta' ekwilibriju ta' setgħat fis-salvagwardja tal-istat tad-dritt. Il-kooperazzjoni bejn is-SAIs tal-UE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) isseħħ prinċipalment fil-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt¹³⁸).

L-organizzazzjoni tas-SAIs tvarja madwar l-UE u ma hemmx mudell uniformi għall-Istati Membri kollha. IS-SAIs jistgħu jinqasmu f' żewġ tipi: korpi b'awtorità ġudizzjarja⁽¹³⁹⁾ u dawk mingħajrha. Is-SAIs jew ikunu mmexxija minn persuna waħda (¹⁴⁰) jew ikunu rregolati minn korp kolleġġjali⁽¹⁴¹⁾. L-SAIs jeħtieġ li jkunu indipendenti mil-lat operattiv u finanzjarjament awtonomi. L-istandards internazzjonali dwar l-indipendenza tas-SAIs jindikaw li l-kap tas-SAI u l-membri tal-istituzzjonijiet kolleġġjali jeħtieġ li jinħatru, jerġgħu jinħatru jew jitneħħew bi proċess li jiżgura indipendenza mill-eżekuttiv⁽¹⁴²⁾.

L-Illustrazzjonijiet 63 u 64 jippreżentaw l-awtoritajiet involuti fil-ħatra u t-tkeċċija tal-kap tas-SAI jew tal-membri tagħha, skont jekk is-SAI jkollhiex kap wieħed jew tkunx immexxija minn korp kolleġġjali.

Illustrazzjoni .: Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar: ħatra (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar)



(*) **BE:** Korp kolleġġjali - Il-Membri tal-Qorti tal-Awditjar huma mħallfin. Dawn jiġu eletti fil-Qorti tal-Awditjar mill-Kamra tad-Deputati. **BG:** Korp Kolleġġjali - Il-Viċi Presidenti u l-Membri tal-Uffiċċju tal-Awditjar jiġu eletti mill-Parlament fuq proposta mill-President tal-Uffiċċju tal-Awditjar. Il-President jiġi elett mill-Parlament. **CZ:** Korp Kolleġġjali - Il-Kamra tad-Deputati teleġġi l-15-il Membru abbażi tal-proposta magħmula mill-President tas-SAI. Il-

¹³⁸ L-istruttura tal-Kumitat ta' Kuntatt tikkonsisti mill-Kumitat ta' Kuntatt innifsu, magħmul mill-kapijiet tas-SAIs tal-UE u l-QEA, l-Uffiċċjali ta' Kollegament, li jipprovdu network attiv ta' kuntatti professjonali madwar l-Ewropa, kif ukoll gruppi ta' ħidma, networks u task forces dwar suġġetti speċifiċi tal-awditjar.

¹³⁹ BE, FR, EL, IT, PT, ES.


¹⁴⁰ AT, HR, CY, DK, EE, FI, HU, IRE, LT, MT, SK, SE.

¹⁴¹ BE, BG, CZ, FR, DE, EL, LV, LU, NL, PL, PT, RO, SI, ES.

¹⁴² INTOSAI (2019), Id-Dikjarazzjoni tal-Messiku dwar l-Indipendenza tas-SAI, il-Prinċipju 2.

*President u l-Viçi President jinħatru mill-President tar-Repubblika abbażi ta' proposta mill-Kamra tad-Deputati. **DK:** L-Awditur Ġenerali jinħatar mill-Ispeaker tal-Parlament Daniż, fuq rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament u l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Ordniġiet Permanenti tal-Parlament. **DE:** Il-membri tas-SAI jinħatru mill-President tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fuq proposta tal-President tas-SAI. Il-President jiġi elett miż-żewġ kmamar tal-parlament fuq proposta mill-gvern federali u jinħatar mill-President tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. **EE:** Proposta: il-President tar-Repubblika (l-EE tqis li l-President tar-Repubblika ma jagħmilx parti mill-eżekuttiv), Deċiżjoni: il-Parlament. **IE:** Il-Kontrollur u l-Awditur Ġenerali jinħatru mill-President Irlandiż fuq nomina mill-Parlament. **EL:** Korp kolleġġjali - il-Qorti tal-Awditjar hija l-Qorti Finanzjarja Suprema. Il-membri tagħha huma mħallfin, maħtura b'Digriet Presidenzjali fuq deċiżjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem. Il-president u l-viçi presidenti tiegħu jinħatru permezz ta' Digriet Presidenzjali fuq proposta tal-Kunsill tal-Ministri, wara opinjonijiet mhux vinkolanti mill-Parlament u mil-laqgħa plenarja tal-Qorti. Ma hemm l-ebda rieżami tad-deċiżjonijiet għall-ħatra tal-President/il-viçi presidenti. **ES:** Korp kolleġġjali - il-Kunsillieri huma mħallfin, maħtura mill-Parlament Spanjol (sitta mill-Kungress u sitta mis-Senat). Il-President tal-Qorti tal-Awdituri jinħatar mir-Re ta' Spanja minn fost il-Kunsillieri tal-Qorti, wara proposta mil-Laqgħa Plenarja tal-Qorti. **FR:** Korp kolleġġjali - L-ewwel president u l-presidenti tal-awli huma maġistrati, maħtura b'digriet tal-President tar-Repubblika maħruġ mill-Kunsill tal-Ministri. **HR:** L-Awditur Ġenerali jinħatar mill-Parlament abbażi ta' proposta mill-kumitat responsabbli għall-għażla u l-ħatra, flimkien ma' opinjoni pprovduta mill-kumitat responsabbli għall-finanzi u l-Baġit tal-Istat. **IT:** Korp kolleġġjali. Il-Qorti tal-Awditjar għandha uffiċċji ċentrali u reġjonali. Il-membri tagħha huma maġistrati, reklutati permezz ta' kompetizzjoni miftuħa. Il-Gvern għandu s-setgħa li jaħtar kwota ta' maġistrati tal-Qorti tal-Awditjar, wara li jikkonsulta mal-Prezidenza tal-Qorti tal-Awditjar. Il-President tal-Qorti jinħatar permezz ta' Digriet tal-President tar-Repubblika fuq proposta tal-Kunsill tal-Ministri (li jrid jikkonsulta mal-Kunsill tal-Prezidenza tal-Qorti tal-Awditjar). **CY:** Il-President tar-Repubblika jaħtar l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali. L-ebda korp ieħor ma jipparteċipa fil-ħatra. **LV:** Korp kolleġġjali. Il-membri tas-SAI jinħatru mill-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Awditur Ġenerali. L-Awditur Ġenerali jinħatar mill-Parlament. **LT:** Proposta: il-President tar-Repubblika; Ħatra: il-Parlament. **LU:** Korp kolleġġjali, il-President u l-membri tas-SAI jinħatru mill-Gran Duka fuq proposta tal-Parlament, li jħejji lista bil-kandidati. **HU:** Il-President tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat jiġi elett b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Membri tal-Assemblea Nazzjonali, wara proposta mill-kumitat permanenti parlamentari li jittratta kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-uffiċċju tal-awditjar. **MT:** L-Awditur Ġenerali huwa uffiċjal tal-Kamra tad-Deputati u jinħatar b'deċiżjoni tal-President tar-Repubblika, li timplimenta r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati (maġġoranza ta' żewġ terzi). Il-President ma għandu l-ebda diskrezzjoni f'dan ir-rigward. **NL:** Korp kolleġġjali. Il-membri tal-Qorti tal-Awdituri jinħatru bid-Digriet Reġju minn lista ta' tliet persuni mfasla mill-Kamra Inferjuri tal-Parlament. Il-President tagħha jinħatar fost il-membri tagħha mill-Kap tal-Istat li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Gvern. **AT:** Il-President tal-Qorti tal-Awditjar Awstrijaka jiġi elett b'maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament, fuq proposta tal-Kumitat Ewlieni tiegħu. **PL:** Korp kolleġġjali. Il-Membri jinħatru mill-Ispeaker tas-Sejm (kamra inferjuri tal-Parlament) fuq talba tal-President tas-SAI. Il-President jinħatar mis-Sejm bil-kunsens tas-Senat, wara proposta tal-Ispeaker tas-Sejm jew grupp ta' mill-inqas 35 mill-membri tiegħu. **PT:** Korp kolleġġjali. Il-membri tal-Qorti tal-Awdituri huma mħallfin, reklutati permezz ta' kompetizzjoni pubblika. Il-President jinħatar mill-President tar-Repubblika fuq proposta mill-Gvern. **RO:** Il-korp kolleġġjali, il-membri u l-president tal-Qorti tal-Kontabilità huma proposti u maħtura mil-Leġiżlatura. **SI:** Korp kolleġġjali. Il-Membri tiegħu huma l-President u żewġ Viçi Presidenti, maħtura mill-Parlament (vot ta' maġġoranza assoluta) fuq proposta mill-President tar-Repubblika. **SK:** Il-Kap tas-SAI huwa elett mill-Parlament. **FI:** L-Awditur Ġenerali jiġi elett mill-Parlament. **SE:** L-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali huma eletti u maħtura mill-Parlament.*

Illustrazzjoni .: Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar: tkeċċija (*) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar)



(*) iċ-**CZ**: Il-Membri tas-SAI jistgħu jitkeċċew mill-Kamra tad-Deputati wara d-deċiżjoni tal-Kamra Dixiplinari tas-SAI li ttipponi t-tkeċċija. Il-President u l-Viċi President tas-SAI jistgħu jitkeċċew mill-President tar-Repubblika fuq proposta tal-Kamra tad-Deputati. **DK**: L-Awditur Ġenerali jitneħħa mill-kariga b'deċiżjoni tal-Ispeaker tal-Parlament, wara lment lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi u wara li jikkonsulta lill-Viċi Speakers. **DE**: Ma jkun hemm l-ebda proċedura speċifika ta' tkeċċija; minħabba nuqqas ta' elezzjoni mill-ġdid possibbli, il-kap tas-SAI jitkeċċa fi tmiem il-mandat tiegħu ta' 12-il sena. Il-membri tas-SAI jistgħu madankollu jkunu soġġetti għal proċeduri dixiplinari li jistgħu jwasslu għal tkeċċija f'ċerti każijiet. Dawk il-proċeduri jsiru quddiem senat speċjalizzat tal-Qorti Suprema Federali ("Dienstgericht des Bundes"). Il-proposta għal proċedura bħal din issir mill-President ta' kwalunkwe kamra tal-Parlament. **EE**: L-Awditur Ġenerali jista' jitkeċċa b'deċiżjoni tal-Qorti Suprema wara talba mill-Kanċillier tal-Ġustizzja bil-kunsens tal-maġġoranza tal-Parlament. **IE**: L-Awditur Ġenerali jista' jitneħħa mill-kariga b'deċiżjoni tal-President biss wara riżoluzzjonijiet mġoddija miż-żewġ kmamar tal-Parlament li jitolbu t-tneħħija tiegħu. **EL**: Il-membri huma mħallfin. Proposta għal Tkeċċija/Bidu ta' azzjonijiet dixiplinari: il-Ministru għall-Ġustizzja; Deċiżjoni għal Tkeċċija: il-Kunsill Dixiplinari Suprem. **ES**: Il-membri tal-Qorti tal-Awditjar jistgħu jitneħħew biss għal ksur serju tad-dmirijiet tagħhom wara proċedimenti ġudizzjarji. **FR**: L-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi dwar it-tneħħija fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Għoli tal-Qorti tal-Kontabilità fil-formazzjoni dixiplinari tagħha. **HR**: Id-deċiżjoni dwar it-tneħħija tittieħed mill-Parlament Kroat.

IT: Il-maġistrati tal-Qorti jistgħu jitneħħew biss wara proċedimenti dixiplinari jew kriminali quddiem il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Qorti tal-Awdituri. Il-President tal-Qorti ma jistax jitneħħa mir-rwol tiegħu, li huwa jitlaq minħabba riżenja volontarja jew irtirar minħabba l-limitu tal-età. **CY**: L-Awditur Ġenerali jista' jitkeċċa biss għal imġiba ħażina serja wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Suprema. Il-President tar-Repubblika u l-Avukat Ġenerali jistgħu jippreżentaw talba għal tkeċċija. Il-President formalment joħroġ id-deċiżjoni li tkeċċi lill-Awditur Ġenerali, iżda huwa marbut bis-sentenza. **LV**: L-Awditur Ġenerali u l-membri tal-Kunsill tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Parlament biss abbażi ta' sentenza tal-qorti f'kawża kriminali. **LT**: Il-Parlament huwa kompetenti biex jirrilaxxa u jkeċċi lill-Awditur Ġenerali. Ir-raġunijiet għar-rilaxx u t-tkeċċija huma elenkati b'mod eżawrjenti fil-leġiżlazzjoni. **LU**: It-tneħħija permezz ta' digriet tal-Gran Duka fuq proposta mill-Parlament bl-opinjoni minn qabel tas-SAI. **HU**: Il-President tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat jista' jitneħħa mill-kariga b'deċiżjoni tal-Parlament. Il-proċedura tinbeda mill-kumitat parlamentari kompetenti. **MT**: It-tneħħija abbażi ta' inkapaċità ppruvata li jitwettqu l-funzjonijiet tal-Uffiċċju tiegħu/tagħha jew imġiba ħażina li tkun ippruvata. Proposta: Il-Kamra tad-Deputati (maġġoranza ta' żewġ terzi). Deċiżjoni: Il-President tar-Repubblika formalment joħroġ id-deċiżjoni iżda huwa marbut bir-riżoluzzjoni tal-Parlament. **NL**: Il-Qorti Suprema tista' tkeċċi jew tissospendi l-membri tas-SAI. **AT**: Id-Deċiżjoni għat-Tkeċċija teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Kunsill Nazzjonali. **PL**: Proposta għal tkeċċija tista' ssir mill-Marixxall tas-Sejm jew grupp ta' mill-inqas 35 Membru tas-Sejm (il-kamra inferjuri tal-Parlament); id-deċiżjoni dwar it-tkeċċija tittieħed mis-Sejm u mis-Senat, li jeħtieġ li jagħti l-kunsens tiegħu għat-tkeċċija mis-Sejm.

PT: Il-membri tas-SAI ma jistgħux jitneħħew, ħlief għal proċedimenti dixxiplinari, li jsiru fi ħdan is-SAI. Kumitat permanenti, ippresedut mill-President u magħmul mill-Viċi President u minn imħallef minn kull Awla eletti mill-pari tagħhom, huwa responsabbli għall-eżerċizzju ta' awtorità dixxiplinari, b'appell possibbli għall-plenarja ġenerali. Il-Kap tas-SAI jista' jitneħħa mill-Kap tal-Istat, fuq proposta tal-Gvern. Fil-prattika, din il-possibbiltà qatt ma ntużat.

RO: Il-membri tas-SAI jistgħu jitkeċċew biss mill-Parlament, fuq proposta tal-kumitati permanenti għall-baġit, il-finanzi u l-banek taż-żewġ Kmamar tal-Parlament. **SI:** Minimu ta' 15-il membru tal-Parlament jistgħu jipproponu t-keċċija tal-President jew tal-Viċi Presidenti tas-SAI. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-Parlament. **SK:** Il-Parlament jista' jneħħi l-President/il-Viċi Presidenti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni. **FI:** Il-Parlament jiddeċiedi dwar it-tneħħija fuq proposta tal-Kummissjoni tal-Uffiċċju tal-Parlament (Speaker, iż-żewġ Viċi Speakers u erba' membri oħra tal-Parlament). **SE:** Il-Parlament jista' jkeċċi Awditur Ġenerali mill-kariga biss jekk l-Awditur Ġenerali ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti li japplikaw għar-rwol jew jekk l-Awditur Ġenerali jkun ħati ta' negliġenza serja (tliet kwarti tal-votanti u aktar minn nofs il-membri tar-Riksdag).

3.2. Sommarju tal-indikaturi rilevanti għas-suq uniku

Lil hinn mill-qrati, mis-servizzi ta' prosekuzzjoni u minn korpi ġudizzjarji oħra, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-2025 tippreżenta għall-ewwel darba karatteristiċi ta' diversi awtoritajiet pubbliċi oħra, li jkollhom il-kompitu li japplikaw id-dritt tal-UE f'oqsma speċifiċi, bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni.

L-Illustrazzjonijiet 59 u 60 jippreżentaw kif il-kumpaniji jipperċepixxu l-indipendenza tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-2025 tippreżenta wkoll karatteristiċi ta' awtoritajiet indipendenti li huma rilevanti għall-funzjonament tas-suq uniku. L-Illustrazzjoni 61 tippreżenta l-mod li bih jinħatru u jitkeċċew l-membri u/jew il-kapijiet tal-korpi ta' rieżami tal-prim'istanza dwar l-akkwist pubbliku, filwaqt li l-Illustrazzjoni 62 tippreżenta l-istess għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, u l-Illustrazzjonijiet 63 u 64 jippreżentaw lill-awtoritajiet involuti fil-ħatra u t-tkeċċija tal-kap tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar jew tal-membri tagħhom, skont jekk ikunx hemm kap uniku jew korp kolleġjali.

4. KONKLUŻJONIJIET

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 tkompli tiżviluppa perspettiva fil-fond tal-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri. L-indikaturi jippreżentaw sforzi kontinwi biex itejbu l-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja. Barra minn hekk, dawn juru ċerti aspetti strutturali ta' awtoritajiet pubbliċi oħra inkarigati bl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Madankollu, għad hemm sfidi biex tiġi żgurata l-fiduċja sħiħa tal-pubbliku fis-sistemi legali tal-Istati Membri kollha. L-informazzjoni li tinsab fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tikkontribwixxi għall-monitoraġġ imwettaq bħala parti miċ-Ċiklu tal-Istat tad-Dritt Ewropew u tiddaħħal fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt.